



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0162/2023**

28.4.2023

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942 (COM(2021)0805 – C9-0476/2021 – 2021/0423(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel  
Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteurs: Pascal Canfin, Jutta Paulus

Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
ANNEX: LISTA TAL-ENTITAJIET JEW IL-PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR tal-KUMITAT ITRE, Jutta PAULUS, IRĊEVIIET KONTRIBUT .....	120
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI .....	122
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	124
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	126



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942 (COM(2021)0805 – C9-0467/2021 – 2021/0423(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0805),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0467/2021),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mil-Kamra tad-deputati Ċeka, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-12 ta' Ottubru 2022<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0162/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C 323, 26.8.2022, p. 101.

<sup>2</sup> ĠU C 498, 30.12.2022, p. 83.

## Emenda 1

### Proposta għal regolament Premessa 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Il-metan, ***il-komponent ewlieni tal-gass naturali***, huwa t-tieni biss wara d-diossidu tal-karbonju fil-kontribut ġenerali tiegħu għat-tibdil fil-klima u huwa responsabbli għal madwar terz tat-tisħin attwali.

#### *Emenda*

(1) Il-metan huwa t-tieni biss wara d-diossidu tal-karbonju fil-kontribut ġenerali tiegħu għat-tibdil fil-klima u huwa responsabbli għal madwar terz tat-tisħin attwali. ***Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) ppubblika fis-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tiegħu s-sejba li sal-2030 huwa meħtieġ tnaqqis profund fl-emissjonijiet antropoġeniċi tal-metan biex jibqa' taħt l-1,5 °C.***

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) ***Fuq livell molekulari***, għalkemm il-metan ***jibqa' fl-atmosfera għal perjodu*** iqsar (minn 10 snin sa 12-il sena) mid-diossidu tal-karbonju (mijiet ta' snin), l-effett serra tiegħu fuq il-klima huwa aktar sinifikanti ***u jikkontribwixxi għall-formazzjoni tal-ożonu li hija sustanza niġġiesa qawwija tal-arja li tikkawża problemi serji tas-saħħa.*** L-ammont ta' metan fl-atmosfera globalment żdied drastikament matul l-aħħar għaxar snin.

#### *Emenda*

(2) Għalkemm il-metan ***għandu medja ta' żmien ta' residenza atmosferika*** iqsar (minn 10 snin sa 12-il sena) mid-diossidu tal-karbonju (mijiet ta' snin), l-effett serra tiegħu fuq il-klima huwa aktar ***minn 80 darba<sup>1a</sup> aktar*** sinifikanti ***mid-diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>) matul perjodu ta' 20 sena.*** L-ammont ta' metan fl-atmosfera globalment żdied drastikament matul l-aħħar għaxar snin.

---

***<sup>1a</sup> Skont l-IPCC, fuq perjodu ta' żmien ta' 100 sena, il-metan għandu potenzjal ta' tisħin globali 29,8 darba akbar mid-diossidu tal-karbonju u huwa 82,5 darba aktar qawwi fuq perjodu ta' żmien ta' 20 sena. Is-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC (AR6, Tabella 7.15 fuq***

[https://www.ipcc.ch/report/ar6/wg1/downloads/report/IPCC\\_AR6\\_WGI\\_FullReport.pdf](https://www.ipcc.ch/report/ar6/wg1/downloads/report/IPCC_AR6_WGI_FullReport.pdf)

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(2a) Il-metan huwa gass prekursor għall-ożonu troposferiku li huwa sustanza dannuża u jikkontribwixxi għat-tniġġis tal-arja, bl-ożonu troposferiku jikkontribwixxi għal kważi 20 000 mewta prematura kull sena<sup>1a</sup>. L-indirizzar tal-emissjonijiet tal-metan mhux biss se jindirizza l-ambjent u l-klima iżda se jtejjeb ukoll il-protezzjoni tas-saħħa f'konformità mal-approċċ Saħħa Waħda.**

---

<sup>1a</sup> *Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Air quality in Europe – 2020 report (Il-Kwalità tal-arja fl-Ewropa – rapport tal-2020), p. 7;*

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3a) Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2021 dwar strateġija tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan<sup>1a</sup>, tistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-implikazzjonijiet għall-politiki u l-miżuri tal-użu fuq medda ta' żmien ta' 20 sena għall-potenzjal ta' tisħin globali, bħala komplementari għall-medda ta' żmien ta' 100 sena użat bħalissa f'konformità mal-linji gwida dwar l-inventarji tal-gassijiet serra tal-**

*Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC). Jinnota wkoll li aktar trasparenza dwar l-implikazzjonijiet tat-tisħin globali fuq terminu qasir tal-emissjonijiet tal-metan tgħin biex il-politiki tal-Unjoni dwar il-klima jiġu infurmati aħjar u jenfasisza li l-użu ta' tali metrika komplementari jenħtieġ li bl-ebda mod ma jintuża biex idewwem l-azzjoni meħtieġa biex jitnaqqsu wkoll b'mod drastiku u rapidu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>.*

---

*1a*

*[https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0436\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0436_MT.html) – ir-rapport Spyra*

## **Emenda 5**

### **Proposta għal regolament Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Skont id-data tal-inventarji tal-Unjoni dwar il-gassijiet serra (“GHG”), **is-settur** tal-enerġija huwa stmat li huwa responsabbli għal 19 % tal-emissjonijiet tal-metan fl-Unjoni. Dan ma jinkludix l-emissjonijiet tal-metan marbuta mal-konsum tal-enerġija fossili tal-Unjoni li qegħdin iseħħu barra mill-Unjoni.

*Emenda*

(4) Skont id-data tal-inventarji tal-Unjoni dwar il-gassijiet serra (“GHG”), **53 % tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-metan jiġu mill-agrikoltura, 26 % mill-iskart u s-settur** tal-enerġija huwa stmat li huwa responsabbli għal 19 % tal-emissjonijiet tal-metan fl-Unjoni. Dan ma jinkludix l-emissjonijiet tal-metan marbuta mal-konsum tal-enerġija fossili tal-Unjoni li qegħdin iseħħu barra mill-Unjoni. **L-Unjoni hija l-akbar importatur dinji tal-gass fossili, u għalhekk l-Unjoni hija mutur importanti tal-emissjonijiet globali tal-metan.**

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament Premessa 5**



(5) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jgħaqqad sett komprensiv ta' miżuri u inizjattivi ta' tisħiħ reċiproku mmirati lejn il-kisba tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>14</sup> tindika li d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-gass se tiġi ffaċilitata, inkluż billi tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-emissjonijiet tal-metan relatati mal-enerġija. F'Ottubru tal-2020, il-Kummissjoni adottat strateġija tal-UE sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan ("l-Istrateġija dwar il-Metan") li tistabbilixxi miżuri sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan fl-UE, inkluż fis-settur tal-enerġija, u internazzjonalment. Fir-Regolament (UE) 2021/1119<sup>15</sup> (il-"Liġi Ewropea dwar il-Klima"), l-Unjoni stabbiliet fil-leġiżlazzjoni l-mira tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050 u stabbiliet ukoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-anqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. **Sabiex jinkiseb dak il-livell ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' GHG, l-emissjonijiet tal-metan mis-settur tal-enerġija għandhom jonqsu b'madwar 58 % sal-2030 meta mqabbla mal-2020.**

(5) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jgħaqqad sett komprensiv ta' miżuri u inizjattivi ta' tisħiħ reċiproku mmirati lejn il-kisba tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>14</sup> tindika li d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-gass se tiġi ffaċilitata, inkluż billi tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-emissjonijiet tal-metan relatati mal-enerġija. F'Ottubru tal-2020, il-Kummissjoni adottat strateġija tal-UE sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan ("l-Istrateġija dwar il-Metan") li tistabbilixxi miżuri sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan fl-UE, inkluż fis-settur tal-enerġija, u internazzjonalment. Fir-Regolament (UE) 2021/1119<sup>15</sup> (il-"Liġi Ewropea dwar il-Klima"), l-Unjoni stabbiliet fil-leġiżlazzjoni l-mira tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050 u stabbiliet ukoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-anqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. **Fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha li takkumpanja dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tindika li 77 % tal-emissjonijiet totali previsti tal-metan lil hinn mil-linja bażi jistgħu jitnaqqsu fl-2030 għal inqas mis-somma tal-benefiċċji soċjali u ambjentali<sup>15a</sup>. Dan se jikkontribwixxi b'mod pożittiv biex it-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C u jippermetti lill-Unjoni tieħu rwol ta' tmexxija b'mod effettiv fil-ġlieda kontra l-emissjonijiet tal-metan u fit-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija.**

<sup>14</sup> COM(2019) 640 final.

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li

<sup>14</sup> COM(2019) 640 final.

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li

jemenda r-Regolamenti (KE)  
Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (il-“Liġi  
Ewropea dwar il-Klima”) (ĠU L 243,  
9.7.2021).

jemenda r-Regolamenti (KE)  
Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (il-“Liġi  
Ewropea dwar il-Klima”) (ĠU L 243,  
9.7.2021).

<sup>15a</sup> <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SWD:2021:0459:FIN:EN:PDF> (p. 67)

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) L-emissjonijiet tal-metan huma inklużi fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra għall-2030 stabbiliti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-miri nazzjonali vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2018/842<sup>16</sup>. Madankollu, bħalissa ma hemm l-ebda qafas legali fil-livell tal-Unjoni li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-metan ***fis-settur tal-enerġija***. Barra minn hekk, filwaqt li d-Direttiva 2010/75<sup>17</sup> dwar l-emissjonijiet industrijali tkopri l-emissjonijiet tal-metan mir-raffinar taż-żejt minerali u tal-gass, din ma tkoprix attivitajiet oħrajn fis-settur tal-enerġija.

---

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni

#### *Emenda*

(6) ***L-emissjonijiet tal-metan jiġu minn firxa wiesgħa ta’ setturi, inklużi l-agrikoltura, l-iskart, l-ilma mormi u l-enerġija.*** L-emissjonijiet tal-metan huma inklużi fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-gassijiet serra għall-2030 stabbiliti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-miri nazzjonali vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2018/842<sup>16</sup>. Madankollu, bħalissa ma hemm l-ebda qafas legali fil-livell tal-Unjoni li jstabbilixxi miżuri ***u miri*** speċifiċi ***li jkopru s-setturi kollha*** għat-tnaqqis tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-metan ***li jwasslu għal tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet tal-metan fl-Unjoni sal-2030, f’konformità mal-Ftehim ta’ Pariġi***. Barra minn hekk, filwaqt li d-Direttiva 2010/75<sup>17</sup> dwar l-emissjonijiet industrijali tkopri l-emissjonijiet tal-metan mir-raffinar taż-żejt minerali u tal-gass, din ma tkoprix attivitajiet oħrajn fis-settur tal-enerġija.

---

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni

klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018).

<sup>17</sup> Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010).

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) F'dan il-kuntest, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fl-esplorazzjoni u l-produzzjoni upstream taż-żejt u tal-gass fossili, il-ġbir u l-ipproċessar tal-gass fossili, it-trażmissjoni tal-gass, id-distribuzzjoni, il-ħżin taħt l-art u t-terminali tal-gass fossili likwidu (LNG), kif ukoll għall-minjieri tal-faħam taħt l-art, dawk magħluqa u dawk abbandunati.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018).

<sup>17</sup> Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010).

#### *Emenda*

(7) F'dan il-kuntest, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fl-esplorazzjoni u l-produzzjoni upstream taż-żejt u tal-gass fossili, il-ġbir u l-ipproċessar tal-gass fossili, it-trażmissjoni tal-gass, id-distribuzzjoni, il-ħżin taħt l-art u t-terminali tal-gass fossili likwidu (LNG), kif ukoll **għall-petrokimiċi**, għall-minjieri tal-faħam taħt l-art, dawk magħluqa u dawk abbandunati.

#### *Emenda*

**(7a) Peress li l-esplorazzjoni u l-produzzjoni upstream, il-ġbir u l-ipproċessar taż-żejt u tal-gass fossili jipproduċu wkoll in-nafta u l-likwidi tal-gass naturali għall-użu fis-settur petrokimiku u jirriżultaw f'emissjonijiet tal-metan. Is-settur petrokimiku għandu jkun soġġett għall-miżuri dwar il-monitoraġġ u r-rapportar, id-detezzjoni u**

*t-tiswija ta' tnixxijiet, u limiti għall-ivventjar u l-ivvampjar simili għal dawk fis-settur tal-enerġija.*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Ir-regoli għal kejl, rapportar u verifika akkurati tal-emissjonijiet tal-metan fis-setturi taż-żejt, tal-gass u tal-faħam, kif ukoll għat-tnaqqis ta' dawk l-emissjonijiet, inkluż permezz ta' sħarriġiet dwar id-detezzjoni tat-tnixxijiet u t-tiswija, u restrizzjonijiet fuq l-ivventjar u l-ivvampjar, jenħtieġ li jiġu indirizzati minn qafas legali xieraq tal-Unjoni. ***Tali qafas jenħtieġ li jkun fih regoli sabiex tittejjeb it-trasparenza*** fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-enerġija fossili fl-Unjoni, u ***b'hekk jittejjbu l-inċentivi*** għal użu usa' ta' soluzzjonijiet ta' mitigazzjoni tal-metan fid-dinja kollha.

*Emenda*

(8) Ir-regoli għal kejl, rapportar u verifika akkurati tal-emissjonijiet tal-metan fis-setturi taż-żejt, tal-gass u tal-faħam, kif ukoll għat-tnaqqis ta' dawk l-emissjonijiet, inkluż permezz ta' sħarriġiet dwar id-detezzjoni tat-tnixxijiet u t-tiswija, u restrizzjonijiet fuq l-ivventjar u l-ivvampjar, ***filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema mill-emissjonijiet tal-metan***, jenħtieġ li jiġu indirizzati minn qafas legali xieraq tal-Unjoni. ***Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jtejjbu t-trasparenza*** fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-enerġija fossili fl-Unjoni u ***jwasslu*** għal użu usa' ta' soluzzjonijiet ta' mitigazzjoni ***tal-emissjonijiet*** tal-metan fid-dinja kollha.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Il-konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament x'aktarx li tkun teħtieġ investimenti minn operaturi regolati u l-kostijiet assoċjati ma' investimenti bħal dawn jenħtieġ li jitqiesu fl-iffissar tat-tariffi, soġġett għal prinċipji ta' effiċjenza.

*Emenda*

(9) Il-konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament x'aktarx li tkun teħtieġ investimenti minn operaturi regolati u l-kostijiet assoċjati ***addizzjonali*** ma' investimenti bħal dawn jenħtieġ li jitqiesu fl-iffissar tat-tariffi, soġġett għal prinċipji ta' effiċjenza. ***Skont l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE), il-miżuri għat-tnaqqis tal-metan huma***

*kosteffettivi ħafna fis-setturi taż-żejt u tal-gass, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tas-suq għall-gass, u l-investimenti meħtieġa għal tali miżuri jkunu limitati, b'perjodu qasir ta' rkupru<sup>1a</sup>. Jenħtieġ li l-kostijiet meħtieġa ma jirriżultawx f'piż finanzjarju sproporzjonat fuq l-utenti finali u l-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li l-kostijiet assoċjati ma' investimenti f'miżuri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan b'kostijiet netti oġhla minn żero jitqiesu fl-iffissar tat-tariffi. Jenħtieġ li l-unitajiet domestiċi vulnerabbli jiġu protetti minn piżijiet finanzjarji sproporzjonati ta' dan ir-Regolament. Il-miżuri xierqa meħuda mill-operaturi biex jipprevjenu u jimminimizzaw l-emissjonijiet tal-metan jenħtieġ li jkunu dawk li fihom l-impatt tal-emissjonijiet fuq is-soċjetà li jirriżulta huwa akbar mill-impatt soċjetali tal-miżura ta' mitigazzjoni.*

<sup>1a</sup> <https://www.iea.org/reports/global-methane-tracker-2023> – Frar 2023

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Kull Stat Membru jenħtieġ li jaħtar mill-anqas awtorità kompetenti waħda sabiex tissorvelja li l-operaturi effettivament jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament u jenħtieġ li jinnotifika lill-Kummissjoni dwar tali ħatra u kwalunkwe bidla fiha. L-awtoritajiet kompetenti maħtura jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità **mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament**. Filwaqt li jqisu l-karattru transfruntier tal-operazzjonijiet tas-settur tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-metan, l-

*Emenda*

(10) Kull Stat Membru jenħtieġ li jaħtar mill-anqas awtorità kompetenti waħda sabiex tissorvelja li l-operaturi effettivament jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament u jenħtieġ li jinnotifika lill-Kummissjoni dwar tali ħatra u kwalunkwe bidla fiha. L-awtoritajiet kompetenti maħtura jenħtieġ li **jkunu pprovduti b'biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani mill-Istati Membru jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-awtorità**

awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiffurmaw flimkien network ta' awtoritajiet pubbliċi li japplikaw dan ir-Regolament sabiex irawmu kooperazzjoni mill-qrib, bl-arranġamenti meħtieġa għall-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattiki u li jippermettu konsultazzjonijiet.

### Emenda 13

#### Proposta għal regolament Premessa 12

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Sabiex jiżguraw it-twertiq tal-kompiti tagħhom, l-operaturi jenħtieġ li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bl-assistenza kollha meħtieġa. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa identifikati mill-awtoritajiet kompetenti fil-perjodu determinat mill-awtoritajiet kompetenti jew kwalunkwe perjodu ieħor miftiehem mal-awtoritajiet kompetenti.

### Emenda 14

#### Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

***kompetenti tistabbilixxi punt ta' kuntatt.*** Filwaqt li jqisu l-karattru transfruntier tal-operazzjonijiet tas-settur tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-metan, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiffurmaw flimkien network ta' awtoritajiet pubbliċi li japplikaw dan ir-Regolament sabiex irawmu kooperazzjoni mill-qrib, bl-arranġamenti meħtieġa għall-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattiki u li jippermettu konsultazzjonijiet.

##### *Emenda*

(12) Sabiex jiżguraw it-twertiq tal-kompiti tagħhom, l-operaturi jenħtieġ li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bl-assistenza kollha meħtieġa. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa identifikati mill-awtoritajiet kompetenti fil-perjodu determinat mill-awtoritajiet kompetenti jew kwalunkwe perjodu ieħor miftiehem mal-awtoritajiet kompetenti. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jimmonitorjaw regolarment is-sitwazzjoni tas-settur biex jidentifikaw kwalunkwe dewmien possibbli fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament minħabba nuqqas ta' teknoloġiji u ħaddiema tas-sengħa.***

**(12a) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> u d-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1b</sup>, l-emissjonijiet fl-ambjent huma informazzjoni ambjentali. Kwalunkwe raġuni għar-rifjut ta' informazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenzji tal-Unjoni fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni għandha għalhekk tiġi interpretata b'mod restrittiv, filwaqt li jiġiqies l-interess pubbliku moqdi bl-iżvelar u jekk l-informazzjoni mitluba tkunx relatata ma' emissjonijiet fl-ambjent.**

---

<sup>1a</sup> *Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali*

<sup>1b</sup> *Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE*

## **Emenda 15**

### **Proposta għal regolament Premessa 13**

(13) Il-mekkaniżmu ewlieni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu l-ispezzjonijiet, inkluż l-eżami tad-

(13) Il-mekkaniżmu ewlieni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu l-ispezzjonijiet, inkluż l-eżami tad-



dokumentazzjoni u r-rekords, il-kejl tal-emissjonijiet u l-kontrolli fuq il-post. L-ispezzjonijiet jenħtieġ li jsiru regolarment, abbażi ta' evalwazzjoni tar-riskju ambjentali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitwettqu spezzjonijiet sabiex jiġu investigati lmenti u okkorrenzi sostanzjati ta' nuqqas ta' konformità u sabiex jiġi żgurat li t-tiswijiet jew is-sostituzzjonijiet tal-komponenti jitwettqu f'konformità ma' dan ir-Regolament. Meta jidentifikaw ksur **serju** tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti joħorġu avviż ta' azzjonijiet ta' rimedju li għandhom jittieħdu mill-operatur. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jżommu rekords tal-ispezzjonijiet u l-informazzjoni rilevanti jenħtieġ li ssir disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup>.

---

<sup>19</sup> Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003).

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Premessa 14

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Fid-dawl tal-prossimità ta' xi sorsi ta' emissjonijiet tal-metan għal żoni urbani jew residenzjali, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi **li saritlhom ħsara minħabba ksur ta' dan ir-Regolament** jenħtieġ li jkunu jistgħu jippreżentaw ilmenti debitament sostanzjati lill-awtoritajiet kompetenti. L-

dokumentazzjoni u r-rekords, il-kejl tal-emissjonijiet u l-kontrolli fuq il-post. L-ispezzjonijiet jenħtieġ li jsiru regolarment, abbażi ta' evalwazzjoni tar-riskju ambjentali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti. **Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati mekkaniżmi ta' kontroll diġà stabbiliti disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li jiġu identifikati eżempji tal-aħjar Prattiki mill-awtoritajiet kompetenti.** Barra minn hekk, jenħtieġ li jitwettqu spezzjonijiet sabiex jiġu investigati lmenti u okkorrenzi sostanzjati ta' nuqqas ta' konformità u sabiex jiġi żgurat li t-tiswijiet jew is-sostituzzjonijiet tal-komponenti jitwettqu f'konformità ma' dan ir-Regolament. Meta jidentifikaw ksur tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti joħorġu avviż ta' azzjonijiet ta' rimedju li għandhom jittieħdu mill-operatur. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jżommu rekords tal-ispezzjonijiet u l-informazzjoni rilevanti jenħtieġ li ssir disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup>.

---

<sup>19</sup> Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003).

#### *Emenda*

(14) Fid-dawl tal-prossimità ta' xi sorsi ta' emissjonijiet tal-metan għal żoni urbani jew residenzjali **u l-impatt tagħhom fuq is-saħħa, l-ambjent u l-klima**, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jippreżentaw ilmenti debitament sostanzjati lill-awtoritajiet kompetenti **ta' ksur**



ilmentaturi jenħtieġ li jinżammu informati dwar il-proċedura u d-deċiżjonijiet meħuda u jenħtieġ li jirċievu deċiżjoni finali fi żmien raġonevoli mill-preżentazzjoni tal-ilment.

*possibbli ta' dan ir-Regolament. F'dan il-kuntest, il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja jenħtieġ li jippermetti s-sottomissjoni ta' lmenti u jipprovdi aċċess lill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll informazzjoni.* L-ilmentaturi jenħtieġ li jinżammu informati dwar il-proċedura u d-deċiżjonijiet meħuda u jenħtieġ li jirċievu deċiżjoni finali fi żmien raġonevoli mill-preżentazzjoni tal-ilment.

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Qafas ta' verifika robust jista' jtejjeb il-kredibbiltà tad-data rapportata. Barra minn hekk, il-livell ta' dettall u l-kumplessità teknika tal-kejl tal-emissjonijiet tal-metan jeħtieġu verifika xierqa tad-data dwar l-emissjonijiet tal-metan rapportata mill-operaturi u mill-operaturi tal-minjieri. Filwaqt li l-awtoverifika hija possibbli, il-verifika minn parti terza tiżgura indipendenza u trasparenza akbar. Barra minn hekk, tippermetti sett armonizzat ta' kompetenzi u livell ta' għarfien espert li jista' ma jkunx disponibbli għall-entitajiet pubbliċi kollha. Jenħtieġ li l-verifikaturi jiġu akkreditati minn korpi ta' akkreditament f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup>. Għalhekk, il-verifikaturi akkreditati indipendenti jenħtieġ li jiżguraw li r-rapporti dwar l-emissjonijiet imħejjija mill-operaturi u mill-operaturi tal-minjieri jkunu korretti u f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li huma jirrieżaminaw id-data fir-rapporti dwar l-emissjonijiet sabiex jivvalutaw l-affidabbiltà, il-kredibbiltà u l-akkuratezza tagħhom kontra standards Ewropej jew internazzjonali bla ħlas u disponibbli għall-pubbliku żviluppanti minn korpi

#### *Emenda*

(15) Qafas ta' verifika robust jista' jtejjeb il-kredibbiltà tad-data rapportata. Barra minn hekk, il-livell ta' dettall u l-kumplessità teknika tal-kejl tal-emissjonijiet tal-metan jeħtieġu verifika xierqa tad-data dwar l-emissjonijiet tal-metan rapportata mill-operaturi u mill-operaturi tal-minjieri. Filwaqt li l-awtoverifika hija possibbli, il-verifika minn parti terza tiżgura indipendenza u trasparenza akbar. Barra minn hekk, tippermetti sett armonizzat ta' kompetenzi u livell ta' għarfien espert li jista' ma jkunx disponibbli għall-entitajiet pubbliċi kollha. Jenħtieġ li l-verifikaturi jiġu akkreditati minn korpi ta' akkreditament f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup>. Għalhekk, il-verifikaturi akkreditati indipendenti jenħtieġ li jiżguraw li r-rapporti dwar l-emissjonijiet imħejjija mill-operaturi u mill-operaturi tal-minjieri jkunu korretti u f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***L-attivitajiet ta' verifika jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mal-istandards u l-metodoloġiji attwali Ewropej jew internazzjonali u b'kunsiderazzjoni tan-natura tal-attivitajiet tal-operatur.*** Il-verifikaturi jenħtieġ li jirrieżaminaw id-

indipendenti u magħmula applikabbli mill-Kummissjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bil-għan li tinkorpora u tistabbilixxi l-applikabbiltà ta' tali standards Ewropej jew internazzjonali. Il-verifikaturi huma separati mill-awtoritajiet kompetenti u jenħtieġ li jkunu indipendenti mill-operaturi u mill-operaturi tal-minjieri, li jenħtieġ li jipprovduhom bl-assistenza kollha meħtieġa sabiex jippermettu jew jiffaċilitaw it-twertiq tal-attivitajiet ta' verifika, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.

data fir-rapporti dwar l-emissjonijiet sabiex jivvalutaw l-affidabbiltà, il-kredibbiltà u l-akkuratezza tagħhom kontra standards Ewropej jew internazzjonali bla ħlas u disponibbli għall-pubbliku żviluppati minn korpi indipendenti u magħmula applikabbli mill-Kummissjoni. ***Sabiex tiġi żgurata l-akkuratezza tad-data, il-verifikaturi jenħtieġ li jwettqu kontrolli fuq il-post b'avviż minn qabel kif ukoll għal għarrieda.*** Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bil-għan li tinkorpora u tistabbilixxi l-applikabbiltà ta' tali standards Ewropej jew internazzjonali. Il-verifikaturi huma separati mill-awtoritajiet kompetenti u jenħtieġ li jkunu indipendenti mill-operaturi u mill-operaturi tal-minjieri, li jenħtieġ li jipprovduhom bl-assistenza kollha meħtieġa sabiex jippermettu jew jiffaċilitaw it-twertiq tal-attivitajiet ta' verifika, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008).

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008).

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Premessa 16

*Test propost mill-Kummissjoni*

(16) ***L-informazzjoni fir-rapporti dwar l-emissjonijiet ippreżentati lill-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li tiġi pprovduta lill-Kummissjoni fid-dawl ta' rwol ta' verifika li għandu jiġi attribwit lill-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan***

*Emenda*

(16) ***Fit-twertiq tal-obbligi tagħhom u fl-eżerċitar tas-setgħat tagħhom fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, il-verifikaturi, l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni jenħtieġ li jikkunsidraw l-informazzjoni magħmula disponibbli b'mod***

(IMEO), b' mod partikolari fir-rigward tal-metodoloġiji għall-aggregazzjoni u l-analiżi tad-data u l-verifika tal-metodoloġiji u tal-proċessi statistiċi użati **mill-kumpaniji** sabiex jikkwantifikaw id-data rapportata tagħhom dwar l-emissjonijiet. Il-kriterji ta' referenza f' dak ir-rigward jistgħu jinkludu **l-istandards tal-OGMP** u d-dokumenti ta' gwida. **Jenħtieġ li l-informazzjoni prodotta mill-IMEO tkun disponibbli għall-pubbliku u jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża tali informazzjoni sabiex tindirizza kwalunkwe nuqqas identifikat fir-rigward tal-kejl, ir-rapportar u l-verifika tad-data dwar l-emissjonijiet tal-metan.**

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 17

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) L-IMEO ġie stabbilit f'Ottubru tal-2020 mis-šhubija tal-Unjoni mal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, mal-Koalizzjoni għall-Klima u għall-Arja Nadifa u mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, u tnieda fis-Summit tal-G20 f'Ottubru tal-2021. L-IMEO ingħata l-kompitu li jiġbor, jirrikonċilja, jivverifika u jippubblica data antropoġenika dwar l-emissjonijiet tal-metan fil-livell globali. L-IMEO **huwa parti mill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, li kkonkluda Memorandum ta' Qbil mal-Unjoni Ewropea. Ir-rwol tiegħu huwa kruċjali għall-verifika tad-data dwar l-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u jenħtieġ li jiġu stabbiliti relazzjonijiet xierqa sabiex l-inkarigu tal-kompiti ta' verifika jiġi implimentat. Peress li l-IMEO mhuwiex korp tal-Unjoni u mhuwiex soġġett għad-dritt tal-Unjoni, huwa essenzjali li jiġi previst li l-IMEO jieħu miżuri xierqa sabiex jiżgura**

**internazzjonali, pereżempju mill-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan (IMEO), b' mod partikolari fir-rigward tal-metodoloġiji għall-aggregazzjoni u l-analiżi tad-data u l-verifika tal-metodoloġiji u tal-proċessi statistiċi użati *mill-operaturi u l-operaturi tal-minjieri* sabiex jikkwantifikaw id-data rapportata tagħhom dwar l-emissjonijiet. Il-kriterji ta' referenza f' dak ir-rigward jistgħu jinkludu *l-qafas ta' rapportar, il-mudelli standard* u d-dokumenti ta' gwida *tas-Šhubija dwar il-Metan miż-Żejt u mill-Gass (OGMP).***

#### *Emenda*

(17) L-IMEO ġie stabbilit f'Ottubru tal-2020 mis-šhubija tal-Unjoni mal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, mal-Koalizzjoni għall-Klima u għall-Arja Nadifa u mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, u tnieda fis-Summit tal-G20 f'Ottubru tal-2021. L-IMEO ingħata l-kompitu li jiġbor, jirrikonċilja, jivverifika u jippubblica data antropoġenika dwar l-emissjonijiet tal-metan fil-livell globali. L-IMEO jenħtieġ li **jkollu rwol fl-identifikazzjoni tas-superemittenti permezz ta' sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' twissija.**

***l-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.***

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 25**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Sabiex ***il-kejl*** u r-rapportar ikunu effettivi, jenħtieġ li l-kumpaniji taż-żejt u tal-gass ikunu meħtieġa ***jkejlu*** u jirrapportaw l-emissjonijiet tal-metan skont is-sors, u li jagħmlu d-data aggregata disponibbli għall-Istati Membri sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jtejbu l-akkuratezza tar-rapportar tal-inventarji tagħhom. Barra minn hekk, hija meħtieġa verifika effettiva tad-data rapportata mill-kumpaniji u, sabiex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv għall-operaturi, ir-rapportar jenħtieġ li jiġi organizzat fuq bażi annwali.

*Emenda*

(25) Sabiex ***il-kwantifikazzjoni*** u r-rapportar ikunu effettivi, jenħtieġ li l-kumpaniji taż-żejt u tal-gass ikunu meħtieġa ***jikkwantifikaw*** u jirrapportaw l-emissjonijiet tal-metan skont is-sors, u li jagħmlu d-data aggregata disponibbli għall-Istati Membri sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jtejbu l-akkuratezza tar-rapportar tal-inventarji tagħhom. Barra minn hekk, hija meħtieġa verifika effettiva tad-data rapportata mill-kumpaniji u, sabiex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv għall-operaturi, ir-rapportar jenħtieġ li jiġi organizzat fuq bażi annwali.

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 27**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(27) ***Il-qafas*** OGMP 2.0 għandu ħames livelli ta' rapportar. Ir-rapportar fil-livell tas-sors jibda fil-livell 3, li huwa meqjus komparabbli mal-grad 3 tal-UNFCCC. Dan jippermetti li jintużaw fatturi ġeneriċi ta' emissjoni. Ir-rapportar tal-livell 4 tal-OGMP 2.0 jeħtieġ kejl dirett tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sors. Dan jippermetti l-użu ta' fatturi speċifiċi ta' emissjoni. Ir-rapportar tal-livell 5 tal-OGMP 2.0 jeħtieġ iż-żieda ta' kejl komplementari fil-livell tas-sit. Barra minn hekk, il-qafas OGMP 2.0 jirrikjedi li l-kumpaniji jirrapportaw kejl dirett tal-

*Emenda*

(27) ***L-aħħar qafas*** OGMP 2.0 għandu ħames livelli ta' rapportar. Ir-rapportar fil-livell tas-sors jibda fil-livell 3, li huwa meqjus komparabbli mal-grad 3 tal-UNFCCC. Dan jippermetti li jintużaw fatturi ġeneriċi ta' emissjoni. Ir-rapportar tal-livell 4 tal-OGMP 2.0 jeħtieġ kejl dirett tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sors. Dan jippermetti l-użu ta' fatturi speċifiċi ta' emissjoni. Ir-rapportar tal-livell 5 tal-OGMP 2.0 jeħtieġ iż-żieda ta' kejl komplementari fil-livell tas-sit. Barra minn hekk, il-qafas OGMP 2.0 jirrikjedi li l-kumpaniji jirrapportaw kejl dirett tal-

emissjonijiet tal-metan fi żmien tliet snin minn meta jissieħbu fl-OGMP 2.0 għall-assi operattivi u fi żmien ħames snin għall-assi mhux operattivi. Filwaqt li jibnu fuq l-approċċ tal-OGMP 2.0 fir-rigward tar-rapportar fil-livell tas-sors u filwaqt li jqisu li numru kbir ta' kumpaniji tal-Unjoni kienu diġà ingħaqdu mal-OGMP 2.0 fl-2021, l-operaturi tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu kejl dirett fil-livell tas-sors tal-emissjonijiet tagħhom fi żmien **24** xahar għall-assi operattivi u fi żmien **36** xahar għall-assi mhux operattivi. Minbarra l-kwantifikazzjoni fil-livell tas-sors, il-kwantifikazzjoni fil-livell tas-sit tippermetti valutazzjoni, verifika u rikonċiljazzjoni tal-istimi fil-livell tas-sors aggregati skont is-sit, u b'hekk tipprovdi fiduċja mtejbja fl-emissjonijiet rapportati. Bħal fl-OGMP 2.0, dan ir-Regolament jeħtieġ kejl fil-livell tas-sit għar-rikonċiljazzjoni ***tal-kejl*** fil-livell tas-sors.

emissjonijiet tal-metan fi żmien tliet snin minn meta jissieħbu fl-OGMP 2.0 għall-assi operattivi u fi żmien ħames snin għall-assi mhux operattivi. Filwaqt li jibnu fuq l-approċċ tal-OGMP 2.0 fir-rigward tar-rapportar fil-livell tas-sors u filwaqt li jqisu li numru kbir ta' kumpaniji tal-Unjoni kienu diġà ingħaqdu mal-OGMP 2.0 fl-2021, l-operaturi tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu kejl dirett fil-livell tas-sors tal-emissjonijiet tagħhom fi żmien **12** xahar għall-assi operattivi u fi żmien **24** xahar għall-assi mhux operattivi. Minbarra l-kwantifikazzjoni fil-livell tas-sors, il-kwantifikazzjoni fil-livell tas-sit tippermetti valutazzjoni, verifika u rikonċiljazzjoni tal-istimi fil-livell tas-sors aggregati skont is-sit, u b'hekk tipprovdi fiduċja mtejbja fl-emissjonijiet rapportati. Bħal fl-OGMP 2.0, dan ir-Regolament jeħtieġ kejl fil-livell tas-sit għar-rikonċiljazzjoni ***tal-kwantifikazzjoni*** fil-livell tas-sors.

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

#### Premessa 30

*Test propost mill-Kummissjoni*

(30) ***Filwaqt li*** l-ivventjar tal-metan ***huwa tipikament intenzjonat***, u ***jirriżulta*** minn proċessi jew attivitajiet u apparati ddiżinjati għal dak il-għan, ***dan jista' wkoll ma jkunx intenzjonat, bħal fil-każ ta' funzjonament ħażin.***

## Emenda 23

### Proposta għal regolament

#### Premessa 31a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(30) ***L-ivvampjar u*** l-ivventjar tal-metan ***huma intenzjonati***, u ***jirriżultaw*** minn proċessi jew attivitajiet u apparati ddiżinjati għal dak il-għan.

***(31a) Il-kumpaniji membri tal-Inizjattiva***

*Klimatika taż-Żejt u l-Gass (OGCI), inklużi ħafna bi kwartieri ġenerali fl-Ewropa, impenjaw ruħhom li jnaqqsu l-intensità tal-metan għal 0,2 % sal-2025 u bdew jużaw sforzi ta' mitigazzjoni. Il-kumpaniji membri tal-OGCI diġà laħqu l-livell inizzjali ta' tagħhom tal-intensità tal-metan upstream tal-2025 fl-2020 u laħqu 0,17 % fl-2021. Diversi produttori Ewropej ewlenin jirrapportaw li laħqu intensità tal-metan għal-livell ta' intensità upstream u midstream tiegħu ferm taħt il-livell. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistudja l-possibbiltà li tintroduċi standard ambizzjuż ta' prestazzjoni tal-intensità tal-emissjonijiet tal-metan upstream għal 0,2 % jew inqas u toħroġ b'metrika u b'dispożizzjonijiet biex jiġi implimentat l-istandard tal-prestazzjoni xieraq.*

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Premessa 32

*Test propost mill-Kummissjoni*

(32) B'mod aktar speċifiku, l-emissjonijiet tal-metan minn tnixxijiet jitnaqqsu l-aktar b'mod komuni minn stħarriġ dwar id-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet tal-metan ("LDAR"), imwettaq sabiex jiġu identifikati t-tnixxijiet u ***segwit mit-tiswija ta' tali tnixxijiet***. Għalhekk, l-operaturi jenħtieġ li jwettqu mill-anqas stħarriġ perjodiku tal-LDAR u dan jenħtieġ li jkopari wkoll l-istħarriġ tal-komponenti li jivventjaw il-metan, sabiex ***jagħmlu stħarriġ għall-iventjar mhux intenzjonat tal-metan***.

## Emenda 25

*Emenda*

(32) B'mod aktar speċifiku, l-emissjonijiet tal-metan minn tnixxijiet jitnaqqsu l-aktar b'mod komuni minn stħarriġ dwar id-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet tal-metan ("LDAR"), imwettaq sabiex ***l-ewwel*** jiġu identifikati t-tnixxijiet u ***mbagħad jisewwew it-tnixxijiet jew issir is-sostituzzjoni tal-komponenti li qed inixxu***. Għalhekk, l-operaturi jenħtieġ li jwettqu mill-anqas stħarriġ perjodiku tal-LDAR u dan jenħtieġ li jkopari wkoll l-istħarriġ tal-komponenti li jivventjaw il-metan, sabiex ***jiġi kkontrollat it-tagħmir li ma jaħdimx sew***.



**Proposta għal regolament**  
**Premessa 33**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(33) Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit approċċ armonizzat sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi kollha fl-Unjoni. Dan l-approċċ jenħtieġ li jinkludi rekwiżiti minimi għall-istħarriġiet tal-LDAR, filwaqt li jħalli grad adegwat ta' flessibbiltà lill-Istati Membri u lill-operaturi. Dan huwa essenzjali sabiex jippermetti l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u metodi ġodda tal-LDAR, u b'hekk jiġi evitat il-lock-in tat-teknoloġija, għad-detriment tal-protezzjoni ambjentali. Teknoloġiji u metodi ta' detezzjoni ġodda jkomplu jiġu żviluppati u l-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu l-innovazzjoni f'dan is-settur, sabiex ikunu jistgħu jiġu adottati l-aktar metodi akkurati u kosteffettivi.

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 33a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(33) Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit approċċ armonizzat sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi kollha fl-Unjoni. Dan l-approċċ jenħtieġ li jinkludi rekwiżiti minimi għall-istħarriġiet tal-LDAR, filwaqt li jħalli grad adegwat ta' flessibbiltà lill-Istati Membri u lill-operaturi. Dan huwa essenzjali sabiex jippermetti l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u metodi ġodda tal-LDAR, **u komponenti ġodda**, u b'hekk jiġi evitat il-lock-in tat-teknoloġija, għad-detriment tal-protezzjoni ambjentali. Teknoloġiji u metodi ta' detezzjoni ġodda jkomplu jiġu żviluppati u l-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu l-innovazzjoni f'dan is-settur, sabiex ikunu jistgħu jiġu adottati l-aktar **komponenti, teknoloġiji u metodi tal-LDAR bla tnixxija**, akkurati u kosteffettivi.

*Emenda*

**(33a) Approċċ armonizzat jibbenefika minn speċifikazzjonijiet standardizzati għall-identifikazzjoni jew id-detezzjoni ta' rilaxxi ta' metan bl-użu ta' strumenti u teknoloġiji differenti u li jistgħu jkunu bbażati jew stabbiliti permezz ta' standards Ewropej jew, fin-nuqqas ta' tali standards, standards internazzjonali. Jenħtieġ li fin-nuqqas ta' standards Ewropej xierqa, il-Kummissjoni tikkunsidra titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej rilevanti tal-istandardizzazzjoni jadottaw tali standards f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

***Għaldaqstant jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti delegati għall-fini tal-istabbiliment ta' tali speċifikazzjonijiet.***

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament  
Premessa 34**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(34) L-obbligi fuq l-istħarriġiet tal-LDAR jenħtieġ li jirriflettu numru ta' Prattiki tajbin. L-istħarriġ tal-LDAR jenħtieġ li jkun primarjament immirat lejn is-sejba u ***t-tiswija*** ta' tnixxijiet, aktar milli lejn il-kwantifikazzjoni tagħhom, ***u dawk iż-żoni b'riskju ogħla ta' tnixxijiet jenħtieġ li jiġu kkontrollati aktar ta' spiss***; il-frekwenza tal-istħarriġ jenħtieġ li tkun iggwidata ***mhux biss*** mill-ħtieġa li jiġu msewwija l-komponenti ***li minnhom il-metan ikun qiegħed joħroġ 'il fuq mil-limitu tal-emissjonijiet tal-metan iżda wkoll minn kunsiderazzjonijiet operazzjonali, filwaqt li jitqiesu r-riskji għas-sikurezza. Għalhekk, fejn jiġi identifikat riskju ogħla għas-sikurezza jew riskju ogħla ta' telf ta' metan, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jitħallew jirrakkomandaw frekwenza ogħla ta' stħarriġ għall-komponenti rilevanti***; it-tnixxijiet kollha irrispettivament mid-daqs jenħtieġ li jiġu ***rreġistrati u mmonitorjati***, peress li t-tnixxijiet żgħar jistgħu jiżviluppaw fi tnixxijiet akbar; tiswijiet tat-tnixxijiet jenħtieġ li jiġu segwiti minn konferma li dawn kienu effettivi; sabiex ikunu jistgħu jintużaw teknoloġiji futuri ta' detezzjoni tal-emissjonijiet tal-metan aktar avvanzati, jenħtieġ li ***jiġi speċifikat id-daqs ta' telf tal-metan li fih jew 'il fuq minnu tkun meħtieġa tiswija, filwaqt li l-operaturi jkunu jistgħu jagħżlu l-apparat ta' detezzjoni. Fejn xieraq, jista' jintuża monitoraġġ kontinwu fil-kuntest ta' dan***

*Emenda*

(34) L-obbligi fuq l-istħarriġiet tal-LDAR jenħtieġ li jirriflettu numru ta' Prattiki tajbin. L-istħarriġ tal-LDAR jenħtieġ li jkun primarjament immirat lejn is-sejba u ***l-eliminazzjoni kemm jista' jkun malajr*** ta' tnixxijiet ***permezz ta' tiswija jew sostituzzjoni tal-komponenti li qed inixxu***, aktar milli lejn il-kwantifikazzjoni tagħhom; il-frekwenza tal-istħarriġ jenħtieġ li tkun iggwidata mill-ħtieġa li jiġu msewwija ***jew sostitwiti*** l-komponenti ***b'teknoloġija li tkun aktar effiċjenti f'li ma tippermettix tnixxijiet***; it-tnixxijiet kollha irrispettivament mid-daqs jenħtieġ li jiġu ***msewwija***, peress li t-tnixxijiet żgħar jistgħu jiżviluppaw fi tnixxijiet akbar; tiswijiet tat-tnixxijiet jenħtieġ li jiġu segwiti minn konferma li dawn kienu effettivi; sabiex ikunu jistgħu jintużaw teknoloġiji futuri ta' detezzjoni tal-emissjonijiet tal-metan ***jew komponenti aktar avvanzati, ir-rekwiżiti minimi għall-apparat u l-metodoloġija użata għad-detezzjoni tat-tnixxija*** jenħtieġ li ***jiġu speċifikati abbażi tal-effikaċja ppruvata tagħhom***.



*ir-Regolament.*

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament  
Premessa 34a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(34a) **Ħafna tnixxijiet illum il-ġurnata huma dovuti għal teknoloġiji qodma u manutenzjoni fqira. Dawn it-teknoloġiji jenħtieġ li jiġu sostitwiti malajr b'soluzzjonijiet innovattivi ġodda***  
***Għalhekk, il-programm ta' detezzjoni u tiswija ta' tnixxijiet jenħtieġ li jiddeskrivi kif l-operatur biħsiebu jimmappja komponenti li huma f'riskju għoli ta' tnixxijiet tal-metan u jistabbilixxi kif biħsiebu jissostitwixxi dawn il-komponenti kollha b'teknoloġiji innovattivi ġodda li jiżguraw protezzjoni fit-tul kontra tnixxijiet futuri.***

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament  
Premessa 35**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(35) L-ivventjar jikkonsisti fir-rilaxx ta' metan mhux maħruq fl-atmosfera **jew** intenzjonalment minn proċessi jew attivitajiet jew apparat iddiżinjati sabiex jagħmlu dan, **jew b'mod mhux intenzjonat fil-każ ta' funzjonament ħażin**. Fid-dawl tal-effett qawwi tiegħu fuq l-emissjonijiet tal-GHG, l-ivventjar jenħtieġ li jiġi pprojbit ħlief fil-każ ta' emerġenzi, funzjonament ħażin jew matul ċerti avvenimenti speċifiċi fejn xi ivventjar ma jkunx jista' jiġi evitat.

(35) L-ivventjar jikkonsisti fir-rilaxx ta' metan mhux maħruq fl-atmosfera intenzjonalment minn proċessi jew attivitajiet jew apparat iddiżinjati sabiex jagħmlu dan. Fid-dawl tal-effett qawwi tiegħu fuq l-emissjonijiet tal-GHG, l-ivventjar jenħtieġ li jiġi pprojbit ħlief fil-każ ta' emerġenzi, funzjonament ħażin jew matul ċerti avvenimenti speċifiċi fejn xi ivventjar ma jkunx jista' jiġi evitat. **Sabiex jiġi żgurat li l-operaturi ma jużawx tagħmir iddisinjat għall-ivventjar, jenħtieġ li jiġu adottati standards teknoloġiċi li jippermettu l-użu ta' alternattivi b'emissjonijiet zero.**

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Premessa 36

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(36) L-ivvampjar huwa l-kombustjoni kontrollata tal-metan għall-finijiet tar-rimi f'apparat iddiżinjat għall-kombustjoni msemija. Meta jitwettaq matul il-produzzjoni normali taż-żejt jew tal-gass fossili u bħala riżultat ta' faċilitajiet insuffiċjenti jew ta' ġeoloġija amenabbli għall-injezzjoni mill-ġdid tal-metan, jintuża fuq il-post, jew jintbagħat lejn suq, dan jitqies bħala vvampjar ta' rutina. L-ivvampjar ta' rutina jenħtieġ li jiġi pprojbit. L-ivvampjar jenħtieġ li jkun permissibbli biss meta jkun l-unika alternattiva għall-ivventjar u fejn l-ivventjar ma jkunx ipprojbit. L-ivventjar huwa aktar ta' ħsara għall-ambjent mill-ivvampjar peress li l-gass rilaxxat tipikament fih livelli għoljin ta' metan, filwaqt li l-ivvampjar jossida l-metan fid-diossidu tal-karbonju.

#### *Emenda*

(36) L-ivvampjar huwa l-kombustjoni kontrollata tal-metan għall-finijiet tar-rimi f'apparat iddiżinjat għall-kombustjoni msemija. Meta jitwettaq matul il-produzzjoni normali taż-żejt jew tal-gass fossili u bħala riżultat ta' faċilitajiet insuffiċjenti jew ta' ġeoloġija amenabbli għall-injezzjoni mill-ġdid tal-metan, jintuża fuq il-post, jew jintbagħat lejn suq, dan jitqies bħala vvampjar ta' rutina. L-ivvampjar ta' rutina jenħtieġ li jiġi pprojbit. L-ivvampjar jenħtieġ li jkun permissibbli biss meta jkun l-unika alternattiva għall-ivventjar u fejn l-ivventjar ma jkunx ipprojbit, ***konsegwentement, meta ma tkun disponibbli l-ebda għażla oħra, l-ivvampjar jenħtieġ li dejjem jiġi ppreferut mill-ivventjar. Madankollu, skont l-AIE<sup>1a</sup>, globalment, fl-2021 ġew ivvampjati 143 bcm ta' gass fossili – bejn wiehded u ieħor ekwivalenti għall-volum totali ta' gass naturali importat fil-Ġermanja, fi Franza u fin-Netherlands. Dan irriżulta fir-rilaxx dirett ta' 270 Mt ta' CO<sub>2</sub> u kważi 8 Mt ta' metan (240 Mt CO<sub>2</sub>-eq).*** L-ivventjar huwa aktar ta' ħsara għall-ambjent mill-ivvampjar peress li l-gass rilaxxat tipikament fih livelli għoljin ta' metan, filwaqt li l-ivvampjar jossida l-metan fid-diossidu tal-karbonju. ***Skont l-AIE, it-tnaqqis tal-ivvampjar, l-ivventjar u t-tnixxija tal-metan joffri aktar solliev immedjat għas-swieq tal-gass mill-investment fi provvista ġdida. L-AIE<sup>1b</sup> stmat li kważi 210 biljun metru kubu (bcm) ta' gass naturali jistgħu jsiru disponibbli għas-swieq tal-gass permezz ta' sforz globali biex jiġi eliminat l-ivvampjar mhux ta' emerġenza u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan mill-***

*operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.*

*<sup>1a</sup> <https://www.iea.org/reports/flaring-emissions> – Settembru 2022*

*<sup>1b</sup>*

*<https://iea.blob.core.windows.net/assets/9414ec9a-bbba-4592-b005-4af05c894bdc/Theenergysecuritycasefortacklinggasflaringandmethaneleaks.pdf> – Ġunju 2022*

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Premessa 37

*Test propost mill-Kummissjoni*

(37) L-użu tal-ivvampjar bħala alternattiva għall-ivventjar jeħtieġ li l-apparati tal-ivvampjar ikunu effiċjenti fil-kombustjoni tal-metan. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġi inkluż ukoll rekwiżit ta' effiċjenza tal-kombustjoni għall-każijiet li fihom l-ivvampjar ikun ammissibbli. Jenħtieġ li jkun meħtieġ ukoll l-użu ta' bernalers pilota, li jqabdbu b'mod aktar affidabbli peress li mhumiex affettwati mir-riħ.

*Emenda*

(37) L-użu tal-ivvampjar bħala alternattiva għall-ivventjar jeħtieġ li l-apparati tal-ivvampjar ikunu effiċjenti fil-kombustjoni tal-metan. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġi inkluż ukoll rekwiżit ta' effiċjenza tal-kombustjoni għall-każijiet li fihom l-ivvampjar ikun ammissibbli. Jenħtieġ li jkun meħtieġ ukoll l-użu ta' bernalers pilota ***awtoffammabbli jew kontinwi***, li jqabdbu b'mod aktar affidabbli peress li mhumiex affettwati mir-riħ.

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Premessa 40

*Test propost mill-Kummissjoni*

(40) Emissjonijiet tal-metan minn bjar inattivi taż-żejt u tal-gass joħlqu riskji għas-saħħa pubblika, għas-sikurezza u għall-ambjent. Għalhekk, l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar jenħtieġ li jibqgħu japplikaw u daww il-bjar u s-siti tal-bjar jenħtieġ li jiġu reklamati u rimedjati. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri

*Emenda*

(40) Emissjonijiet tal-metan minn bjar inattivi taż-żejt u tal-gass joħlqu riskji għas-saħħa pubblika, għas-sikurezza u għall-ambjent. Għalhekk, l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar jenħtieġ li jibqgħu japplikaw u daww il-bjar u s-siti tal-bjar jenħtieġ li jiġu reklamati u rimedjati. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri

jenħtieġ li jkollhom rwol predominanti, b'mod partikolari sabiex jistabbilixxu inventarji u pjanijiet ta' mitigazzjoni.

jenħtieġ li jkollhom rwol predominanti, b'mod partikolari sabiex jistabbilixxu inventarji u pjanijiet ta' mitigazzjoni **bi skadenzi ċari**.

### Emenda 33

#### Proposta għal regolament Premessa 44

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(44) Ladarba l-produzzjoni titwaqqaf u minjiera tingħalaq, din tkompli tirrilaxxa l-metan, imsejjaħ metan tal-minjieri abbandunati (AMM). Dawn l-emissjonijiet tipikament iseħħu f'sorsi lokalizzati definiti sew, bħal xaftijiet tal-ventilazzjoni jew ventijiet għat-tnaqqis tal-pressjoni. B'żieda fl-ambizzjoni klimatika u t-trasferiment tal-produzzjoni tal-enerġija għal sorsi tal-enerġija b'użu anqas intensiv tal-karbonju, l-emissjonijiet tal-AMM x'aktarx li jiżdiedu fl-Unjoni. Huwa stmat li anke 10 snin wara li tintemm l-estrazzjoni, il-metan minn minjieri mhux mgħargħra jkompli jiġi rilaxxat f'livelli li jilħqu madwar 40 % tal-emissjonijiet reġistrati fiż-żmien tal-għeluq<sup>25</sup>. Barra minn hekk, it-trattament tal-AMM għadu frammentat minħabba drittijiet differenti ta' sjieda u sfruttament fl-UE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu inventarji ta' assi tal-faħam magħluqa u abbandunati u, jew huma jew il-parti responsabbli identifikata, jenħtieġ li jkunu meħtieġa jinstallaw apparati għall-kejl tal-emissjonijiet tal-metan.

##### *Emenda*

(44) Ladarba l-produzzjoni titwaqqaf u minjiera tingħalaq, din tkompli tirrilaxxa l-metan, imsejjaħ metan tal-minjieri abbandunati (AMM). Dawn l-emissjonijiet tipikament iseħħu f'sorsi lokalizzati definiti sew, bħal xaftijiet tal-ventilazzjoni jew ventijiet għat-tnaqqis tal-pressjoni. B'żieda fl-ambizzjoni klimatika u t-trasferiment tal-produzzjoni tal-enerġija għal sorsi tal-enerġija b'użu anqas intensiv tal-karbonju, l-emissjonijiet tal-AMM x'aktarx li jiżdiedu fl-Unjoni. Huwa stmat li anke 10 snin wara li tintemm l-estrazzjoni, il-metan minn minjieri mhux mgħargħra jkompli jiġi rilaxxat f'livelli li jilħqu madwar 40 % tal-emissjonijiet reġistrati fiż-żmien tal-għeluq<sup>25</sup>. Barra minn hekk, it-trattament tal-AMM għadu frammentat minħabba drittijiet differenti ta' sjieda u sfruttament fl-UE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu inventarji ta' assi tal-faħam magħluqa u abbandunati u, jew huma jew il-parti responsabbli identifikata, jenħtieġ li jkunu meħtieġa jinstallaw apparati għall-kejl tal-emissjonijiet tal-metan. ***Jenħtieġ li jiġu identifikati u integrati eżempji tal-aħjar prattika f'linji gwida possibbli għat-trattament tal-AMM.***

### Emenda 34

#### Proposta għal regolament Premessa 48

(48) Il-minjieri ta' taħt l-art huma minjieri tal-faħam termali jew tal-kokk. Il-faħam termali jintuża primarjament bħala sors tal-enerġija u l-faħam tal-kokk jintuża bħala fjuwil u bħala sustanza reattiva fil-proċess tal-produzzjoni tal-azzar. Kemm il-minjieri tal-faħam tal-kokk kif ukoll il-minjieri tal-faħam termali jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-kejl, għar-rapportar u għall-verifika tal-emissjonijiet tal-metan.

### **Emenda 35**

#### **Proposta għal regolament Premessa 49**

(49) Għal minjieri tal-faħam taħt l-art operattivi, il-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan jenħtieġ li tiġi implimentata permezz ta' eliminazzjoni gradwali tal-ivventjar u tal-ivvampjar. Għal minjieri tal-faħam taħt l-art magħluqa jew abbandunati, filwaqt li l-għargħar tal-minjiera jista' jipprevjeni l-emissjonijiet tal-metan, dan ma jsirx sistematikament u għandu riskji ambjentali. L-ivventjar u l-ivvampjar f'dawn il-minjieri jenħtieġ li jitneħħew gradwalment ukoll. Peress li r-restrizzjonijiet ġeoloġiċi u l-kunsiderazzjonijiet ambjentali jipprevjenu approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd sabiex jiġu mmitigati l-emissjonijiet tal-metan minn minjieri tal-faħam taħt l-art abbandunati<sup>31</sup>, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu l-pjan ta' mitigazzjoni tagħhom stess, filwaqt li jqisu dawk ir-restrizzjonijiet u l-fattibbiltà teknika tal-mitigazzjoni tal-AMM.

(48) Il-minjieri ta' taħt l-art huma minjieri tal-faħam termali jew tal-kokk. Il-faħam termali jintuża primarjament bħala sors tal-enerġija u l-faħam tal-kokk jintuża bħala fjuwil u bħala sustanza reattiva fil-proċess tal-produzzjoni tal-azzar. Kemm il-minjieri tal-faħam tal-kokk kif ukoll il-minjieri tal-faħam termali jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-kejl, għar-rapportar u għall-verifika **u għall-miżuri ta' mitigazzjoni** tal-emissjonijiet tal-metan.

(49) Għal minjieri tal-faħam taħt l-art operattivi, il-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan jenħtieġ li tiġi implimentata permezz ta' eliminazzjoni gradwali tal-ivventjar u tal-ivvampjar ***b'effiċjenza ta' inqas minn 99 %***. Għal minjieri tal-faħam taħt l-art magħluqa jew abbandunati, filwaqt li l-għargħar tal-minjiera jista' jipprevjeni l-emissjonijiet tal-metan, dan ma jsirx sistematikament u għandu riskji ambjentali. L-ivventjar u l-ivvampjar ***b'effiċjenza ta' inqas minn 99 %*** f'dawn il-minjieri jenħtieġ li jitneħħew gradwalment ukoll. Peress li r-restrizzjonijiet ġeoloġiċi u l-kunsiderazzjonijiet ambjentali jipprevjenu approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd sabiex jiġu mmitigati l-emissjonijiet tal-metan minn minjieri tal-faħam taħt l-art abbandunati<sup>31</sup>, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu l-pjan ta' mitigazzjoni tagħhom stess, filwaqt li jqisu dawk ir-restrizzjonijiet u l-fattibbiltà teknika tal-mitigazzjoni tal-AMM.

<sup>31</sup> Gwida tal-Aħjar Prattika għall-Irkupru Effettiv tal-Metan u l-Użu minn Minjieri Abbandunati (UNECE, 2019)

<sup>31</sup> Gwida tal-Aħjar Prattika għall-Irkupru Effettiv tal-Metan u l-Użu minn Minjieri Abbandunati (UNECE, 2019)

## Emenda 36

### Proposta għal regolament Premessa 49a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(49a) Sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan minn minjieri tal-faħam operattivi, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa sistemi ta' inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan. Dawk is-sistemi jistgħu b'mod partikolari jinċentivaw l-investimenti fil-qbid u l-injezzjoni tal-metan fil-grilja, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan mix-xaftijiet tal-ventilazzjoni u mill-ivvampjar. Jenħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex timmobilizza r-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni mmirati lejn investimenti f'teknoloġiji għat-tnaqqis tal-metan fil-minjieri kollha operattivi u abbandunati. Meta l-appoġġ tal-Unjoni ma jkunx biżżejjed biex jappoġġa dan l-għan, jenħtieġ li jiġu mħeġġa sistemi ddedikati ta' tariffi u imposti, li huma strutturati b'mod ċar biex jiffaċilitaw l-investimenti fit-tnaqqis tal-metan, fost l-oħrajn bħala parti minn programmi ta' għajnuna mill-Istat immirati lejn id-dekummissjonar tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-faħam.**

## Emenda 37

### Proposta għal regolament Premessa 51

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(51) L-Unjoni tiddependi fuq l-importazzjonijiet għal 70 % tal-konsum tal-faħam iebes tagħha, 97 % tal-konsum taż-

(51) L-Unjoni tiddependi fuq l-importazzjonijiet għal 70 % tal-konsum tal-faħam iebes tagħha, 97 % tal-konsum taż-

żejt tagħha, u 90 % tal-konsum tal-gass fossili tagħha. **Ma hemm l-ebda għarfien preċiż dwar id-daqs, l-oriġini jew in-natura tal-emissjonijiet tal-metan marbuta mal-enerġija fossili kkonsmata** fl-Unjoni iżda li jseħħu f'pajjiżi terzi.

żejt tagħha, u 90 % tal-konsum tal-gass fossili tagħha. **L-AIE tistma li fl-2020, l-emissjonijiet tal-metan assoċjati maż-żejt u mal-gass importati lejn l-Unjoni rrappreżentaw madwar**

**9 000 kilotunnellata ta' metan<sup>1a</sup>. Dan jittqabbel ma' 1 033 kilotunnellata ta' emissjonijiet tal-metan miż-żejt u l-gass stmati li seħew fl-2019** fl-Unjoni<sup>1b</sup>.

**Filwaqt li s-sehem tal-emissjonijiet globali totali tal-metan ikkawżat mill-bniedem emessi fl-Ewropa huwa stmat li huwa madwar 6 %<sup>1c</sup>, il-konsum tal-fjuwils fossili prodotti barra mill-Unjoni u d-dipendenza fuq l-importazzjoni minnhom għaldaqstant iżidu livelli sinifikanti ta' emissjonijiet tal-metan li jiġġarrbu minħabba l-konsum fl-Unjoni.**

---

<sup>1a</sup> **Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Metan fis-Settur tal-Enerġija: <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SWD:2021:0459:FIN:MT:PDF>**

<sup>1b</sup> **Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Metan fis-Settur tal-Enerġija: <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SWD:2021:0459:FIN:MT:PDF>**

<sup>1c</sup> **Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Metan fis-Settur tal-Enerġija: <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SWD:2021:0459:FIN:MT:PDF>**

## **Emenda 38**



**Proposta għal regolament**  
**Premessa 52**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(52) L-effetti tat-tisħin globali kkawżati mill-emissjonijiet tal-metan huma transfruntiera. Għalkemm xi pajjiżi li jipproduċu l-enerġija fossili qegħdin jibdew jaġixxu domestikament sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tal-metan mis-setturi tal-enerġija tagħhom, ħafna esportaturi mhumieq soġġetti għal regolamenti fis-swieq domestiċi rispettivi tagħhom. Dawn l-operaturi jeħtieġu inċentivi ċari sabiex jaġixxu fuq l-emissjonijiet tal-metan tagħhom, u għalhekk ***jenħtieġ li informazzjoni trasparenti dwar l-emissjonijiet tal-metan tkun disponibbli għas-swieq.***

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 54**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(54) Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Metan<sup>34</sup>, l-Unjoni hija impenjata li taħdem f'kooperazzjoni mas-sħab tal-enerġija tagħha u ma' pajjiżi importaturi ewlenin oħrajn tal-enerġija fossili sabiex tindirizza l-emissjonijiet tal-metan globalment. Id-diplomazija dwar l-enerġija dwar l-emissjonijiet tal-metan diġà tat riżultati importanti. F'Settembru tal-2021, l-Unjoni u l-Istati Uniti ħabbru l-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan, li tirrappreżenta impenn politiku sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet globali tal-metan bi 30 % sal-2030 (mil-livelli tal-2020), immedija fil-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 26) f'Novembru tal-2021 fi Glasgow. Aktar minn mitt pajjiż, li jirrappreżentaw kważi nofs l-emissjonijiet antropoġeniċi globali tal-metan, impenjaw

*Emenda*

(52) L-effetti tat-tisħin globali kkawżati mill-emissjonijiet tal-metan huma transfruntiera. Għalkemm xi pajjiżi li jipproduċu l-enerġija fossili qegħdin jibdew jaġixxu domestikament sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tal-metan mis-setturi tal-enerġija tagħhom, ħafna esportaturi mhumieq soġġetti għal regolamenti fis-swieq domestiċi rispettivi tagħhom. Dawn l-operaturi jeħtieġu inċentivi ċari sabiex jaġixxu fuq l-emissjonijiet tal-metan tagħhom, u għalhekk ***il-bżonn li dan ir-Regolament ikopri il-katina kollha tal-provvista.***

*Emenda*

(54) Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Metan<sup>34</sup>, l-Unjoni hija impenjata li taħdem f'kooperazzjoni mas-sħab tal-enerġija tagħha u ma' pajjiżi importaturi ewlenin oħrajn tal-enerġija fossili sabiex tindirizza l-emissjonijiet tal-metan globalment. Id-diplomazija dwar l-enerġija dwar l-emissjonijiet tal-metan diġà tat riżultati importanti. F'Settembru tal-2021, l-Unjoni u l-Istati Uniti ħabbru l-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan, li tirrappreżenta impenn politiku sabiex ***tittieħed azzjoni volontarja bħala kontribut għal sforz kollettiv biex*** jitnaqqsu l-emissjonijiet globali tal-metan bi 30 % sal-2030 (mil-livelli tal-2020), immedija fil-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 26) f'Novembru tal-2021 fi Glasgow. Aktar minn mitt pajjiż, li jirrappreżentaw kważi



l-appoġġ tagħhom. Il-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan tinkludi impenn sabiex isir progress lejn l-użu tal-aqwa inventarji ta' metodoloġiji disponibbli għall-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan, ***b'enfasi partikolari fuq sorsi ta' emissjonijiet għoljin.***

---

<sup>34</sup> COM(2020) 663 final

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Premessa 57

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(57) B'mod parallel għat-tkomplija tal-ħidma diplomatika ***ta' suċċess*** tagħha sabiex jintlaħqu ***tali*** impenji globali, l-Unjoni ***qiegħda*** tkompli ***tħeġġeġ*** tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet tal-metan globalment, u b'mod partikolari fil-pajjiżi li jfornu l-enerġija fossili lill-Unjoni.

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Premessa 58

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(58) Għalhekk, jenħtieġ li l-importaturi tal-enerġija fossili lejn l-Unjoni ***jkunu meħtieġa jipprovdu lill-Istati Membri b'informazzjoni dwar miżuri relatati mal-kejl***, ir-rapportar ***u l-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan imwettqa mill-esportaturi, b'mod partikolari l-applikazzjoni ta' miżuri regolatorji jew volontarji għall-kontroll tal-emissjonijiet tal-metan tagħhom, inklużi miżuri bħal sħarriġ*** dwar id-detezzjoni u t-tiswija ta'

nofs l-emissjonijiet antropoġeniċi globali tal-metan, impenjaw l-appoġġ tagħhom. Il-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan tinkludi impenn sabiex isir progress lejn l-użu tal-aqwa inventarji ta' metodoloġiji disponibbli għall-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan.

---

<sup>34</sup> COM(2020) 663 final

#### *Emenda*

(57) B'mod parallel għat-tkomplija tal-ħidma diplomatika tagħha sabiex jintlaħqu impenji globali ***għal tnaqqis sinifikanti tal-metan, jenħtieġ li*** l-Unjoni tkompli ***tavvanza l-isforzi kollha relatati ma' tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet tal-metan globalment, u b'mod partikolari fil-pajjiżi li jfornu l-enerġija fossili lill-Unjoni, billi tirregola l-importazzjoni.***

#### *Emenda*

(58) Għalhekk, jenħtieġ li l-importaturi tal-enerġija fossili lejn l-Unjoni ***jiġu sottomessi għall-istess regoli li huma simili għal dawk għall-produtturi fi ħdan l-Unjoni dwar il-monitoraġġ***, ir-rapportar ***u l-verifika***, id-detezzjoni u t-tiswija ta' tnixxijiet ***u l-limiti għall-ivventjar*** u l-ivvampjar.

tnixxijiet *jew miżuri sabiex jiġu kkontrollati u ristretti l-ivventjar u l-ivvampjar tal-metan. Il-livelli ta' kejl u rapportar stabbiliti fir-rekwiżiti ta' informazzjoni applikati għall-importaturi jikkorrispondu għal dawk li għandhom ikunu meħtieġa mill-operaturi tal-Unjoni f'dan ir-Regolament, kif deskritt fil-Premessi 24 sa 26 u 46. L-informazzjoni dwar il-miżuri għall-kontroll tal-emissjonijiet tal-metan mhijiex aktar ta' piż minn dik meħtieġa mill-operaturi tal-Unjoni.*

#### **Emenda 42**

##### **Proposta għal regolament Premessa 58a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(58a) Meta importatur juri l-implimentazzjoni ta' miżuri tul il-katina tal-provvista meqjusa komparabbli fl-effettività għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jew jipprovdi garanziji tal-oriġini u tat-trasport f'pajjiżi meqjusa li għandhom ekwivalenza regolatorja, jenħtieġ li dak l-importatur ikun eliġibbli għal deroga. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tagħti deorga bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-liġi kummerċjali tagħha.*

#### **Emenda 43**

##### **Proposta għal regolament Premessa 59**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(59) L-Istati Membri jenħtieġ li jgħaddu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi u timmaniġġja bażi tad-data dwar it-trasparenza għall-

(59) L-Istati Membri jenħtieġ li jgħaddu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi u timmaniġġja bażi tad-data dwar it-trasparenza għall-

importazzjonijiet tal-enerġija fossili fl-Unjoni, li tagħti dettalji dwar jekk il-kumpaniji esportaturi ngħaqdux mal-OGMP għall-kumpaniji taż-żejt u tal-gass u, sa fejn dan ikun stabbilit, standard ekwivalenti, rikonoxxut internazzjonalment jew mill-Unjoni għall-kumpaniji tal-faħam. Tali informazzjoni jenħtieġ li turi l-grad ta' impenn tal-kumpaniji fil-pajjiżi esportaturi sabiex ikejlu, jirrapportaw u jivverifikaw l-emissjonijiet tal-metan tagħhom skont il-metodi tal-grad 3 tar-rapportar tal-UNFCCC. Tali bażi tad-data dwar it-trasparenza sservi bħala sors ta' informazzjoni għad-deċiżjonijiet dwar ix-xiri tal-importaturi tal-enerġija fossili lejn l-Unjoni kif ukoll għal partijiet ikkonċernati oħrajn u għall-pubbliku. Il-bażi tad-data dwar it-trasparenza jenħtieġ li tirrifletti wkoll *l-isforzi* mwettqa mill-kumpaniji fl-Unjoni u mill-kumpaniji li jesportaw l-enerġija fossili lejn l-Unjoni sabiex ikejlu u jirrapportaw kif ukoll inaqqsu l-emissjonijiet tal-metan tagħhom. Jenħtieġ li din tinkludi wkoll informazzjoni dwar l-azzjonijiet regolatorji tal-kejl, tar-rapportar u tal-mitigazzjoni minn pajjiżi fejn tiġi prodotta l-enerġija fossili.

## Emenda 44

### Proposta għal regolament Premessa 61

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(61) Flimkien, il-miżuri msemmija fil-Premessi 58 sa 60 jenħtieġ li jtejbu t-trasparenza għax-xerrejja, u ***b'hekk ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati dwar l-akkwist u jtejbu l-possibbiltà ta' użu usa' ta' soluzzjonijiet ta' mitigazzjoni tal-metan fid-dinja kollha.*** Barra minn hekk, jenħtieġ li huma jinċentivaw aktar lill-kumpaniji internazzjonali sabiex jissieħbu ma' standards internazzjonali ta' kejl u rapportar tal-metan bħall-OGMP jew sabiex jadottaw miżuri effettivi ta' kejl,

importazzjonijiet tal-enerġija fossili fl-Unjoni, li tagħti dettalji dwar jekk il-kumpaniji esportaturi ngħaqdux mal-OGMP għall-kumpaniji taż-żejt u tal-gass u, sa fejn dan ikun stabbilit, standard ekwivalenti, rikonoxxut internazzjonalment jew mill-Unjoni għall-kumpaniji tal-faħam. Tali informazzjoni jenħtieġ li turi l-grad ta' impenn tal-kumpaniji fil-pajjiżi esportaturi sabiex ikejlu, jirrapportaw u jivverifikaw l-emissjonijiet tal-metan tagħhom skont il-metodi tal-grad 3 tar-rapportar tal-UNFCCC. Tali bażi tad-data dwar it-trasparenza sservi bħala sors ta' informazzjoni għad-deċiżjonijiet dwar ix-xiri tal-importaturi tal-enerġija fossili lejn l-Unjoni kif ukoll għal partijiet ikkonċernati oħrajn u għall-pubbliku. Il-bażi tad-data dwar it-trasparenza jenħtieġ li tirrifletti wkoll *il-miżuri* mwettqa mill-kumpaniji fl-Unjoni u mill-kumpaniji li jesportaw l-enerġija fossili lejn l-Unjoni sabiex ikejlu u jirrapportaw kif ukoll inaqqsu l-emissjonijiet tal-metan tagħhom. Jenħtieġ li din tinkludi wkoll informazzjoni dwar l-azzjonijiet regolatorji tal-kejl, tar-rapportar u tal-mitigazzjoni minn pajjiżi fejn tiġi prodotta l-enerġija fossili.

#### *Emenda*

(61) Flimkien, il-miżuri msemmija fil-Premessi 58 sa 60 jenħtieġ li jtejbu t-trasparenza għax-xerrejja, u ***jiffaċilitaw l-eżami tal-konformità sħiħa mar-regolament tal-Unjoni dwar l-importazzjonijiet.*** Barra minn hekk, jenħtieġ li huma jinċentivaw aktar lill-kumpaniji internazzjonali sabiex jissieħbu ma' standards internazzjonali ta' kejl u rapportar tal-metan bħall-OGMP jew sabiex jadottaw miżuri effettivi ta' kejl, rapportar u mitigazzjoni. Il-Kummissjoni

rapportar u mitigazzjoni. ***Dawn il-miżuri huma mfassla bħala l-bażi għal approċċ gradwali sabiex jiżdied il-livell ta' strettezza tal-miżuri applikabbli għall-importazzjonijiet. Għalhekk, il-*** Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li temenda jew iżżid mar-rekwiżiti ta' rapportar tal-importaturi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri u, jekk tqis xieraq, tippreżenta proposti għal rieżami sabiex timponi miżuri aktar stretti fuq l-importaturi ***u sabiex tiżgura livell komparabbli ta' effettività tal-miżuri applikabbli f'pajjiżi terzi għall-monitoraġġ, ir-rapportar, il-verifika u l-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan.*** L-evalwazzjoni jenħtieġ li tqis il-ħidma mwettqa mill-IMEO, inkluż l-Indiċi tal-Provvista tal-Metan, il-bażi tad-data dwar it-trasparenza u l-għodda ta' monitoraġġ globali tal-emittenti tal-metan. Jekk il-Kummissjoni ssib li jkun xieraq li jiżdied il-livell ta' strettezza tal-miżuri applikabbli għall-importazzjonijiet, huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha inkluż billi tikkonsulta ma' pajjiżi terzi rilevanti.

## Emenda 45

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-kejl, ir-rapportar u l-verifika akkurati tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija fl-Unjoni, kif ukoll għat-naqqis ta' dawk l-emissjonijiet, inkluż permezz ta' sħarriġiet dwar id-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet u restrizzjonijiet fuq l-ivventjar u l-ivvampjar. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli dwar għodod li jiżguraw it-trasparenza tal-emissjonijiet tal-metan mill-

jenħtieġ li tingħata s-setgħa li temenda jew iżżid mar-rekwiżiti ta' rapportar tal-importaturi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri u, jekk tqis xieraq, tippreżenta proposti għal rieżami sabiex timponi miżuri aktar stretti fuq l-importaturi. L-evalwazzjoni jenħtieġ li tqis il-ħidma mwettqa mill-IMEO, inkluż l-Indiċi tal-Provvista tal-Metan, il-bażi tad-data dwar it-trasparenza u l-għodda ta' monitoraġġ globali tal-emittenti tal-metan. Jekk il-Kummissjoni ssib li jkun xieraq li jiżdied il-livell ta' strettezza tal-miżuri applikabbli għall-importazzjonijiet, huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha inkluż billi tikkonsulta ma' pajjiżi terzi rilevanti.

#### *Emenda*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-kejl, ***il-kwantifikazzjoni, il-monitoraġġ***, ir-rapportar u l-verifika akkurati tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija fl-Unjoni, kif ukoll għat-naqqis ta' dawk l-emissjonijiet, inkluż permezz ta' sħarriġiet dwar id-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet, ***l-obbligi ta' rapportar*** u restrizzjonijiet fuq l-ivventjar u l-ivvampjar. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli dwar għodod li

importazzjonijiet tal-enerġija fossili fl-Unjoni.

jiżguraw it-trasparenza tal-emissjonijiet tal-metan mill-importazzjonijiet tal-enerġija fossili fl-Unjoni.

#### Emenda 46

##### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) it-terminals tat-trażmissjoni, tad-distribuzzjoni, tal-ħżin taħt l-art u tal-gass likwidu (**LNG**) li joperaw b'metan (bijo jew sintetiku) fossili u/jew rinnovabbli;

*Emenda*

(b) it-terminals tat-trażmissjoni, tad-distribuzzjoni, (**esklużi sistemi ta' miters fil-punti aħħarija tal-konsum**) tal-ħżin taħt l-art u **tal-gass likwidu** li joperaw b'metan (bijo jew sintetiku) fossili u/jew rinnovabbli;

#### Emenda 47

##### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) il-petrokimiċi.**

#### Emenda 48

##### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet tal-metan li jseħħu barra mill-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti **ta' informazzjoni** tal-importatur, mal-bażi tad-data dwar it-trasparenza tal-metan u mal-għodda ta' monitoraġġ tal-emittenti tal-metan.

*Emenda*

3. Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet tal-metan li jseħħu barra mill-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-importatur, mal-bażi tad-data dwar it-trasparenza tal-metan u mal-għodda ta' monitoraġġ tal-emittenti tal-metan.

#### Emenda 49

**Proposta għal regolament  
Artikolu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 1a**

***Mira fil-livell tal-Unjoni fil-qasam tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan***

- 1. Skont il-mira fit-tul tat-temperatura stabbilita fl-Artikolu 2(1), il-punt (a) tal-Ftehim ta' Pariġi, il-mira ta' emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra sa mhux aktar tard mill-2050 stabbilita fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 u l-mira tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan li l-emissjonijiet antropoġeniċi globali tal-metan jiġnaqqsu b'mill-inqas 30 % sal-2030 mil-livelli tal-2020, il-Kummissjoni għandha tipproponi, sal-31 ta' Diċembru 2025 u abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt, mira vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan għall-2030 li tkopri s-setturi tal-emissjonijiet rilevanti kollha.***
- 2. Skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw li l-emissjonijiet tal-metan mis-settur tal-enerġija fl-Unjoni jiġnaqqsu, sal-2030, għal livell li jkopri l-benefiċċji soċjali tal-mitigazzjoni tal-metan b'inqas mill-kostijiet tagħhom.***
- 3. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan stabbiliti fl-ambitu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu bħala parti mill-pjanijiet integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikoli 3, 4, 5 u 9 sa 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tal-ewwel aġġornament tal-pjanijiet integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima mressqa skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kontributi nazzjonali tal-Istati Membri mhumiex biżżejjed biex***

*kollettivament tintlaħaq il-mira tal-Unjoni, hija għandha tipproponi miżuri u teżerċita s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni biex tiżgura l-ilħuq kollettiv tal-mira msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.*

## **Emenda 50**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) “emissjonijiet tal-metan” tfisser l-emissjonijiet diretti kollha li jseħħu mill-komponenti kollha li huma sorsi potenzjali ta' emissjonijiet tal-metan, kemm jekk bħala riżultat ta' ivventjar ***intenzjonat kif ukoll jekk mhux intenzjonat***, kombustjoni mhux kompluta f'apparat tal-ivvampjar jew minn komponenti oħrajn u tnixxijiet ***mhux intenzjonati***;

*Emenda*

(1) “emissjonijiet tal-metan” tfisser l-emissjonijiet diretti kollha li jseħħu mill-komponenti kollha li huma sorsi potenzjali ta' emissjonijiet tal-metan, kemm jekk bħala riżultat ta' ivventjar, kombustjoni mhux kompluta f'apparat tal-ivvampjar jew minn komponenti oħrajn u tnixxijiet;

## **Emenda 51**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1a) “komponent” tfisser kwalunkwe element ta' tagħmir li għandu l-potenzjal li jarmi emissjonijiet li jaħarbu tal-metan jew tal-komposti organiċi volatili;

*Emenda*

(1a) “komponent” tfisser kwalunkwe element ta' tagħmir li għandu l-potenzjal li jarmi emissjonijiet li jaħarbu tal-metan jew tal-komposti organiċi volatili;

## **Emenda 52**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1b) “tnixxija” tfisser kwalunkwe emissjoni tal-metan mhux intenzjonata

*Emenda*

(1b) “tnixxija” tfisser kwalunkwe emissjoni tal-metan mhux intenzjonata

*minn komponent;*

## **Emenda 53**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) “verifikatur” tfisser persuna ġuridika ***differenti mill-awtoritajiet kompetenti maħtura f’konformità mal-Artikolu 4 ta’ dan ir-Regolament*** li twettaq attivitajiet ta’ verifika u li hija akkreditata minn korp nazzjonali ta’ akkreditament skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew persuna fiżika awtorizzata mod ieħor, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2) ta’ dak ir-Regolament, fiż-żmien meta tinħareġ dikjarazzjoni ta’ verifika;

*Emenda*

(7) “verifikatur” tfisser persuna ġuridika li twettaq attivitajiet ta’ verifika u li hija akkreditata minn korp nazzjonali ta’ akkreditament skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew persuna fiżika awtorizzata mod ieħor, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2) ta’ dak ir-Regolament, fiż-żmien meta tinħareġ dikjarazzjoni ta’ verifika;

## **Emenda 54**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

## **Emenda 55**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(9a) “faċilità” tfisser installazzjoni waħda jew aktar fuq l-istess sit li huma operati mill-istess persuna fiżika jew ġuridika;***

*Emenda*

***(9b) “sit” tfisser il-post ġeografiku tal-faċilità;***



## Emenda 56

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) “fattur ta’ emissjoni” tfisser koeffiċjent li jikkwantifika l-emissjonijiet ***jew l-assorbimenti*** ta’ gass għal kull unità ta’ attività, li spiss ikun ibbażat fuq kampjun ta’ data tal-kejl, fuq medja sabiex tiġi żviluppata rata rappreżentattiva ta’ emissjoni għal livell ta’ attività partikolari taħt sett partikolari ta’ kundizzjonijiet operattivi;

#### *Emenda*

(10) “fattur ta’ emissjoni” tfisser koeffiċjent li jikkwantifika l-emissjonijiet ta’ gass għal kull unità ta’ attività, li spiss ikun ibbażat fuq kampjun ta’ data tal-kejl, fuq medja sabiex tiġi żviluppata rata rappreżentattiva ta’ emissjoni għal livell ta’ attività partikolari taħt sett partikolari ta’ kundizzjonijiet operattivi;

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) “fattur speċifiku ta’ emissjoni” tfisser fattur ta’ emissjoni derivat minn kejl dirett;

#### *Emenda*

(12) “fattur speċifiku ta’ emissjoni” tfisser fattur ta’ emissjoni ***għal tip ta’ sors ta’ emissjoni li huwa*** derivat minn kejl dirett;

## Emenda 58

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) “kejl dirett” tfisser ***kwantifikazzjoni diretta*** tal-emissjoni tal-metan fil-livell tas-sors b’apparat tal-kejl ***tal-metan***;

#### *Emenda*

(13) “kejl dirett” tfisser ***kejl*** tal-emissjoni tal-metan fil-livell tas-sors b’apparat tal-kejl ***li jippermetti tali kejl***;

## Emenda 59

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(13a) “kwantifikazzjoni” tfisser operazzjonijiet sabiex tiġi ddeterminata l-kwantità ta’ emissjonijiet tal-metan, abbażi ta’ kejl dirett jew, fejn il-kejl dirett ma jkunx fattibbli, abbażi ta’ kalkoli dettaljati tal-ingerija jew għodod ta’ simulazzjoni, u abbażi ta’ tagħmir avvanzat u metodi ta’ monitoraġġ;**

## **Emenda 60**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(14) “emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sit” tfisser is-sorsi kollha ta’ emissjonijiet fi ħdan *assi*;

(14) “emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sit” tfisser is-sorsi kollha ta’ emissjonijiet fi ħdan *sit kollu*;

## **Emenda 61**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(15) “kejl fil-livell tas-sit” tfisser kejl minn fuq għal isfel u tipikament jinvolve l-użu ta’ sensuri mmuntati fuq pjattaforma mobbli, bħal vetturi, droni, inġenji tal-ajru, dgħajjes *u* satelliti jew mezzi oħrajn sabiex tinkiseb ħarsa ġenerali sħiħa lejn l-emissjonijiet f’sit sħiħ;

(15) “kejl fil-livell tas-sit” tfisser kejl minn fuq għal isfel u tipikament jinvolve l-użu ta’ sensuri mmuntati fuq pjattaforma mobbli, bħal vetturi, droni, inġenji tal-ajru, dgħajjes, satelliti, *l-użu ta’ sensuri fissi, bħal networks kontinwi ta’ sensuri lokalizzati*, jew mezzi oħrajn sabiex tinkiseb ħarsa ġenerali sħiħa lejn l-emissjonijiet f’sit sħiħ;

## **Emenda 62**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) “stħarriġ dwar id-detezzjoni u t-tiswija ta’ tnixxijiet” tfisser stħarriġ sabiex jiġu identifikati s-sorsi tal-emissjonijiet tal-metan, **inklużi t-tnixxijiet u l-ivventjar** mhux intenzjonat;

*Emenda*

(17) “stħarriġ dwar id-detezzjoni u t-tiswija ta’ tnixxijiet” tfisser stħarriġ **bi strument jew teknoloġija avvanzata oħra b’limitu minimu ta’ detezzjoni u kunfidenza**, sabiex jiġu identifikati **u traċċati** s-sorsi **tat-tnixxijiet** tal-emissjonijiet tal-metan **u emissjonijiet tal-metan oħra** mhux intenzjonati, **u ghattiswija jew is-sostituzzjoni tal-komponenti li jnixxu**;

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(18) “ivventjar” tfisser ir-rilaxx ta’ metan mhux maħruq fl-atmosfera **jew** intenzjonalment minn proċessi, attivitajiet jew apparat iddiżinjati għal dan il-għan, **jew b’mod mhux intenzjonat fil-każ ta’ funzjonament ħażin jew restrizzjonijiet ġeoloġiċi**;

*Emenda*

(18) “ivventjar” tfisser ir-rilaxx ta’ metan mhux maħruq fl-atmosfera intenzjonalment minn proċessi, attivitajiet jew apparat iddiżinjati għal dan il-għan;

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(22) “ivvampjar ta’ rutina” tfisser l-ivvampjar matul il-produzzjoni normali taż-żejt jew tal-gass fossili u fin-nuqqas ta’ faċilitajiet suffiċjenti jew ġeoloġija li tista’ tiġi adattata sabiex il-metan jiġi injettat mill-ġdid, jintuża fuq il-post, jew jintbagħat lejn suq;

*Emenda*

(22) “ivvampjar ta’ rutina” tfisser l-ivvampjar matul il-produzzjoni normali taż-żejt jew tal-gass fossili u fin-nuqqas ta’ faċilitajiet suffiċjenti jew ġeoloġija li tista’ tiġi adattata sabiex il-metan jiġi injettat mill-ġdid, jintuża fuq il-post, **jiġi pproċessat**, jew jintbagħat lejn suq, **u eskluż l-ivvampjar ikkawżat minn emerġenza**;

## Emenda 65

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 24

*Test propost mill-Kummissjoni*

(24) “bir inattiv” tfisser bir taż-żejt jew tal-gass jew sit tal-bir fejn l-operazzjonijiet għall-esplorazzjoni jew għall-produzzjoni jkunu waqfu għal mill-anqas sena;

*Emenda*

(24) “bir inattiv” tfisser bir taż-żejt jew tal-gass jew sit tal-bir, **fuq l-art jew lil hinn mill-kosta**, fejn l-operazzjonijiet għall-esplorazzjoni jew għall-produzzjoni jkunu waqfu għal mill-anqas sena; **hija ma tinkludix bjar magħluqa u abbandunati b’mod permanenti.**

## Emenda 66

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(24a) “bir magħluq u abbandunat b’mod permanenti” tfisser bir taż-żejt jew tal-gass jew sit tal-bir, fuq l-art jew lil hinn mill-kosta, li ngħalaq u fih ħadd u xejn mhux se jidħol, fejn l-installazzjonijiet kollha assoċjati mal-bir tneħħew u l-operazzjonijiet intemmu u fejn tista’ tiġi provduta dokumentazzjoni adegwata biex turi, f’konformità mal-Anness IV, li ma hemmx emissjonijiet tal-metan minn dak il-bir jew mis-sit tal-bir;**

## Emenda 67

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 39a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(39a) “it-tagħmir tal-estrazzjoni tal-faħam f’minjiera magħluqa jew abbandunata” tfisser kwalunkwe tagħmir li jibqa’ marbut mal-istrata li ġgħorr il-metan, inklużi iżda mhux limitati għal**

*passaġġi tal-ventilazzjoni u l-pajpijiet tad-dranaġġ;*

## Emenda 68

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 41

*Test propost mill-Kummissjoni*

(41) “importatur” tfisser persuna fiżika jew ġuridika **stabbilita fl-Unjoni** li, matul attività kummerċjali, tqiegħed **l-enerġija** fossili minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni.

*Emenda*

(41) “importatur” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li, matul attività kummerċjali, tqiegħed **il-gass** fossili, **iż-żejt jew il-faħam** minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni **inkluż kwalunkwe persuna fiżika stabbilita fl-Unjoni li hija maħtura twettaq azzjonijiet meħtieġa fl-ambitu tal-Artikolu 27.**

## Emenda 69

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta jistabbilixxu jew japprovaw tariffi **ta’ trażmissjoni jew ta’ distribuzzjoni** jew il-metodoloġiji li għandhom jintużaw mill-operaturi tas-sistema ta’ trażmissjoni, mill-operaturi tas-sistema ta’ distribuzzjoni, mill-operaturi tat-terminali tal-LNG jew minn kumpaniji regolati oħrajn, inklużi, fejn applikabbli, l-operaturi tal-ħżin tal-gass, l-awtoritajiet regolatorji għandhom iqisu l-kostijiet **imġarrba** u l-investimenti magħmula sabiex jikkonformaw mal-obbligi skont dan ir-Regolament, sa fejn dawn jikkorrispondu ma’ dawk ta’ operatur regolat effiċjenti u strutturalment komparabbli.

*Emenda*

1. Meta jistabbilixxu jew japprovaw tariffi jew il-metodoloġiji li għandhom jintużaw mill-operaturi tas-sistema ta’ trażmissjoni, mill-operaturi tas-sistema ta’ distribuzzjoni, mill-operaturi tat-terminali tal-LNG jew minn kumpaniji regolati oħrajn, inklużi, fejn applikabbli, l-operaturi tal-ħżin tal-gass, l-awtoritajiet regolatorji għandhom iqisu l-kostijiet **addizzjonali mġarrba** u l-investimenti magħmula sabiex jikkonformaw mal-obbligi skont dan ir-Regolament, sa fejn dawn jikkorrispondu ma’ dawk ta’ operatur regolat effiċjenti u strutturalment komparabbli. **Il-kostijiet ta’ unità ta’ investiment imsemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jintużaw minn awtoritajiet regolatorji biex jagħmlu valutazzjoni komparattiva tal-kostijiet imġarrba mill-operaturi.**

## Emenda 70

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kull tliet snin, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) għandha tistabbilixxi u tagħmel disponibbli għall-pubbliku sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet ta' unità ta' investiment marbuta mal-kejl, ir-rapportar u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan għal proġetti komparabbli.

#### *Emenda*

2. Kull tliet snin, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) għandha tistabbilixxi u tagħmel disponibbli għall-pubbliku sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet ta' unità ta' investiment marbuta mal-kejl, ***il-monitoraġġ***, ir-rapportar, ***il-verifika*** u t-tnaqqis ***tal-emissjonijiet, inklużi dawk mill-ivventjar u l-ivvampjar***, tal-emissjonijiet tal-metan għal proġetti komparabbli.

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti sa ...[3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla fl-ismijiet jew fid-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti.

#### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti sa ...[6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla fl-ismijiet jew fid-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti.

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel lista tal-awtoritajiet kompetenti disponibbli

#### *Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel lista tal-awtoritajiet kompetenti disponibbli

għall-pubbliku u għandha taġġorna dik il-lista regolament.

għall-pubbliku u għandha taġġorna dik il-lista regolament ***kif tirċievi notifika għal kwalunkwe bidla minn Stat Membru.***

### Emenda 73

#### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***jkollhom*** setgħat u riżorsi adegwati sabiex iwettqu l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Emenda*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***jstabbilixxu punt ta' kuntatt, ikollhom*** setgħat u riżorsi adegwati, ***inklużi riżorsi umani***, sabiex iwettqu l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

### Emenda 74

#### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità ***mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan*** ir-Regolament.

*Emenda*

1. ***Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità ***ma' dan*** ir-Regolament.

### Emenda 75

#### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-operaturi ***u*** l-operaturi tal-minjieri għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti l-assistenza kollha meħtieġa sabiex jippermettu jew jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta'

*Emenda*

2. L-operaturi, l-operaturi tal-minjieri ***u l-importaturi, dment li dawk l-importaturi huma meħtieġa skont l-Artikolu 27***, għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti l-assistenza kollha meħtieġa sabiex jippermettu jew jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-



dokumentazzjoni jew rekords.

Regolament, b' mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.

## Emenda 76

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni u kif meħtieġ mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni *tista'* tistabbilixxi network ta' awtoritajiet kompetenti sabiex trawwem il-kooperazzjoni, bl-arranġamenti meħtieġa għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki u sabiex tippermetti konsultazzjonijiet.

*Emenda*

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni u kif meħtieġ mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni ***għandha*** tistabbilixxi network ta' awtoritajiet kompetenti sabiex trawwem il-kooperazzjoni, bl-arranġamenti meħtieġa għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki u sabiex tippermetti konsultazzjonijiet. ***Il-punti ta' kuntatt stabbiliti fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti għandhom jappoġġaw dawn l-attivitajiet.***

## Emenda 77

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli regolari biex jivverifikaw il-konformità tal-importaturi mal-Artikolu 27(2a), dment li daww l-importaturi huma meħtieġa jikkonformaw skont l-Artikolu 27, permezz ta' kontrolli tad-dokumentazzjoni u verifika minn parti terza indipendenti, flimkien ma' metodi u teknoloġiji oħra għad-dispożizzjoni tagħhom biex jivverifikaw l-eżistenza ta' emissjonijiet tal-metan.***

## Emenda 78

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b.** *L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw u japprovaw il-pjan ta' mitigazzjoni msemmi fl-Artikolu 18(6) biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet tal-metan sottomessi mill-operaturi.*

## Emenda 79

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Meta r-rapporti għandhom isiru pubbliċi f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas, fuq sit web apposta u f'format aċċessibbli, li jista' jitniżżel u jiġi editjat liberament.

Meta r-rapporti għandhom isiru pubbliċi f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmluhom disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas, fuq sit web apposta u f'format aċċessibbli, li jista' jitniżżel u jiġi editjat liberament. ***Id-data miġbura għandha tiżgura l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva tal-kumpaniji.***

## Emenda 80

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu spezzjonijiet perjodiċi sabiex jivverifikaw il-konformità tal-operaturi jew tal-operaturi tal-minjieri marrekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ewwel spezzjoni għandha titlesta sa ...[18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu spezzjonijiet perjodiċi sabiex jivverifikaw il-konformità tal-operaturi jew tal-operaturi tal-minjieri marrekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ewwel spezzjoni għandha titlesta sa ...[18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Għandhom jiġu***

*kkunsidrati mekkaniżmi ta' kontroll diġà stabbiliti disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw l-aħjar Prattiki.*

## Emenda 81

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta spezzjoni tkun identifikat ksur *serju* tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jorġu avviż ta' azzjonijiet ta' rimedju li għandhom jitwettqu mill-operatur jew mill-operatur tal-minjieri, bħala parti mir-rapport imsemmi fil-paragrafu 5.

#### *Emenda*

Meta spezzjoni tkun identifikat ksur tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jorġu avviż ta' azzjonijiet ta' rimedju li għandhom jitwettqu mill-operatur jew mill-operatur tal-minjieri, ***bi skadenzi ċari għal dawn l-azzjonijiet***, bħala parti mir-rapport imsemmi fil-paragrafu 5.

## Emenda 82

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Wara l-ewwel spezzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu programmi għall-ispezzjonijiet ta' rutina. Il-perjodu bejn l-ispezzjonijiet għandu jkun ibbażat fuq stima tar-riskju ambjentali u ma għandux ***jaqbeż is-sentejn***. Meta spezzjoni tkun identifikat ksur serju tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-ispezzjoni sussegwenti għandha ssir ***fi żmien sena***.

#### *Emenda*

3. Wara l-ewwel spezzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu programmi għall-ispezzjonijiet ta' rutina. Il-perjodu bejn l-ispezzjonijiet għandu jkun ibbażat fuq stima tar-riskju ambjentali, ***inkluża valutazzjoni ta' impatti kumulattivi tal-emissjonijiet tal-metan kollha bħala sustanzi niġġiesa***, u ma għandux ***ikun aktar minn 16-il xahar***. Meta spezzjoni tkun identifikat ksur serju tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-ispezzjoni sussegwenti għandha ssir ***f'perjodu massimu ta' disa' xhur***.

## Emenda 83

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) sabiex jinvestigaw ilmenti sostanzjati msemmija fl-Artikolu 7 u okkorrenzi ta' nuqqas ta' konformità mill-aktar fis possibbli wara d-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti jsiru konxji ta' tali lmenti jew nuqqas ta' konformità;

*Emenda*

(a) sabiex jinvestigaw ilmenti sostanzjati msemmija fl-Artikolu 7 u okkorrenzi ta' nuqqas ta' konformità mill-aktar fis possibbli wara d-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti jsiru konxji ta' tali lmenti jew nuqqas ta' konformità ***u mhux aktar minn 6 xhur dwar dik id-data;***

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Wara kull spezzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iħejju rapport li jiddeskrivi l-bażi ġuridika għall-ispezzjoni, il-passi proċedurali segwiti, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti għall-azzjoni ulterjuri mill-operatur jew mill-operatur tal-minjieri.

*Emenda*

Wara kull spezzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iħejju rapport li jiddeskrivi l-bażi ġuridika għall-ispezzjoni, il-passi proċedurali segwiti, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti għall-azzjoni ulterjuri mill-operatur jew mill-operatur tal-minjieri, ***inklużi l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tagħhom.***

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. L-operaturi u l-operaturi tal-minjieri għandhom jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa stabbiliti fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 5 fil-perjodu determinat mill-awtoritajiet kompetenti jew fi kwalunkwe perjodu ieħor miftiehem mal-awtoritajiet kompetenti.

*Emenda*

6. L-operaturi u l-operaturi tal-minjieri għandhom, ***mingħajr dewmien,*** jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa stabbiliti fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 5 fil-perjodu determinat mill-awtoritajiet kompetenti jew fi kwalunkwe perjodu ieħor miftiehem mal-awtoritajiet kompetenti.

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika **li tqis li ġarrbet dannu bħala riżultat ta'** ksur tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament mill-operaturi jew mill-operaturi tal-minjieri, **tista' tippreżenta lment bil-miktub** lill-awtoritajiet kompetenti.

#### *Emenda*

1. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika **tista' tissottometti ilment bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti dwar** ksur **possibbli** tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament mill-operaturi jew mill-operaturi tal-minjieri. **Barra minn hekk, il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja għandu jaġixxi bħala punt ta' kuntatt għall-finis-sottomissjoni tal-ilmenti** lill-awtoritajiet kompetenti **kkonċernati**.

## Emenda 87

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-ilmenti għandhom jiġu ssostanzjati kif xieraq u jkun fihom biżżejjed evidenza tal-allegat ksur **u tad-dannu li jirriżulta minnu**.

#### *Emenda*

2. L-ilmenti għandhom jiġu ssostanzjati kif xieraq u jkun fihom biżżejjed evidenza tal-allegat ksur.

## Emenda 88

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fejn jidher li l-ilment ma jipprovdi biżżejjed evidenza sabiex jiġġustifika t-twettiq ta' investigazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-ilmentatur bir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom li ma jwettqux investigazzjoni.

#### *Emenda*

3. Fejn jidher li l-ilment ma jipprovdi biżżejjed evidenza sabiex jiġġustifika t-twettiq ta' investigazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-ilmentatur, **fi żmien raġonevoli iżda mhux aktar tard minn xahar**, bir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom li ma jwettqux investigazzjoni.

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-verifikaturi għandhom jivvalutaw il-konformità tar-rapporti dwar l-emissjonijiet sottomessi lilhom mill-operaturi **jew** mill-operaturi tal-minjieri f'konformità ma' dan ir-Regolament. Huma għandhom jivvalutaw il-konformità tar-rapporti mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u jirrieżaminaw is-sorsi u l-metodoloġiji kollha tad-data użati sabiex jivvalutaw l-affidabbiltà, il-kredibbiltà u l-akkuratezza tagħhom, b'mod partikolari l-punti li ġejjin:

#### *Emenda*

1. Il-verifikaturi għandhom jivvalutaw il-konformità tar-rapporti dwar l-emissjonijiet sottomessi lilhom mill-operaturi, mill-operaturi tal-minjieri **jew l-importaturi, dment li daww l-importaturi huma meħtieġa skont l-Artikolu 27**, f'konformità ma' dan ir-Regolament. Huma għandhom jivvalutaw il-konformità tar-rapporti mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u jirrieżaminaw is-sorsi u l-metodoloġiji kollha tad-data użati sabiex jivvalutaw l-affidabbiltà, il-kredibbiltà u l-akkuratezza tagħhom, b'mod partikolari l-punti li ġejjin:

## Emenda 90

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) kwalunkwe sistema ta' kontroll **tal-kwalità jew** ta' garanzija tal-kwalità applikata mill-operaturi **jew** mill-operaturi tal-minjieri.

#### *Emenda*

(d) kwalunkwe sistema ta' kontroll ta' garanzija tal-kwalità applikata mill-operaturi, mill-operaturi tal-minjieri **jew mill-importaturi, dment li daww l-importaturi huma meħtieġa skont l-Artikolu 27**.

## Emenda 91

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fit-twettiq tal-attivitajiet ta' verifika msemmija fil-paragrafu 1, il-verifikaturi għandhom jużaw standards Ewropej jew

#### *Emenda*

Fit-twettiq tal-attivitajiet ta' verifika msemmija fil-paragrafu 1, il-verifikaturi għandhom jużaw standards Ewropej jew

internazzjonali **bla ħlas u** disponibbli għall-pubbliku għall-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan kif magħmula applikabbli mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 5. Sa tali data meta l-applikabbiltà ta' dawk l-istandards tiġi ddeterminata mill-Kummissjoni, il-verifikaturi għandhom jużaw standards Ewropej jew internazzjonali eżistenti għall-kwantifikazzjoni u l-verifika tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

internazzjonali disponibbli għall-pubbliku għall-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan kif magħmula applikabbli mill-Kummissjoni f'konformità **ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari** mal-paragrafu 5. Sa tali data meta l-applikabbiltà ta' dawk l-istandards tiġi ddeterminata mill-Kummissjoni, il-verifikaturi għandhom jużaw standards Ewropej jew internazzjonali eżistenti għall-kwantifikazzjoni u l-verifika tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

## Emenda 92

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Meta ma jkun hemm l-ebda standard Ewropew jew internazzjonali disponibbli, l-operaturi jew l-operaturi tal-minjieri għandhom jipprovdu informazzjoni lill-verifikaturi dwar l-istandards jew il-metodoloġiji użati mill-operaturi, mill-operaturi tal-minjieri jew mill-importaturi għall-fini tal-attivitajiet ta' verifika.**

## Emenda 93

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-verifikaturi **jistgħu jwettqu** kontrolli fuq il-post sabiex jiddeterminaw l-affidabbiltà, il-kredibbiltà u l-akkuratezza tas-sorsi tad-data u tal-metodoloġiji użati.

Il-verifikaturi **għandhom iwettqu** kontrolli fuq il-post **b'avviż minn qabel kif ukoll għal għarrieda** sabiex jiddeterminaw l-affidabbiltà, il-kredibbiltà u l-akkuratezza tas-sorsi tad-data u tal-metodoloġiji użati.

## Emenda 94



**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-attivitajiet ta' verifika msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu allinjati mal-istandards u l-metodoloġiji Ewropej jew internazzjonali attwali sabiex jiġi limitat il-piż fuq l-operaturi, l-operaturi tal-minjieri jew l-importaturi, dment li dawk l-importaturi huma meħtieġa skont l-Artikolu 27, u fuq l-awtoritajiet kompetenti u jikkunsidraw in-natura tal-attivitajiet tal-operaturi.***

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Meta l-valutazzjoni tikkonkludi li r-rapport dwar l-emissjonijiet ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-verifikaturi għandhom jinformaw ***lill-operatur jew lill-operatur tal-minjieri*** b'dan u l-operatur ***jew*** l-operatur tal-minjieri għandu jissottometti rapport rivedut dwar l-emissjonijiet lill-verifikatur mingħajr dewmien.

Meta l-valutazzjoni tikkonkludi li r-rapport dwar l-emissjonijiet ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-verifikaturi għandhom jinformaw b'dan ***lill-operatur, lill-operatur tal-minjieri jew lill-importatur, sakemm l-importatur huwa rikjest skont l-Artikolu 27, u l-operatur, l-operatur tal-minjieri jew l-importatur, sakemm l-importatur huwa rikjest skont l-Artikolu 27, għandu jissottometti rapport rivedut dwar l-emissjonijiet lill-verifikatur mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn tliet ġimgħat.***

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. L-operaturi ***u*** l-operaturi tal-

4. L-operaturi, l-operaturi tal-minjieri

minjieri għandhom jipprovdu lill-verifikaturi **bl-assistenza** kollha meħtieġa sabiex jippermettu jew jiffaċilitaw it-twertiq tal-attivitajiet ta' verifika, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.

**u l-importaturi, sakemm dawk l-importaturi huma rikjesti skont l-Artikolu 27**, għandhom jipprovdu lill-verifikaturi **l-assistenza** kollha meħtieġa sabiex jippermettu jew jiffaċilitaw it-twertiq tal-attivitajiet ta' verifika, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.

## Emenda 97

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a** *Għandu jittieħed kont tal-ispejjeż imġarrba mill-attivitajiet imsemmija f'dan l-Artikolu b'mod konformi mal-Artikolu 3.*

## Emenda 98

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. **Sakemm l-interess tal-Unjoni jkun protett, l-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan għandu jingħata rwol ta' verifika fir-rigward tad-data dwar l-emissjonijiet tal-metan**, b'mod partikolari fir-rigward **tal-kompiti li ġejjin**:

1. **Fit-twertiq tal-obbligi tagħhom u fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, il-verifikaturi, l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw l-informazzjoni mqegħda għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mill-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan (IMEO)**, b'mod partikolari fir-rigward **ta' dan li ġej**:

## Emenda 99

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) ir-rapportar ta' sejbiet dwar diskrepanzi kbar bejn is-sorsi tad-data.

*Emenda*

(e) ir-rapportar ta' sejbiet dwar diskrepanzi kbar bejn is-sorsi tad-data **li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi aktar robusti;**

#### **Emenda 100**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ea) ir-rapportar tas-superemittenti identifikati permezz ta' sistema ta' detezzjoni u twissija bikrija.**

#### **Emenda 101**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni **tista'** tippreżenta **data** dwar l-emissjonijiet tal-metan ***lill-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan, kif magħmula disponibbli lilha mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità ma' dan ir-Regolament.***

2. Il-Kummissjoni **għandha** tippreżenta ***d-data rilevanti*** dwar l-emissjonijiet tal-metan ***lill-IMEO.***

#### **Emenda 102**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. ***L-informazzjoni prodotta mill-Osservatorju Internazzjonali tal-Emissjonijiet tal-Metan għandha tkun disponibbli għall-pubbliku u għall-***

***imħassar***

## *Kummissjoni.*

### **Emenda 103**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sa ... **[12-il xahar** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi għandhom jissottomettu rapport lill-awtoritajiet kompetenti li jkun fih ***l-emissjonijiet*** tal-metan fil-livell tas-sors stmati bl-użu ta' ***fatturi*** ta' emissjoni ġeneriċi ***iżda speċifiċi għas-sors*** għas-sorsi kollha.

### **Emenda 104**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Sa ... **[24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]**, l-operaturi għandhom jissottomettu ***wkoll*** rapport lill-awtoritajiet kompetenti li jkun fih ***kejl dirett*** tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sors ***għall-assi operattivi***. ***Ir-rapportar f'tali livell jista' jinvolvi l-użu ta' kejl u kampjunar fil-livell tas-sors bħala l-bażi għall-istabbiliment ta' fatturi speċifiċi tal-emissjonijiet użati għall-istima tal-emissjonijiet.***

##### *Emenda*

1. Sa ... **[10 xhur** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi għandhom jissottomettu rapport lill-awtoritajiet kompetenti li jkun fih ***il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet*** tal-metan fil-livell tas-sors stmati bl-użu ta' ***mill-inqas il-fatturi*** ta' emissjoni ġeneriċi għas-sorsi kollha. ***L-operaturi jistgħu jagħżlu li jissottomettu simultanjament rapport f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2.***

##### *Emenda*

2. L-operaturi ***u l-impriżi stabbiliti fl-Unjoni*** għandhom jissottomettu rapport lill-awtoritajiet kompetenti li jkun fih ***kwantifikazzjoni*** tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sors:

(a) ***għall-assi operattivi sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u***

(b) ***għall-assi mhux operattivi sa... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], dment li dawn l-assi ma***

*jkunux ġew irrapportati minn xi operatur skont l-obbligu fl-ambitu tal-punt (a).*

*Ir-rapportar f'tali livell għandu jinvolvi l-użu ta' kejl u kampjunar diretti fil-livell tas-sors bħala l-bażi għall-istabbiliment ta' fatturi speċifiċi tal-emissjonijiet użati għall-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet.*

## Emenda 105

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Sa ... [36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u sat-30 ta' Marzu ta' kull sena minn hemm 'il quddiem, l-operaturi għandhom jissottomettu rapport lill-awtoritajiet kompetenti li jkun fih **kejl dirett** tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sors **għall-assi operattivi msemmija fil-paragrafu 2, ikkumplementat** minn kejl tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sit, u b'hekk ikunu jistgħu jiġu vvalutati u vverifikati l-istimi fil-livell tas-sors aggregati skont is-sit.*

*Emenda*

*L-operaturi u l-imprezi li huma stabbiliti fl-Unjoni għandhom jissottomettu rapport lill-awtoritajiet kompetenti li jkun fih **kwantifikazzjoni** tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sors, **ikkomplementata** minn kejl tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sit, u b'hekk ikunu jistgħu jiġu vvalutati u vverifikati l-istimi fil-livell tas-sors aggregati skont is-sit:*

## Emenda 106

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(a) **għall-assi operattivi sa ...[24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u sal-31 ta' Mejju ta' kull sena sussegwenti, u***

*Emenda*

## Emenda 107

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) għall-assi mhux operattivi sa... [42 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u sal-31 ta' Mejju ta' kull sena sussegwenti, dment li dawk ma jkunux ġew irrapporati minn operatur skont il-punt (a).**

## **Emenda 108**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Qabel is-sottomissjoni lill-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi għandhom jiżguraw li r-rapporti stabbiliti f'dan il-paragrafu jiġu vvalutati minn verifikatur u jinkludu dikjarazzjoni ta' verifika maħruġa f'konformità mal-Artikoli 8 u 9.

Qabel is-sottomissjoni lill-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi **u l-impriżi** għandhom jiżguraw li r-rapporti stabbiliti f'dan il-paragrafu jiġu vvalutati minn verifikatur u jinkludu dikjarazzjoni ta' verifika maħruġa f'konformità mal-Artikoli 8 u 9.

## **Emenda 109**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4. Sa ... [36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-impriżi stabbiliti fl-Unjoni għandhom jissottomettu rapport lill-awtoritajiet kompetenti li jkun fih kejl dirett tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sors għal assi mhux operattivi. Ir-rapportar f'tali livell jista' jinvolvi l-użu ta' kejl u kampjunar fil-livell tas-sors bħala l-bażi għall-istabbiliment ta' fatturi speċifiċi tal-emissjonijiet użati għall-istima tal-emissjonijiet.**

**imħassar**

## Emenda 110

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Sa ... [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u sat-30 ta' Marzu ta' kull sena minn hemm 'il quddiem, l-impriżi stabbiliti fl-Unjoni għandhom jissottomettu rapport lill-awtoritajiet kompetenti li jkun fih kejl dirett tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sors għal assi mhux operattivi kif stabbilit fil-paragrafu 4, ikkumplementat minn kejl tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sit, u b'hekk ikunu jistgħu jiġu vvalutati u vverifikati l-istimi fil-livell tas-sors aggregati skont is-sit.***

***imħassar***

## Emenda 111

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Qabel is-sottomissjoni lill-awtoritajiet kompetenti, l-impriżi għandhom jiżguraw li r-rapporti stabbiliti f'dan il-paragrafu jiġu vvalutati minn verifikatur u jinkludu dikjarazzjoni ta' verifika maħruġa f'konformità mal-Artikoli 8 u 9.***

***imħassar***

## Emenda 112

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) informazzjoni dettaljata dwar il-metodoloġiji ta' kwantifikazzjoni ***użati għall-kejl tal-emissjonijiet tal-metan;***

(c) informazzjoni dettaljata dwar il-metodoloġiji ta' kwantifikazzjoni;



## Emenda 113

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi mudell ta' rapportar għar-rapporti skont ***il-paragrafi 2, 3, 4 u 5***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 32(2).

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi mudell ta' rapportar għar-rapporti skont ***dan l-Artikolu filwaqt li tqis ir-rapporti tal-inventarji nazzjonali diġà fis-seħħ***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 32(2). ***Sal-adozzjoni ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, l-operaturi u l-impriżi għandhom jużaw id-dokumenti ta' gwida teknika u l-mudelli ta' rapportar tal-OGMP 2.0, għall-operazzjonijiet upstream u għal dawk midstream u downstream, kif applikabbli.***

## Emenda 114

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Għall-kejl fil-livell tas-sit imsemmi ***fil-paragrafi 3 u 5***, għandhom jintużaw teknoloġiji ***xierqa*** ta' kwantifikazzjoni ***li jistgħu jipprovdu dan il-kejl***.

#### *Emenda*

7. Għall-kejl fil-livell tas-sit imsemmi ***fil-paragrafu 3*** għandhom jintużaw teknoloġiji ***approvati*** ta' kwantifikazzjoni ***tal-emissjonijiet żviluppanti mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej jew internazzjonali xierqa***. ***Sakemm jiġu stabbiliti tali standards, l-operaturi u l-impriżi, kif applikabbli, għandhom jużaw id-dokumenti ta' gwida teknika tal-OGMP 2.0 u jsegwu prattiki tal-industrija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-aħjar teknoloġiji disponibbli għall-kejl tal-emissjonijiet tal-metan.***

## Emenda 115

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. Fil-każ ta' diskrepanzi sinifikanti bejn l-emissjonijiet **kwantifikati bl-użu ta' metodi** fil-livell tas-sors u daww **li jirriżultaw mill-kejl** fil-livell tas-sit, għandu **jsir kejl** addizzjonali fi żmien l-istess perjodu ta' rapportar.

*Emenda*

8. Fil-każ ta' diskrepanzi sinifikanti bejn l-emissjonijiet fil-livell tas-sors u daww **fil-kejl** fil-livell tas-sit, **ir-rapporti msemija fil-paragrafu 3 għandhom jinkludu r-raġunijiet tad-diskrepanza. Meta d-diskrepanza ma tkunx dovuta għall-inċertezza tat-teknoloġija ta' kwantifikazzjoni użata**, għandu **jitwettaq il-kejl** addizzjonali **li ġej** fi żmien l-istess perjodu ta' rapportar:

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 8 – punt (a) (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a) meta l-kejl fil-livell tas-sit ikun ogħla minn dak fl-inventarju fil-livell tas-sors sa grad statistikament sinifikanti, l-operatur għandu jinkludi fir-rapport dokumentazzjoni biex jirrikonċilja l-inventarju fil-livell tas-sors u l-kejl fil-livell tas-sit, u għandu jaġġorna l-inventarju fil-livell tas-sors tiegħu biex jirrifletti l-kejl ogħla fil-livell tas-sit.**

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 8 – punt (b) (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) meta l-kejl fil-livell tas-sit ikun aktar baxx mill-inventarju fil-livell tas-sors sa grad statistikament sinifikanti, l-operatur għandu jirrieżamina l-limitu minimu ta' detezzjoni (MDL) tal-apparati ta' kejl fil-livell tas-sit biex jikkonferma li**

*l-MDL huwa baxx biżżejjed biex jiddetetta l-livelli mistennija ta' emissjonijiet minn komponenti individwali. meta l-MDL ma jkunx baxx biżżejjed, l-operatur għandu jirrepeti l-kejl billi juża apparati b'MDL baxx biżżejjed fl-istess sena kalendarja, u għandu jqabbel dak ir-riżultat mal-inventarju fil-livell tas-sors. meta jiġi ddeterminat li l-MDL huwa adegwat, l-operatur għandu jinkludi dokumentazzjoni fir-rapport li tispjega r-raġunijiet għad-diskrepanza.*

## Emenda 118

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. *Il-kejl tal-emissjonijiet tal-metan għall-infrastruttura tal-gass għandu jsir skont l-istandards Ewropej (CEN) jew internazzjonali (ISO) għall-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan.*

*Emenda*

9. *Sa ... [9 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli għall-kejl dirett u għall-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan. Dawk l-ispeċifikazzjonijiet għandhom japplikaw għat-talbiet ta' standardizzazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.*

## Emenda 119

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 11a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

11a. *Il-monitoraġġ u r-rapportar għandhom jirreferu għall-potenzjal ta' tisħin globali, li huwa fuq skala ta' żmien ta' 100 sena 29,8 darba akbar mid-diossidu tal-karbonju u 82,5 darba aktar*

*qawwi mid-diossidu tal-karbonju fuq skala ta' żmien ta' 20 sena<sup>1a</sup>.*

---

*<sup>1a</sup> Is-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC "Global Warming Potentials" (Potenzjali ta' Tisħin Globali) - <https://www.ercevolution.energy/ipcc-sixth-assessment-report/>*

## **Emenda 120**

### **Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-operaturi għandhom jieħdu l-miżuri kollha **disponibbli għalihom** sabiex jipprevjenu u jimminimizzaw l-emissjonijiet tal-metan fl-operazzjonijiet tagħhom.

*Emenda*

**1.** L-operaturi għandhom jieħdu l-miżuri **ta' mitigazzjoni xierqa** kollha **li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom** sabiex jipprevjenu u jimminimizzaw l-emissjonijiet tal-metan fl-operazzjonijiet tagħhom.

## **Emenda 121**

### **Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-operaturi għandhom jieħdu l-miżuri kollha **disponibbli għalihom** sabiex jipprevjenu u jimminimizzaw l-emissjonijiet tal-metan fl-operazzjonijiet tagħhom.

*Emenda*

**1a.** *Sa... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-impatt tal-introduzzjoni ta' standard ta' prestazzjoni upstream ambizzjuż għall-intensità tal-emissjonijiet tal-metan għaż-żejt u għall-gass importati fl-Unjoni jew estratti fiha. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod speċifiku l-istabbiliment ta' standard tal-intensità tal-metan ta' 0.2 % jew inqas.*

## Emenda 122

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1b.** *Qabel ma tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 1c, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt, li tevalwa b'mod partikolari l-implikazzjonijiet kemm għall-klima kif ukoll għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, b'rispett sħiħ tar-Regolament (UE) 2021/1119.*

## Emenda 123

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1c.** *Sa... [18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 31 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi standard tal-prestazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1a li jimplimenta livell ta' intensità tal-emissjonijiet tal-metan għas-settur upstream li għandu jintlaħaq sa... [3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u l-metodoloġija għad-definizzjoni ċara ta' metrika robusta tal-intensità tal-emissjonijiet tal-metan.*

## Emenda 124

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1d (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1d.** *Il-Kummissjoni għandha tadotta*

*atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabilixxi l-livell tal-intensità tal-emissjonijiet li jrid jintlaħaq għas-setturi midstream jew downstream.*

## Emenda 125

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sa ... *[3* xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi għandhom jissottomettu programm ta' detezzjoni u tiswija *ta' tnixxijiet* lill-awtoritajiet kompetenti li għandu jagħti dettalji dwar il-kontenut tal-istħarriġ li *għandu jitwettaq* f'konformità mar-rekwiżiti f'dan l-Artikolu.

*Emenda*

Sa ... *[6* xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi għandhom jissottomettu programm ta' detezzjoni u tiswija *tat-tnixxijiet* lill-awtoritajiet kompetenti li għandu jagħti dettalji dwar il-kontenut tal-istħarriġ *u l-attivitajiet* li *għandhom jitwettqu* f'konformità mar-rekwiżiti f'dan l-Artikolu.

## Emenda 126

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, l-Unjoni għandha ssegwi l-iżvilupp f'waqtu mill-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni xierqa ta' standards Ewropej li jkun fihom l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-istħarriġ u l-attivitajiet tad-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.*

*Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tirrikjedi l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-ewwel subparagrafu, taġġorna r-*

*referenzi għal dawg l-istandards Ewropej u tistabilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-istħarriġ dwar id-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet fejn xieraq. Sakemm jiġu stabbiliti tali speċifikazzjonijiet, l-operaturi għandhom jużaw prattiki, teknoloġiji, proċessi u livell ta' għarfien espert li jkunu mistennija minn fornitur tas-servizzi ewlieni biex jissodisfa l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu u, fejn mitlub, għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-verifikaturi l-informazzjoni dwar l-istandards jew il-metodoloġiji użati.*

## Emenda 127

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sa ... [6 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi għandhom iwettqu sħarriġ tal-komponenti rilevanti kollha taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'konformità mal-programm ta' detezzjoni u tiswija ta' tnixxijiet imsemmi fil-paragrafu 1.

*Emenda*

Sa ... [9 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi għandhom iwettqu sħarriġ tal-komponenti rilevanti kollha taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'konformità mal-programm ta' detezzjoni u tiswija ta' tnixxijiet imsemmi fil-paragrafu 1.

## Emenda 128

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Minn *hemm* 'il quddiem, *l-istħarriġ* dwar id-detezzjoni u t-tiswija *ta' tnixxijiet għandu jiġi repetut kull tliet xhur.*

*Emenda*

Minn *dakinhar* 'il quddiem, *l-istħarriġiet* dwar id-detezzjoni u t-tiswija *tat-tnixxijiet għandhom jitwettqu bil-frekwenzi li ġejjin:*

## Emenda 129

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(a) darba kull xahrejn għall-komponenti kollha ta' fuq l-art li jużaw apparati tad-detezzjoni bil-limitu minimu ta' detezzjoni msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (a);*

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(b) darba kull erba' xhur għall-komponenti kollha ta' fuq l-art li jużaw apparati tad-detezzjoni bil-limitu minimu ta' detezzjoni msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (b);*

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(c) darba kull ħames xhur, jew fil-livelli ta' frekwenza stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness I, għall-komponenti kollha ta' taħt l-art li jużaw apparati tad-detezzjoni bil-limitu minimu ta' detezzjoni msemmi fil-paragrafu 3, il-punt (c).*

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 3**



*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fit-twettiq tal-istħarriġ, l-operaturi għandhom jużaw apparati **li jippermettu d-detezzjoni tat-telf tal-metan minn komponenti ta' 500 parti għal kull miljun jew aktar.**

#### **Emenda 133**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Fit-twettiq tal-istħarriġ, l-operaturi għandhom jużaw apparati **tad-detezzjoni b'limitu minimu ta' detezzjoni kif ġej:**

#### **Emenda 134**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a) 17-il gramma metan fis-siegħa f'temperatura u pressjoni standard; l-istħarriġ għandu jsir fil-livell ta' kull sors ta' emissjoni potenzjali individwali;**

#### **Emenda 135**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) 50 parti għal kull miljun f'volum ta' metan jew gramma waħda fis-siegħa; l-istħarriġ għandu jsir fil-kuntatt ta' kull sors ta' emissjoni potenzjali individwali għall-komponenti ta' fuq l-art;**

**(c) 500 parti għal kull miljun jew 5 grammi metan fis-siegħa għall-komponenti ta' taħt l-art.**

## Emenda 136

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-operaturi għandhom isewwu jew jissostitwixxu l-komponenti kollha li ***jinstabu li qegħdin jarmu 500 parti għal kull miljun jew aktar ta' metan.***

*Emenda*

L-operaturi għandhom isewwu jew jissostitwixxu l-komponenti kollha li ***jinstab li jkunu qed inixxu l-metan.***

## Emenda 137

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

It-tiswija jew is-sostituzzjoni tal-komponenti msemmija ***fl-ewwel subparagrafu*** għandhom isiru immedjatament wara d-detezzjoni, jew mill-aktar fis possibbli ***wara dan*** iżda mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara d-detezzjoni, ***dment li l-operaturi jkunu jistgħu juru li l-kunsiderazzjonijiet tekniċi*** jew ta' ***sikurezza ma jippermettux azzjoni immedjata u dment li l-operaturi jistabbilixxu skeda ta' tiswija u monitoraġġ.***

*Emenda*

It-tiswija jew is-sostituzzjoni tal-komponenti msemmija ***f'dan il-paragrafu*** għandhom isiru immedjatament wara d-detezzjoni, jew mill-aktar fis possibbli ***għall-ewwel tentattiv*** iżda mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara d-detezzjoni. ***It-tiswijiet jew is-sostituzzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu għandhom jużaw teknoloġiji u materjali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku li jipprovdu protezzjoni fit-tul kontra tnixxijiet futuri.***

***Meta l-operaturi jkunu jistgħu juru li t-tiswija msemmija f'dan il-paragrafu ma tirnaxxix jew ma tkunx possibbli fi żmien ħamest ijiem minħabba kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza jew tekniċi, l-operaturi għandhom jipprovdu evidenza għad-dewmien lill-awtoritajiet kompetenti u għandhom jistabbilixxu skeda ta' tiswija u monitoraġġ mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara d-detezzjoni. L-iskeda ta' tiswija u monitoraġġ imsemmija f'dan is-subparagrafu għandha tiġi ffissata b'tali mod li t-tnixxijiet misjuba jissewewwew fi żmien 30 jum wara d-detezzjoni.***

## Emenda 138

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-kunsiderazzjonijiet **tekniċi** u ta' sikurezza **li ma jippermettux azzjoni immedjata**, kif imsemmi fit-tieni **subparagrafu**, għandhom ikunu limitati għal **kunsiderazzjoni dwar is-sikurezza tal-persunal u tal-bnedmin fil-qrib, l-impatti ambjentali, il-konċentrazzjoni tat-telf tal-metan, l-aċċessibbiltà għall-komponent, id-disponibbiltà tas-sostituzzjoni tal-komponent. Il-kunsiderazzjonijiet tal-impatt ambjentali jistgħu jinkludu każijiet fejn it-tiswija tista' twassal għal livell ogħla ta' emissjonijiet tal-metan milli fin-nuqqas tat-tiswija.**

*Emenda*

Il-kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza **u tecnici**, kif imsemmi fit-tieni **u t-tielet subparagrafi**, għandhom ikunu limitati għal **dawn li ġejjin:**

## Emenda 139

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a) is-sikurezza tal-persunal u tal-bnedmin li jinsabu qrib it-tnixxija detetta;**

## Emenda 140

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) kwalunkwe impatt ambjentali negattiv tat-teħid ta' azzjoni jekk ikun jista' jintwera li daww l-impatti jkun akbar mill-benefiċċji ambjentali tat-teħid ta' azzjoni, bħal fejn tiswija tista' twassal għal livell ġenerali ogħla ta' emissjonijiet**

*tal-metan milli kien ikun il-każ kieku t-tiswija ma ssirx;*

#### **Emenda 141**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(c) l-aċċessibbiltà ta' komponent, inkluż kwalunkwe permess ta' aċċess; kif ukoll*

#### **Emenda 142**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(d) in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' partijiet ta' sostituzzjoni meħtieġa għat-tiswija tal-komponent jew komponenti meħtieġa għas-sostituzzjoni.*

#### **Emenda 143**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Meta **jkun** meħtieġ għeluq tas-sistema qabel ma tkun tista' ssir it-tiswija jew is-sostituzzjoni, l-operaturi għandhom jimminimizzaw it-tnixxija fi żmien jum mid-detezzjoni u għandhom isewwu t-tnixxija sa tmiem l-għeluq tas-sistema skedat li jmiss jew fi żmien sena, skont liema jiġi l-ewwel.

Meta, **minħabba li tkun tapplika waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imniżżla fis-subparagrafi 4(a) sa (d), ikun** meħtieġ għeluq tas-sistema qabel ma tkun tista' ssir it-tiswija jew is-sostituzzjoni, l-operaturi għandhom jimminimizzaw it-tnixxija fi żmien jum mid-detezzjoni u għandhom isewwu t-tnixxija sa tmiem l-għeluq tas-sistema skedat li jmiss jew fi żmien sena, skont liema jiġi l-ewwel.

## Emenda 144

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-operaturi għandhom jistabilixxu, iżommu u jqiegħdu kompletament għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, rekord tad-deċiżjonijiet kollha biex tiġi ttardjata t-tiswija skont dan l-Artikolu, inkluża l-evidenza kollha meħtieġa li tiġġustifika kull deċiżjoni u l-iskedi korrispondenti ta' tiswija u monitoraġġ. L-operaturi għandhom idaħħlu dik l-informazzjoni fir-reġistru mingħajr dewmien. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu lill-operatur jemenda l-iskeda tat-tiswija b'kont meħud tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.*

## Emenda 145

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Minkejja ***l-paragrafu 2***, l-operaturi għandhom jistħarrġu l-komponenti li ***nstabu*** li qeġhdin ***jemettu 500 parti għal kull miljun jew aktar ta' metan matul kwalunkwe wieħed mill-istharrġiet preċedenti mill-aktar fis possibbli*** wara t-tiswija mwettqa skont il-paragrafu 4, u mhux aktar tard minn ***15-il*** jum wara dan sabiex jiġi żgurat li t-tiswija kienet ta' suċċess.

Minkejja ***l-paragrafu 2***, l-operaturi għandhom, ***wara t-tiswija***, jistħarrġu l-komponenti li ***nstab*** li ***kienu*** qeġhdin ***inixxu l-metan immedjatament*** wara t-tiswija mwettqa skont il-paragrafu 4, u mhux aktar tard minn ***30*** jum wara dan sabiex jiġi żgurat li t-tiswija kienet ta' suċċess.

## Emenda 146

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Minkejja l-paragrafu 2, l-operaturi għandhom jistħarrġu l-komponenti li nstabu li kienu qegħdin jemettu anqas minn 500 parti għal kull miljun ta' metan, mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jkunu ġew identifikati l-emissjonijiet, sabiex jivverifikaw jekk id-daqs tat-telf tal-metan inbidel.**

***imħassar***

#### **Emenda 147**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Meta jiġi identifikat riskju ogħla għas-sikurezza jew riskju ogħla ta' telf ta' metan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrakkomandaw li l-istharrġiet tal-komponenti rilevanti jsiru aktar ta' spiss.**

***imħassar***

#### **Emenda 148**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 6 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' rapportar skont il-paragrafu 7, l-operaturi għandhom jirreġistraw it-tnixxijiet identifikati kollha, irrispettivament mid-daqs tagħhom, u għandhom jistħarrġuhom **kontinwament sabiex** jiżguraw li jissewwew f'konformità mal-paragrafu 4.

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' rapportar skont il-paragrafu 7, l-operaturi għandhom jirreġistraw it-tnixxijiet identifikati kollha, irrispettivament mid-daqs tagħhom, u għandhom jistħarrġuhom **regolarment u** jiżguraw li jissewwew f'konformità mal-paragrafu 4.

#### **Emenda 149**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 7 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Fi żmien xahar wara kull stħarriġ*, l-operaturi għandhom jissottomettu rapport ***bir-riżultati tal-istħarriġ u skeda*** ta' tiswija u monitoraġġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu l-assi rilevanti. Ir-rapport għandu jinkludi mill-anqas l-elementi stabbiliti fl-Anness I.

*Emenda*

Kull *sena*, l-operaturi għandhom jissottomettu rapport ***li jagħti sommarju tar-riżultati tal-istħarriġiet kollha kompluti u tal-iskedi korrispondenti*** ta' tiswija u monitoraġġ ***matul is-sena preċedenti*** lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu l-assi rilevanti. Ir-rapport għandu jinkludi mill-anqas l-elementi stabbiliti fl-Anness I.

**Emenda 150**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 7 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-operatur jemenda r-rapport jew l-iskeda ta' tiswija u monitoraġġ filwaqt li jqis ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.*

*Emenda*

*imħassar*

**Emenda 151**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni, akkreditament jew skemi ta' kwalifika ekwivalenti, inklużi programmi ta' taħriġ xierqa, ikunu disponibbli għall-fornituri tas-servizzi fir-rigward ***tal-istħarriġ***.

*Emenda*

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni, akkreditament jew skemi ta' kwalifika ekwivalenti, inklużi programmi ta' taħriġ xierqa, ikunu disponibbli għall-fornituri tas-servizzi ***u għall-operaturi*** fir-rigward ***tal-istħarriġiet***.

**Emenda 152**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-ivventjar **għandu jkun permess** biss fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

*Emenda*

2. L-ivventjar **u l-ivvampjar għandhom ikunu permessi** biss fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

### **Emenda 153**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) f'każ ta' emerġenza jew funzjonament ħażin; **kif ukoll**

*Emenda*

(a) f'każ ta' emerġenza jew funzjonament ħażin.

### **Emenda 154**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) **fejn ikun inevitabbli u strettament meħtieġ għat-tħaddim, għat-tiswija, għall-manutenzjoni jew għall-ittestjar ta' komponenti jew ta' tagħmir u soġġett għall-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 16.**

*Emenda*

**imħassar**

### **Emenda 155**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. **L-ivventjar skont il-punt (b) tal-paragrafu 2 għandu jinkludi s-sitwazzjonijiet** speċifiċi li ġejjin fejn l-ivventjar ma **jistax jiġi eliminat** kompletament:

*Emenda*

3. **Minbarra l-paragrafu 2, il-punt (a), l-ivventjar u l-ivvampjar għandhom ikunu permessi biss fis-sitwazzjonijiet** speċifiċi li ġejjin fejn l-ivventjar **jew l-ivvampjar, kif applikabbli, ma jkunux jistgħu jiġu eliminati** kompletament **jew ikunu meħtieġa għal raġunijiet ta'**



*sikurezza:*

## Emenda 156

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) matul l-operazzjonijiet normali ta' **ċerti** komponenti, dment li t-tagħmir jissodisfa l-istandards tat-tagħmir speċifikati kollha u jinżamm kif xieraq u jiġi spezzjonat regolarment sabiex jiġi mminimizzat it-telf tal-metan;

*Emenda*

(a) matul l-operazzjonijiet normali ta' **apparati u pompi pnevmatiċi, siġilli tal-gass xotti, kompressuri, tankijiet tal-ħżin taħt pressjoni atmosferika, jew** komponenti **oħra ddisinjati biex jivventjaw**, dment li t-tagħmir jissodisfa l-istandards tat-tagħmir speċifikati kollha **stabbiliti skont il-paragrafu 5b**, u jinżamm kif xieraq u jiġi spezzjonat regolarment sabiex jiġi mminimizzat it-telf tal-metan;

## Emenda 157

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) matul il-kejl jew **il-kampjunar** ta' tank **tal-ħżin** jew reċipjent ieħor bi pressjoni baxxa;

*Emenda*

(c) matul il-kejl jew **it-teħid** ta' **kampjuni ta'** tank **tal-ħażna** jew reċipjent ieħor bi pressjoni baxxa, **dment li t-tank jew ir-reċipjent jissodisfa l-istandards stabbiliti skont il-paragrafu 5b**;

## Emenda 158

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) waqt it-tagħbija ta' likwidi minn tank tal-ħżin jew minn reċipjent ieħor **bi** pressjoni baxxa għal vettura tat-trasport f'konformità **ma' standards applikabbli**;

*Emenda*

(d) waqt it-tagħbija ta' likwidi minn tank tal-ħżin jew minn reċipjent ieħor **taħt** pressjoni baxxa għal vettura tat-trasport f'konformità **mal-istandards applikabbli, dment li t-tank jew ir-reċipjent jissodisfa**

*l-istandards stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 5b;*

## Emenda 159

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) matul it-tiswija u ***l-manutenzjoni***, inkluż l-użu tal-arja kompressata u t-tnaqqis tal-pressurezzjoni tat-tagħmir għat-twettiq tat-tiswija u l-manutenzjoni;

*Emenda*

(e) matul it-tiswija, ***il-manutenzjoni, il-proċeduri tal-ittestjar u d-dekummissjonar***, inkluż l-użu tal-arja kompressata u t-tnaqqis tal-pressurezzjoni tat-tagħmir għat-twettiq tat-tiswija u l-manutenzjoni;

## Emenda 160

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Meta l-ivventjar ikun permess skont ***il-paragrafi 2 u 3***, l-operaturi għandhom jivventjaw biss meta l-ivvampjar ma jkunx teknikament fattibbli ***jew ikun ta' riskju*** li jipperikola s-sikurezza tal-operazzjonijiet jew tal-persunal. F'sitwazzjoni bħal din, bħala parti mill-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 16, l-operaturi għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti l-ħtieġa li jagħżlu l-ivventjar minflok l-ivvampjar.

*Emenda*

4. Meta l-ivventjar ikun permess skont ***il-paragrafu 2***, l-operaturi għandhom jivventjaw biss meta l-ivvampjar ma jkunx teknikament fattibbli ***minħabba nuqqas ta' fjamabbiltà, inabbiltà li tinżamm fjamma, tħassib dwar is-sikurezza, meta l-impatt tal-miżuri ta' mitigazzjoni fuq l-ambjent jew fuq il-klima jkun ogħla mill-benefiċċju, jew meta jirriskja li*** jipperikola s-sikurezza tal-operazzjonijiet jew tal-persunal. F'sitwazzjoni bħal din, bħala parti mill-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 16, l-operaturi għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti l-ħtieġa li jagħżlu l-ivventjar minflok l-ivvampjar.

## Emenda 161

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid)

**4a.** *Fejn tagħmir alternattiv mhux emittenti jkun disponibbli biex jissostitwixxi t-tagħmir li jivventja, huwa għandu jissostitwixxi dak it-tagħmir sal-31 ta' Diċembru 2026, dment li dak it-tagħmir li ma jivventjax jissodisfa l-istandards stabbiliti skont il-paragrafu 5b;*

## Emenda 162

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-ivvampjar għandu jkun permess biss meta l-injezzjoni mill-ġdid, l-użu fuq il-post jew id-dispaċċ tal-metan lejn suq ma jkunux fattibbli għal raġunijiet għajr kunsiderazzjonijiet ekonomiċi. F'sitwazzjoni bħal din, bħala parti mill-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 16, l-operaturi għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti l-ħtieġa li jagħżlu l-ivvampjar minflok l-injezzjoni mill-ġdid, l-użu fuq il-post jew id-dispaċċ tal-metan lejn *suq*.

## Emenda 163

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

5a. *Meta sit jinbena, jiġi sostitwit jew rinnovat, kompletament jew parzjalment, l-operaturi għandhom jużaw biss kontrolluri u pompi pnevmatiċi b'emissjonijiet żero fuq dak is-sit.*

Emenda

5. **Minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2,** l-ivvampjar għandu jkun permess biss meta l-injezzjoni mill-ġdid, l-użu fuq il-post, ***l-ipproċessar tal-gass,*** jew id-dispaċċ tal-metan lejn suq ma jkunux fattibbli għal raġunijiet għajr kunsiderazzjonijiet ekonomiċi. F'sitwazzjoni bħal din, bħala parti mill-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 16, l-operaturi għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti l-ħtieġa li jagħżlu l-ivvampjar minflok l-injezzjoni mill-ġdid, l-użu fuq il-post jew id-dispaċċ tal-metan lejn ***is-suq***.

## Emenda 164

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 5b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5b. Sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 31 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tinkorpora u tistabbilixxi l-applikabbiltà tal-istandards tat-teknoloġiji għat-tagħmir tal-ivventjar, b'emissjonijiet żero u tal-ivvampjar. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tirrevedi tali atti delegati f'konformità mal-iżviluppi teknoloġiċi.**

## Emenda 165

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 5c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5c. Fejn l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu teħtieġ permess jew kwalunkwe approvazzjoni amministrattiva oħra mill-awtoritajiet rilevanti, jew fejn in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' tagħmir tal-ivventjar jew tal-ivvampjar jikkawża dewmien eċċezzjonali tal-azzjonijiet meħtieġa għal dik l-implimentazzjoni, l-operaturi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti skeda dettaljata għal dik l-implimentazzjoni. L-operaturi għandhom jipproċedu bl-implimentazzjoni mingħajr dewmien. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu modifiki tal-iskeda.**

## Emenda 166

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ikkawżati minn emerġenza **jew** funzjonament ħażin;

*Emenda*

(a) ikkawżati minn emerġenza, funzjonament ħażin **jew**

**Emenda 167**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. *Meta tinbena, tiġi ssostitwita jew rinnovata faċilità, jew meta jiġu installati torrijiet tal-ivvampjar jew apparati oħrajn ta' kombustjoni ġodda*, l-operaturi għandhom jinstallaw *biss* apparati ta' kombustjoni awtoffjammabbli jew b'pilota kontinwu u b'effiċjenza *shihha* tat-tneħħija *tal-qerda* għall-idrokarburi.

*Emenda*

1. L-operaturi għandhom jinstallaw *it-torrijiet tal-ivvampjar kollha li jużaw* apparati ta' kombustjoni awtoffjammabbli jew b'pilota kontinwu u b' *mill-inqas 99 %* effiċjenza *tal-qerda u* tat-tneħħija għall-idrokarburi *sa ...[18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

**Emenda 168**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. *L-operaturi għandhom jiżguraw li t-torrijiet kollha tal-ivvampjar jew apparati oħrajn ta' kombustjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1 sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

*Emenda*

*imħassar*

**Emenda 169**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-operaturi għandhom iwettqu spezzjonijiet ta' kull ġimgħa tat-torrijiet

*Emenda*

3. L-operaturi għandhom iwettqu spezzjonijiet ta' kull ġimgħa tat-torrijiet

tal-ivvampjar f'konformità mal-elementi stabbiliti fl-Anness III.

tal-ivvampjar f'konformità mal-elementi stabbiliti fl-Anness III. ***Bħala alternattiva għall-ispezzjonijiet ta' kull ġimgħa tat-torrijiet tal-ivvampjar, l-operaturi jistgħu jużaw apparati ta' monitoraġġ kontinwu mill-bogħod jew awtomatizzati, jekk jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti, biex jiġbru l-osservazzjonijiet tat-torrijiet tal-ivvampjar msemmija fil-punti (i) u (ii) tat-tielet subparagrafu tal-Anness III. Fejn jinstabu l-irregolaritajiet, l-operaturi għandhom jinvestigaw il-kawża tal-irregolarità u jirrimedjawha fi żmien 6 siegħat jew, fil-każ ta' temp ħażin jew kundizzjonijiet estremi oħra, fi żmien 24 siegħa.***

## Emenda 170

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sa ... ***[12-il xahar*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku inventarju tal-bjar inattivi kollha fit-territorju tagħhom jew taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, inklużi mill-anqas l-elementi stabbiliti fl-Anness IV.

*Emenda*

1. Sa ***[sitt xhur*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku inventarju tal-bjar inattivi kollha ***u tal-bjar mimlija b'mod permanenti u abbandunati*** fit-territorju tagħhom jew taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, inklużi mill-anqas l-elementi stabbiliti fl-Anness IV.

## Emenda 171

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Sa ... ***[18-il xahar*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], għandu jiġi installat tagħmir għall-kejl tal-emissjonijiet tal-metan fuq il-bjar inattivi kollha.

*Emenda*

***imħassar***

## Emenda 172

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Ir-rapporti li jkun fihom ***il-kejl imsemmi*** fil-paragrafu 2 għandhom jiġu sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ***ir-Regolament***] u sat-30 ta' Marzu ta' kull sena minn hemm 'il quddiem u jkopru l-aħħar sena kalendarja disponibbli. ***Qabel is-sottomissjoni lill-awtoritajiet kompetenti, ir-rapporti stabbiliti f'dan il-paragrafu għandhom jiġu vvalutati minn verifikatur u jinkludu dikjarazzjoni ta' verifika maħruġa f'konformità mal-Artikoli 8 u 9.***

#### *Emenda*

3. Ir-rapporti li jkun fihom ***l-informazzjoni dwar il-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan fl-arja u fl-ilma, kif applikabbli, mill-bjar kollha msemmija*** fil-paragrafu 1 għandhom jiġu sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti sa ... ***18-il*** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ***ir-Regolament*** u sat-30 ta' Marzu ta' kull sena minn hemm 'il quddiem u jkopru l-aħħar sena kalendarja disponibbli.

***Meta l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti evidenza affidabbli li tagħti prova li ma hemm l-ebda emissjoni tal-metan minn bir mimli b'mod permanenti u abbandunat f'dawn l-aħħar ħames snin, l-obbligu ta' rapportar stabbilit f'dan il-paragrafu ma għandux japplika għal dak il-bir.***

***Qabel is-sottomissjoni lill-awtoritajiet kompetenti, ir-rapporti stabbiliti f'dan il-paragrafu għandhom jiġu vvalutati minn verifikatur u jinkludu dikjarazzjoni ta' verifika maħruġa f'konformità mal-Artikoli 8 u 9.***

## Emenda 173

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu r-rapporti stabbiliti f'dan l-Artikolu disponibbli għall-pubbliku

#### *Emenda*

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu r-rapporti stabbiliti f'dan l-Artikolu disponibbli għall-pubbliku

u għall-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni *mill-operaturi* u f'konformità mal-Artikolu 5(4).

u għall-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni u f'konformità mal-Artikolu 5(4).

#### Emenda 174

##### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli sabiex jissodisfaw l-obbligi stabbiliti *fil-paragrafi 2 u 3*, ħlief meta tkun tista' tiġi identifikata parti responsabbli, f'liema każ dik il-parti għandu jkollha r-responsabbiltà.

*Emenda*

5. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli sabiex jissodisfaw l-obbligi stabbiliti *fil-paragrafu 2*, ħlief meta tkun tista' tiġi identifikata parti responsabbli, f'liema każ dik il-parti għandu jkollha r-responsabbiltà.

#### Emenda 175

##### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw *u jimplimentaw* pjan ta' mitigazzjoni sabiex jirrimedjaw, jirreklamaw u jimlew b'mod permanenti *bjar* inattivi li jinsabu fit-territorju tagħhom.

*Emenda*

*Sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri jew il-parti responsabbli għandhom jiżviluppaw pjan ta' mitigazzjoni sabiex jirrimedjaw, jirreklamaw u jimlew b'mod permanenti l-bjar inattivi li jinsabu fit-territorju tagħhom, u jimplimentawh sa [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

#### Emenda 176

##### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*6a. Meta jkunu qed jidentifikaw bjar inattivi, mimlija b'mod permanenti u*



*abbandunati, l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni robusta u oġġettiva bbażata fuq is-sejbiet xjentifiċi l-aktar aġġornati, inkluża d-data mill-IMEO;*

#### Emenda 177

##### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) L-emissjonijiet tal-metan li jseħħu matul l-attivitajiet ta' wara l-estrazzjoni.

*Emenda*

(c) L-emissjonijiet tal-metan li jseħħu matul l-attivitajiet ta' wara l-estrazzjoni **u fiż-żona tal-minjiera.**

#### Emenda 178

##### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Għall-minjieri tal-faħam ta' taħt l-art, l-operaturi tal-minjieri għandhom iwettqu kejl u kwantifikazzjoni kontinwi tal-emissjonijiet tal-metan **fl-arja tal-ventilazzjoni** fuq ix-xaftijiet kollha tal-ventilazzjoni tal-egżost **użati mill-operatur** tal-minjieri, bl-użu ta' **apparat b'limitu ta' sensitività tal-konċentrazzjoni tal-metan ta' mill-anqas 100 parti għal kull miljun.** Għandhom jieħdu wkoll kejl ta' kull xahar ibbażat fuq kampjuni.

*Emenda*

1. Għall-minjieri tal-faħam ta' taħt l-art, l-operaturi tal-minjieri għandhom iwettqu kejl u kwantifikazzjoni **diretti** kontinwi tal-emissjonijiet tal-metan **fil-livell tas-sors** fuq ix-xaftijiet kollha tal-ventilazzjoni tal-egżost. **L-operaturi** tal-minjieri **għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti r-rilaxxi tal-metan għal kull xaft tal-ventilazzjoni fis-sena f'kilotunnellati (kt) ta' metan,** bl-użu ta' **tagħmir u metodoloġiji li jirriżultaw f'akkuratezza ta' kejl b'tolleranza ta' 0,5 kt/sena ta' metan jew ta' 5 % tal-ammont irrapportat.** Għandhom jieħdu wkoll kejl ta' kull xahar ibbażat fuq kampjuni.

#### Emenda 179

##### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-operaturi tal-istazzjonijiet tad-drenaġġ għandhom iwettqu kejl ***kontinwu tal-volumi ta' metan*** ivventjat u vvampjat, irrISPETTIVAMENT mir-raġunijiet għal tali attività ta' ***ivventjar u ivvampjar***.

**Emenda 180**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Fir-rigward tal-kejl ***kontinwu msemmi*** fil-paragrafi 1 u 2, fejn parti mit-tagħmir tal-kejl ma tkunx qiegħda topera għal perjodu, il-qari meħud matul il-perjodi meta t-tagħmir kien qiegħed jopera jista' jintuża sabiex tiġi stmata d-data fuq bażi pro rata għall-perjodu li fih it-tagħmir ma kienx qiegħed jopera.

**Emenda 181**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

It-tagħmir użat għall-kejl ***kontinwu msemmi*** fil-paragrafi 1 u 2 għandu jopera għal aktar minn **90 %** tal-perjodu li għalih jintuża għall-monitoraġġ ta' emissjoni, eskluż il-perjodu ta' qtugħ għar-rikalibrar.

**Emenda 182**

*Emenda*

2. L-operaturi tal-istazzjonijiet tad-drenaġġ għandhom iwettqu kejl ***u kwantifikazzjoni diretti kontinwi tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sors tar-rilaxxi totali tal-metan*** ivventjat u vvampjat, irrISPETTIVAMENT mir-raġunijiet għal tali attività ta' ***vventjar u vvampjar***.

*Emenda*

Fir-rigward tal-kejl ***u l-kwantifikazzjoni diretti kontinwi fil-livell tas-sors imsemmija*** fil-paragrafi 1 u 2, fejn parti mit-tagħmir tal-kejl ma tkunx qiegħda topera għal perjodu, il-qari meħud matul il-perjodi meta t-tagħmir kien qiegħed jopera jista' jintuża sabiex tiġi stmata d-data fuq bażi pro rata għall-perjodu li fih it-tagħmir ma kienx qiegħed jopera.

*Emenda*

It-tagħmir użat għall-kejl ***u l-kwantifikazzjonijiet diretti kontinwi fil-livell tas-sors imsemmi*** fil-paragrafi 1 u 2 għandu jopera għal aktar minn **90 %** tal-perjodu li għalih jintuża għall-monitoraġġ ta' emissjoni, eskluż il-perjodu ta' qtugħ għar-rikalibrar.

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-operaturi tal-minjieri għandhom jistmaw l-emissjonijiet ta' wara l-estrazzjoni tal-faħam bl-użu ta' fatturi ta' emissjoni ta' wara l-estrazzjoni tal-faħam, aġġornati kull sena, abbażi ta' kampjuni tal-faħam speċifiċi għad-depożiti u f'konformità **ma' standards** xjentifiċi xierqa.

**Emenda 183**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-ivventjar **u l-ivvampjar** tal-metan **mill-istazzjonijiet** tad-drenaġġ għandhom ikunu pprojbiti **mill-1 ta' Jannar 2025**, ħliet fil-każ ta' emerġenza, **funzjonament ħażin** jew fejn ma jkunx jista' jiġi evitat u strettament meħtieġ għall-manutenzjoni. F'każijiet bħal dawn, l-operaturi tal-istazzjonijiet tal-iskular għandhom jivventjaw biss jekk l-ivvampjar ma jkunx teknikament fattibbli jew ikun ta' riskju li jipperikola s-sikurezza tal-operazzjonijiet jew tal-persunal. F'sitwazzjoni bħal din, bħala parti mill-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 23, l-operaturi tal-istazzjonijiet tal-iskular għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti l-ħtieġa li jagħżlu l-ivventjar minflok l-ivvampjar.

**Emenda 184**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 2**

*Emenda*

5. **Fejn rilevanti**, l-operaturi tal-minjieri għandhom jistmaw l-emissjonijiet ta' wara l-estrazzjoni tal-faħam bl-użu ta' fatturi ta' emissjoni ta' wara l-estrazzjoni tal-faħam, aġġornati kull sena, abbażi ta' kampjuni tal-faħam speċifiċi għad-depożiti u f'konformità **mal-istandards** xjentifiċi xierqa.

*Emenda*

1. **L-ivvampjar b'effiċjenza tad-disinn tal-qerda u t-tneħħija ta' inqas minn 99 %** u l-ivventjar tal-metan **mis-sistema** tad-drenaġġ għandhom ikunu pprojbiti **mill-1 ta' Jannar 2025**, ħliet fil-każ ta' emerġenza jew fejn ma jkunx jista' jiġi evitat u strettament meħtieġ għall-manutenzjoni. F'każijiet bħal dawn, l-operaturi tal-istazzjonijiet tal-iskular għandhom jivventjaw biss jekk l-ivvampjar ma jkunx teknikament fattibbli jew ikun ta' riskju li jipperikola s-sikurezza tal-operazzjonijiet jew tal-persunal. F'sitwazzjoni bħal din, bħala parti mill-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 23, l-operaturi tal-istazzjonijiet tal-iskular għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti l-ħtieġa li jagħżlu l-ivventjar minflok l-ivvampjar.

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-ivventjar tal-metan permezz ta' xaftijiet **ta' ventilazzjoni** f' minjieri tal-faħam li jarmu aktar minn **0,5 tunnellata ta' metan/kilotunnellata** ta' faħam mill-minjieri, minbarra l-minjieri tal-faħam tal-kokk, għandu jkun ipprojbit mill-1 ta' Jannar 2027.

*Emenda*

2. L-ivventjar tal-metan permezz ta' xaftijiet **tal-ventilazzjoni** f' minjieri tal-faħam li jarmu aktar minn **ħames tunnellati** metan/kilotunnellata ta' faħam **estrazz** mill-minjieri, minbarra l-minjieri tal-faħam tal-kokk, għandu jkun ipprojbit mill-1 ta' Jannar 2027, **ħlief meta dan ikun ta' theddida diretta għas-saħħa u għall-ħajja tal-minaturi li jkunu qed jaħdmu u jżid ir-riskju tas-sikurezza tax-xogħol fl-impjanti tal-minjieri.**

*L-ivventjar tal-metan permezz ta' xaftijiet tal-ventilazzjoni f' minjieri tal-faħam li jarmu aktar minn tliet tunnellati metan/kilotunnellata ta' faħam estratt mill-minjieri, minbarra l-minjieri tal-faħam tal-kokk, għandu jkun ipprojbit mill-1 ta' Jannar 2031.*

*Dawn il-livelli limitu għandhom japplikaw kull sena għal kull minjiera u għal kull operatur, jekk entità waħda topera diversi minjieri.*

**Emenda 185**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Meta l-Istati Membri jkollhom l-intenzjoni li jimplimentaw sistema ddedikata ta' inċentivi biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-metan, huma jistgħu jużaw tariffi, imposti jew penali kif imsemmi fl-Artikolu 30 bħala strument li jiggarantixxi l-konformità tal-operaturi tal-minjieri eżistenti mal-obbligi fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan l-Artikolu.**

**Emenda 186**

## Proposta għal regolament

### Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Mill-1 ta' Jannar 2025, l-operaturi tal-istazzjonijiet **tal-iskular** għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-avvenimenti kollha ta' **ivventjar u ivvampjar**:

#### *Emenda*

Mill-1 ta' Jannar 2025, l-operaturi tal-istazzjonijiet **tad-drenaġġ** għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-avvenimenti kollha ta' **vventjar u bl-avvenimenti kollha ta' vvampjar b'effiċjenza tad-disinn tal-gerda u t-tneħħija ta' inqas minn 99 %**.

## Emenda 187

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ikkawżati minn emerġenza **jew funzjonament ħażin**,

#### *Emenda*

(a) ikkawżati minn emerġenza,

## Emenda 188

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Din it-Taqsima tapplika għall-emissjonijiet tal-metan li ġejjin minn minjieri tal-faħam taħt l-art abbandunati **u magħluqa** fejn il-produzzjoni tal-faħam ma tkompletix:

#### *Emenda*

Din it-Taqsima tapplika għall-emissjonijiet tal-metan li ġejjin minn minjieri tal-faħam **ta'** taħt l-art **magħluqa u** abbandunati fejn il-produzzjoni tal-faħam ma tkompletix:

## Emenda 189

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 25 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u **jagħmlu**

#### *Emenda*

1. Sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u

*disponibbli għall-pubbliku* inventarju tal-minjieri tal-faħam *magħluqa* kollha u tal-minjieri tal-faħam abbandunati fit-territorju tagħhom jew taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, f'konformità mal-metodoloġija u inklużi mill-anqas l-elementi stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness VII.

*jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku* inventarju tal-minjieri tal-faħam *ta' taħt l-art* kollha u tal-minjieri tal-faħam abbandunati fit-territorju tagħhom jew taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, f'konformità mal-metodoloġija u inklużi mill-anqas l-elementi stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness VII.

## **Emenda 190**

### **Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Meta jkunu qed jidentifikaw minjieri magħluqa u minjieri tal-faħam abbandunati, l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni robusta u oġġettiva bbażata fuq l-aktar sejbiet xjentifiċi aġġornati, inkluża data mill-IMEO meta tkun disponibbli;*

## **Emenda 191**

### **Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Il-kejl tal-konċentrazzjoni tal-metan għandu jittieħed f'konformità ma' standards xjentifiċi xierqa u tal-anqas fuq bażi ta' kull siegħa mill-elementi kollha elenkati fil-parti 1(vi) tal-Anness VII li nstabu li jarmu l-metan.*

*imħassar*

## **Emenda 192**

### **Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Minn ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], it-tagħmir tal-kejl għandu jiġi installat fuq l-elementi kollha elenkati fil-punt (v) tal-Parti 1 tal-Anness VII għall-minjieri tal-faħam magħluqa u għall-minjieri tal-faħam abbandunati ***fejn l-operazzjonijiet ikunu waqfu minn ... [50 sena qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

*Emenda*

Minn ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], it-tagħmir tal-kejl għandu jiġi installat fuq l-elementi kollha elenkati fil-punt (v) tal-Parti 1 tal-Anness VII ***li jkunu instabu li jarbu 'l fuq minn 0,5 ta' tunnellata metan fis-sena abbażi tal-inventarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu*** għall-minjieri tal-faħam magħluqa u għall-minjieri tal-faħam abbandunati.

**Emenda 193**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***It-tagħmir għandu jwettaq kejl jew kwantifikazzjonijiet diretti fil-livell tas-sors meħuda f'konformità ma' standards xjentifiċi xierqa u, jekk possibbli, fuq bażi ta' kull siegħa, u ta' kwalità suffiċjenti biex jippermettu stima rappreżentattiva tal-emissjonijiet tal-metan fis-sena mill-elementi kollha elenkati fil-Parti 1, il-punt (v) tal-Anness VII li jkun nstabu li jarmu l-metan.***

**Emenda 194**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-limitu tas-sensittività tat-tagħmir tal-kejl użat għall-kejl imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun tal-anqas 10 000 parti għal kull miljun.***

***imħassar***

## Emenda 195

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Jekk ir-rilaxx annwali osservat tal-metan ta' element elenkat fil-Parti 1, il-punt (v) tal-Anness VII jkun ta' inqas minn tunnellata waħda ta' metan għal sitt snin konsekuttivi fil-każ ta' minjieri mgħarrqa jew għal tnaħ-il sena konsekuttiva fil-każ ta' minjieri xotti, ma għandu jitwettaq l-ebda monitoraġġ u rapportar ulterjuri għal dak l-element speċifiku.**

## Emenda 196

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. L-operaturi tal-minjieri għandhom ikunu responsabbli għar-reqwiziti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 fir-rigward tal-minjieri magħluqa. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għar-reqwiziti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 fir-rigward tal-minjieri abbandunati.

4. L-operaturi tal-minjieri, ***l-operaturi tal-assi jew l-Istati Membri*** għandhom ikunu responsabbli għar-reqwiziti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 fir-rigward tal-minjieri magħluqa. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għar-reqwiziti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 fir-rigward tal-minjieri abbandunati.

## Emenda 197

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Abbażi tal-inventarju msemmi fl-Artikolu 25, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplementaw pjan ta' mitigazzjoni sabiex jindirizzaw l-emissjonijiet tal-metan minn minjieri tal-faħam abbandunati.

Abbażi tal-inventarju msemmi fl-Artikolu 25, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplementaw pjan ta' mitigazzjoni sabiex jindirizzaw l-emissjonijiet tal-metan minn minjieri tal-faħam ***ta' taħt l-art***



*magħluqa u* abbandunati.

## Emenda 198

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-pjan ta' mitigazzjoni għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet kompetenti sa ... **[36 xahar** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u jinkludi mill-anqas l-elementi stabbiliti fil-Parti 4 tal-Anness VII.

#### *Emenda*

Il-pjan ta' mitigazzjoni għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet kompetenti sa ... **[18-il xahar** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u jinkludi mill-anqas l-elementi stabbiliti fil-Parti 4 tal-Anness VII. ***L-Istati Membri għandhom jimplimentawh sa ...[sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

## Emenda 199

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-ivventjar u l-ivvampjar mit-tagħmir imsemmi fl-Artikolu 25(2) għandhom ikunu pprojbiti mill-1 ta' Jannar 2030, sakemm l-użu jew il-mitigazzjoni ma jkunux teknikament fattibbli jew ma jkunux ta' riskju li jipperikolaw is-sikurezza ambjentali jew is-sikurezza ***tal-operazzjonijiet jew tal-persunal***. F'sitwazzjoni bħal din, bħala parti mill-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 25, l-operaturi tal-minjieri jew l-Istati Membri għandhom juru l-ħtieġa li jagħżlu l-ivventjar jew l-ivvampjar minflok l-użu jew il-mitigazzjoni.

#### *Emenda*

2. L-ivventjar u l-ivvampjar mit-tagħmir imsemmi fl-Artikolu 25(2) għandhom ikunu pprojbiti mill-1 ta' Jannar 2030, sakemm l-użu jew il-mitigazzjoni ma jkunux teknikament fattibbli jew ma jkunux ta' riskju li jipperikolaw is-sikurezza ambjentali, jew is-sikurezza ***tal-bniedem, inkluż dik tal-persunal, jew is-saħħa pubblika***. F'sitwazzjoni bħal din, bħala parti mill-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 25, l-operaturi tal-minjieri jew l-Istati Membri għandhom juru l-ħtieġa li jagħżlu l-ivventjar jew l-ivvampjar minflok l-użu jew il-mitigazzjoni.

## Emenda 200

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Għall-minjieri tal-faħam magħluqa:**

**(a) għandu jkun possibbli li jinqabad il-metan billi jitneħħa l-gass;**

**(b) l-użu ta' apparati li jneħħu l-gass rilevanti għas-sikurezza, eż. estratturi tal-ventijiet (Protegohaube), jista' jkompli jitħaddem;**

**(c) l-użu tal-gass mill-minjieri bħala riżorsa tal-enerġija ma għandux jiġi affettwat mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.**

**(d) is-sekwestru tal-ilma tal-minjieri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan għandu jkun permess skont dan ir-Regolament.**

## **Emenda 201**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha **tingħata s-setgħa li** tadotta **atti delegati** f'konformità mal-Artikolu 31 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi temenda jew iżżid mal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-importaturi.

Il-Kummissjoni għandha tadotta **att delegat sal-31 ta' Diċembru 2025** f'konformità mal-Artikolu 31 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi temenda jew iżżid mal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-importaturi.

## **Emenda 202**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 27 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Mill-1 ta' Jannar 2025, l-importaturi tal-faħam, taż-żejt u tal-gass, għandhom juru li l-esportaturi tal-faħam, taż-żejt u tal-gass lejn l-Unjoni**

*jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-kejl, għall-monitoraġġ, għar-rapportar u għall-verifika, għad-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet, u għall-ivventjar u l-ivvampjar stabbiliti fil-Kapitoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament jew inkella jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-derogi stabbiliti fil-paragrafu 2b ta' dan l-Artikolu.*

## **Emenda 203**

### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2b. L-importaturi li juru l-implimentazzjoni ta' miżuri meqjusa komparabbli fl-effettività jew li jipprovdu garanziji tal-orijini minn pajjiżi meqjusa li għandhom ekwivalenza regolatorja għandhom ikunu soġġetti għal deroga mill-paragrafu 2a, f'konformità mal-paragrafu 2c.*

## **Emenda 204**

### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2c. Meta l-importaturi jitolbu deroga prevista fil-paragrafu 2b, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikabbiltà ta' deroga filwaqt li tqis:*

- (a) l-effettività tal-miżuri jew tar-rekwiżiti regolatorji meta mqabbla ma' dawk applikabbli fl-Unjoni;*
- (b) l-akkuratezza tad-data pprovduta mill-importaturi; kif ukoll*
- (c) il-penali għan-nuqqas ta'*

*konformità u l-effettività tal-infurzar fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti fejn tintalab l-ekwivalenza regolatorja.*

## **Emenda 205**

### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2d. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat sal-31 ta' Diċembru 2025 f'konformità mal-Artikolu 31 biex tissupplimenta dan ir-Regolament kemm bil-modalitajiet u kemm bil-proċeduri għall-importaturi li jitolbu deroga fl-ambitu tal-paragrafu 2c, u r-rekwiżiti speċifiċi għad-dimostrazzjoni tal-komparabbiltà f'dik li hi effettività u tal-ekwivalenza regolatorja, inkluż għall-istabbiliment tar-rwol meħtieġ tal-IMEO biex jiżgura l-kontroll tal-kwalità, imsemmi fil-paragrafu 2b.*

## **Emenda 206**

### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2e (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2e. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-importaturi li jintroduċu fis-suq faħam, żejt u gass, jikkonformaw ma' dan l-Artikolu fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu penali progressivi għall-ksur, inkluża s-suspensjoni tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni taż-żejt, tal-gass u tal-faħam fis-suq kif imsemmi fl-Artikolu 30, filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' deterrenza effettiva tal-ksur.*

## Emenda 207

### Proposta għal regolament Artikolu 27 - paragrafu 2f (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2f.** *Meta l-importaturi jonqsu milli jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2a u 2b, iżda jkunu jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri importaturi li jkunu saru l-isforzi raġonevoli kollha biex tinkiseb tali informazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jnaqqsu jew li ma jimponux penali fuq l-importaturi kif imsemmi fil-paragrafu 2e.*

## Emenda 208

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Sal-31 ta' Diċembru 2025, jew qabel jekk il-Kummissjoni tqis li hemm evidenza **biżżejjed** disponibbli, il-Kummissjoni għandha **teżamina l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tikkunsidra b'mod partikolari:**

Sal-31 ta' Diċembru 2025, jew qabel jekk il-Kummissjoni tqis li hemm **biżżejjed** evidenza disponibbli, il-Kummissjoni għandha **tipproponi emendi għal dan ir-Regolament biex issaħħaħ ir-rekwiżiti applikabbli għall-importaturi bil-ħsieb li jiġu implimentati standards ta' prestazzjoni upstream għall-emissjonijiet tal-metan fuq l-importazzjonijiet kollha tal-gass fossili u taż-żejt ekwivalenti għall-intensità tal-emissjonijiet tal-metan imsemmija fl-Artikolu 13 u standard proporzjonat għall-importazzjonijiet tal-faħam.**

## Emenda 209

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a) ir-rapportar tad-data disponibbli dwar l-emissjonijiet tal-metan miġbura fil-kuntest tal-għodda globali ta' monitoraġġ tal-metan imsemmija fl-Artikolu 29;**

*imħassar*

#### **Emenda 210**

##### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) analiżi tad-data dwar l-emissjonijiet tal-metan mill-IMEO;**

*imħassar*

#### **Emenda 211**

##### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(c) informazzjoni dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar, il-verifika u l-miżuri ta' mitigazzjoni tal-operaturi li jinsabu barra mill-Unjoni u li mingħandhom tiġi importata l-enerġija fl-Unjoni; kif ukoll**

*imħassar*

#### **Emenda 212**

##### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(d) is-sigurtà tal-provvista u l-implikazzjonijiet ta' kundizzjonijiet ekwi f'każ ta' obbligi addizzjonali possibbli, inklużi miżuri obbligatorji *bħall-istandards jew il-miri* tal-emissjonijiet tal-metan, *filwaqt li jitqiesu s-setturi* taż-żejt,**

**(d) Meta tkun qed tipproponi emendi għal dan ir-Regolament kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tivvaluta l-implikazzjonijiet għall-klima, is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni u l-**

tal-gass u tal-faħam separatament.

implikazzjonijiet **għall-kundizzjonijiet** ekwi f'każ ta' obbligi addizzjonali possibbli, inklużi miżuri obligatorji **bħal standards jew miri** tal-emissjonijiet tal-metan. **Il-Kummissjoni tista' wkoll tqis is-setturi** taż-żejt, tal-gass u tal-faħam separatament.

## Emenda 213

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fejn xieraq u abbażi tal-evidenza neċessarja biex tiġi żgurata l-konformità sħiħa mal-obbligi internazzjonali applikabbli tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tipproponi emendi għal dan **ir-Regolament** sabiex jissaħħu r-rekwiżiti applikabbli għall-importaturi ***bil-għan li jiġi żgurat livell komparabbli ta' effettività fir-rigward tal-kejl, ir-rapportar u l-verifika u l-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija.***

#### *Emenda*

Fejn xieraq u abbażi tal-evidenza neċessarja biex tiġi żgurata l-konformità sħiħa **kemm** mal-obbligi internazzjonali applikabbli tal-Unjoni, ***b'mod partikolari l-għan tagħha fit-tul dwar it-temperatura stabbilit fl-Artikolu 2(1), il-punt (a), tal-Ftehim ta' Pariġi,*** il-Kummissjoni għandha tipproponi emendi għal dan ***l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 33*** sabiex jissaħħu r-rekwiżiti applikabbli għall-importaturi.

## Emenda 214

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sa ...[18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data dwar it-trasparenza ***tal-metan*** li jkun fiha l-informazzjoni sottomessa lilha skont l-Artikolu 27 u l-Artikoli 12(11), 16(3), 18(4), 20(7), 23(2) u 25(5).

#### *Emenda*

1. Sa ...[18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data dwar it-trasparenza ***dwar il-metan, organizzata skont il-pajjiżi, il-kumpaniji u l-kwantitajiet ta' gass, faħam u żejt importati,*** li jkun fiha l-informazzjoni sottomessa lilha skont l-Artikolu 27 u l-Artikoli 12(11), 16(3), 18(4), 20(7), 23(2) u 25(5).

## Emenda 215

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt b – punt i

*Test propost mill-Kummissjoni*

(i) jekk għandux miżuri regolatorji obbligatorji fis-seħħ dwar l-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija, li jkopru l-elementi stabbiliti f'dan ir-Regolament rigward il-kejl, ir-rapportar u l-verifika u l-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija;

*Emenda*

(i) jekk għandux miżuri regolatorji obbligatorji fis-seħħ dwar l-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija, li jkopru l-elementi stabbiliti f'dan ir-Regolament rigward il-kejl, ir-rapportar u l-verifika u l-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija, **u jekk daww il-miżuri humiex biżżejjed**;

## Emenda 216

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt b – punt iia (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(iia) jekk iffirmax il-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan;**

## Emenda 217

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-għodda għandha tinforma d-djalogi bilaterali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-politiki u l-miżuri dwar l-emissjonijiet tal-metan. Fejn l-għodda tidentifika sors ewlieni ġdid ta' emissjonijiet, il-Kummissjoni għandha twissi lill-pajjiż rilevanti bil-għan li tippromwovi azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' rimedju.

2. L-għodda għandha tinforma d-djalogi bilaterali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-politiki u l-miżuri dwar l-emissjonijiet tal-metan. Fejn l-għodda tidentifika sors ewlieni ġdid ta' emissjonijiet, il-Kummissjoni għandha twissi lill-pajjiż rilevanti bil-għan li tippromwovi azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u, **meta meħtieġ, għandha toffri appoġġ tekniku biex tiżgura azzjonijiet ta' rimedju rapidi.**



## Emenda 218

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar **il-penali** applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha li **jkunu meħtieġa sabiex** jiżguraw li dawn jiġu implimentati.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar **il-pieni** applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha li **hemm bżonn biex** jiżguraw li dawn jiġu implimentati, **inkluż il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.**

## Emenda 219

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u **jistgħu** jinkludu:

*Emenda*

Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u **għandhom** jinkludu:

## Emenda 220

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) multi proporzjonati għad-danni ambjentali, billi jiġi kkalkolat il-livell ta' tali multi b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lil daww responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur tagħhom u gradwalment iżidu l-livell ta' tali multi **għal ksur** serju ripetut;

*Emenda*

(a) multi proporzjonati għad-danni ambjentali **u għall-impatt fuq is-sikurezza u fuq is-saħħa**, billi jiġi kkalkolat il-livell ta' tali multi b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lil daww responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur tagħhom u gradwalment iżidu l-livell ta' tali multi **għall-ksur** serju ripetut **jew għall-ksur multiplu;**

## Emenda 221

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Minbarra l-penali stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw is-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni taż-żejt, tal-gass jew tal-faħam fis-suq f'każ ta' ksur serju jew ripetut ta' dan ir-Regolament filwaqt li jqisu s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.*

**Emenda 222**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 30 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) l-operatur jew l-impriża ma tkunx issottomettiet rapport dwar l-emissjonijiet tal-metan f'konformità mal-Artikolu 12;*

**Emenda 223**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 30 – paragrafu 3 – punt 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) in-nuqqas min-naħa tal-importaturi, sa fejn huma rikjesti skont l-Artikolu 27, li juru li l-esportaturi tal-faħam, taż-żejt u tal-gass ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika, dwar id-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet, u dwar l-ivventjar u l-ivvampjar ta' rutina, f'konformità mal-Artikolu 27;*

**Emenda 224**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 30 – paragrafu 3 – punt 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(1b) in-nuqqas min-naħa tal-importaturi, sa fejn huma rikjesti skont l-Artikolu 27, li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa f'konformità ma' valutazzjoni indipendenti tal-konformità mwettqa minn korp ta' verifika.**

**Emenda 225**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 30 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(5d) jiġu ssodisfati, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jnaqqsu jew li ma jimponux penali fuq l-operaturi għall-perjodu ta' implimentazzjoni meqjus meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti.**

**Emenda 226**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 30 – paragrafu 3b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b. Il-paragrafu 3, il-punti (l), (la), (lb) ma għandhomx japplikaw għall-importaturi meta l-importaturi jonqsu milli jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness VIII, u jkunu jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri importaturi li jkunu saru l-isforzi raġonevoli kollha biex tali informazzjoni tinkiseb.**

## Emenda 227

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw kull sena informazzjoni dwar it-tip u d-daqs tal-penali imposti skont dan ir-Regolament, il-każijiet ta' ksur u l-operaturi li fuqhom ikunu ġew imposti penali.

#### *Emenda*

5. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw kull sena informazzjoni dwar it-tip u d-daqs tal-penali imposti skont dan ir-Regolament ***u f'konformità mal-penali kif stabbiliti fil-Protezzjoni emendata tal-ambjent permezz tal-liġi kriminalij***, il-każijiet ta' ksur u l-operaturi li fuqhom ikunu ġew imposti penali.

## Emenda 228

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Is-setgħa ta' ***adozzjoni ta'*** atti delegati msemmija fl-Artikoli 8(5), ***22(3) u 27(1) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament]***.

#### *Emenda*

2. Is-setgħa ***tal-adozzjoni*** ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 8(5), ***[...] għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data*** tad-dħul fis-seħħ ***tar-Regolament***.

## Emenda 229

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Att delegat adottat skont ***l-Artikoli 8(5), 22(3) u 27(1)*** għandu jidhul fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li

#### *Emenda*

6. Att delegat adottat skont ***l-Artikoli 8(5), [...]*** għandu jidhul fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li

mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## Emenda 230

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija stabbilit bl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

#### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar ***it-Tibdil fil-Klima u l-Kumitat*** dwar l-Unjoni tal-Enerġija stabbilit bl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

## Emenda 231

### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Kull ***ħames*** snin, il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta rapport*** dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta*** proposti leġislattivi ***sabiex jiġi emendat dan ir-Regolament***. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

#### *Emenda*

1. ***Sal-1 ta' Jannar 2027 u*** kull ***erba'*** snin ***minn hemm 'il quddiem***, il-Kummissjoni għandha ***tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Ir-rapporti tal-Kummissjoni jistgħu jkunu akkumpanjati minn*** proposti leġislattivi ***meta jkun xieraq***. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

## Emenda 232

### Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1 Regolament (UE) 2019/942 Artikolu 15 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Kull tliet snin, l-ACER għandha tistabbilixxi u ***tagħmel disponibbli għall-***

#### *Emenda*

5. Kull tliet snin, l-ACER għandha tistabbilixxi u ***tqiegħed għad-dispożizzjoni***

**pubbliku** sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet ta' unità ta' investment marbuta mal-kejl, ir-rapportar u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan għal proġetti komparabbli. Hija għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar l-indikaturi u l-valuri ta' referenza għall-kostijiet ta' unità **tal-investment** għall-konformità mal-obbligi skont [dan ir-Regolament] skont l-Artikolu 3 ta' [dan ir-Regolament].

**tal-pubbliku** sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet ta' unità ta' investment marbuta mal-kejl, **il-monitoraġġ**, ir-rapportar, **il-verifika** u t-tnaqqis, **inklużi l-ivventjar u l-ivvampjar** tal-emissjonijiet tal-metan għal proġetti komparabbli. Hija għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar l-indikaturi u l-valuri ta' referenza għall-kostijiet ta' unità **ta' investment** għall-konformità mal-obbligi skont [dan ir-Regolament] skont l-Artikolu 3 ta' [dan ir-Regolament].

### Emenda 233

#### Proposta għal regolament Anness I – titolu

Test propost mill-Kummissjoni		
Skedi tat-tiswija u ta' monitoraġġ tad-detezzjoni tat-tnixxijiet		
Emenda		
<b>Parti 1:</b> Stħarriġ dwar detezzjoni u tiswija ta' tnixxijiet		
<b>Minkejja l-istħarriġiet dwar id-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet kif stabbilit fl-Artikolu 14.2 (c), għall-komponenti kollha ta' taħt l-art elenkati f'dan l-Anness, l-istħarriġiet dwar id-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet iridu jitwettqu skont il-frekwenzi minimi li ġejjin:</b>		
<i>Assi</i>	<i>Materjal</i>	<i>Frekwenza</i>
[...]	[...]	[...]

### Emenda 234

#### Proposta għal regolament Anness I – subintestatura 1a (ġdid) Test propost mill-Kummissjoni Emenda

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Parti 2 Skedi tat-tiswija u tal-monitoraġġ***

**Emenda 235**

**Proposta għal regolament  
Anness I – paragrafu 2 – punt iii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(iii) Għall-komponenti li nstabu li qed jemettu **500 parti għal kull miljun jew aktar ta' metan**, indikazzjoni ta' jekk twettqitx tiswija matul l-istħarriġ tal-LDAR u jekk le għaliex, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti fir-rigward ta' liem elementi jistgħu jitqiesu għal tiswija tardiva, skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 4.

(iii) Għall-komponenti li nstabu li qed jemettu, indikazzjoni ta' jekk twettqitx tiswija matul l-istħarriġ tal-LDAR u jekk le għaliex, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti fir-rigward ta' liem elementi jistgħu jitqiesu għal tiswija tardiva, skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 4.

**Emenda 236**

**Proposta għal regolament  
Anness I – paragrafu 2 – punt iv**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(iv) Għall-komponenti li nstabu li qed jemettu **500 parti għal kull miljun jew aktar ta' metan**, l-iskeda tat-tiswija ppjanata li tindika d-data tat-tiswija ppjanata,

(iv) Għall-komponenti li nstabu li qed jemettu, l-iskeda tat-tiswija ppjanata li tindika d-data tat-tiswija ppjanata,

**Emenda 237**

**Proposta għal regolament  
Anness I – paragrafu 2 – punt v**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(v) **Għall-komponenti li nstabu li qed jemettu inqas minn 500 parti għal kull miljun fl-istħarriġ preċedenti tal-LDAR, iżda li nstabu li qed jemettu 500 parti għal**

***imħassar***

*kull miljun jew aktar ta' metan waqt il-monitoraġġ ta' wara l-LDAR biex jiġi vverifikat jekk id-daqs tat-telf tal-metan ikunx inbidel, indikazzjoni dwar jekk twettqitx tiswija immedjatament u jekk le, għaliex (skont iii), u l-iskeda tat-tiswija ppjanata li tindika d-data tat-tiswija ppjanata.*

#### **Emenda 238**

##### **Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 5 – punt iii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(iii) Għall-komponenti li nstabu li qed jemettu **500 parti għal kull miljun jew aktar ta' metan**, ir-riżultati tal-monitoraġġ wara t-tiswija biex jiġi vverifikat jekk it-tiswija rnexxiex

*Emenda*

(iii) Għall-komponenti li nstabu li qed jemettu, ir-riżultati tal-monitoraġġ wara t-tiswija biex jiġi vverifikat jekk it-tiswija rnexxiex

#### **Emenda 239**

##### **Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 5 – punt iv**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(iv) **Għall-komponenti li nstabu li qed jemettu inqas minn 500 parti għal kull miljun jew aktar ta' metan, ir-riżultati tal-monitoraġġ ta' wara l-LDAR biex jiġi vverifikat jekk id-daqs tat-telf tal-metan inbidilx u rakkomandazzjoni fuq il-bażi tas-sejba.**

*Emenda*

**imħassar**

#### **Emenda 240**

##### **Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) l-isem u t-tip tal-assi;

*Emenda*

(ii) **il-post**, l-isem u t-tip tal-assi;



## Emenda 241

### Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt v

*Test propost mill-Kummissjoni*

(v) il-volum imkejjel ***jew stmat tal-gass naturali*** ivventjat jew ivvampjat;

*Emenda*

(v) il-volum imkejjel ***tal-metan*** ivventjat jew ivvampjat;

## Emenda 242

### Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt va (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*  
***(va) l-effiċjenza tal-ivvampjar u t-tip ta' vvampjar użat***

## Emenda 243

### Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt ix

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ix) ir-riżultati tal-ispezzjonijiet ta' kull ġimgħa tat-torrijiet tal-ivvampjar imwettqa f'konformità mal-Artikolu 17

*Emenda*

(ix) ir-riżultati tal-ispezzjonijiet ta' kull ġimgħa ***u tal-monitoraġġ kontinwu*** tat-torrijiet tal-ivvampjar imwettqa f'konformità mal-Artikolu 17

## Emenda 244

### Proposta għal regolament Anness IV – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

Skont l-Artikolu 18, l-inventarji ***ta' bjar inattivi*** jridu jinkludu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

*Emenda*

Skont l-Artikolu 18, l-inventarji ***tal-bjar inattivi u tal-bjar mimlija b'mod permanenti u abbandunati*** jridu jinkludu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

## Emenda 245

### Proposta għal regolament Anness IV – paragrafu 1 – punt ii

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) l-isem, it-tip u l-indirizz tal-bir jew tas-sit tal-bir;

*Emenda*

(ii) l-isem, it-tip u l-indirizz tal-bir jew tas-sit tal-bir, ***filwaqt li jiġi speċifikat jekk huwiex bir inattiv jew bir mimli b'mod permanenti u abbandunat***;

## Emenda 246

### Proposta għal regolament Anness IV – paragrafu 1 – punt iv

*Test propost mill-Kummissjoni*

(iv) ir-riżultati ***ta' kwalunkwe kejl tal-konċentrazzjoni*** tal-metan.

*Emenda*

(iv) ir-riżultati ***tal-kejl tal-emissjonijiet*** tal-metan ***fl-arja u fl-ilma***.

## Emenda 247

### Proposta għal regolament Anness IV – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Skont l-Artikolu 18, fir-rigward tal-bjar mimlija b'mod permanenti u abbandunati, l-inventarji għandhom jinkludu wkoll:***

***(i) l-aħħar kejl magħruf tal-emissjonijiet tal-metan fl-arja u fl-ilma, jekk ikun hemm;***

***(ii) informazzjoni li turi li l-awtorità kompetenti rilevanti tkun uriet li l-bir jew is-sit tal-bir inkwistjoni jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(24a);***

***(iii) dokumentazzjoni adegwata biex jintwera li ma kien hemm l-ebda emissjoni ta' metan minn dak il-bir jew***

*minn sit tal-bir għal mill-inqas l-aħħar ħames snin.*

## **Emenda 248**

### **Proposta għal regolament Anness IV – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1b. Skont l-Artikolu 18, il-pjanijiet ta' mitigazzjoni jridu jinkludu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:***

***(i) l-iskeda tal-indirizzar ta' kull bir inattiv, inklużi l-azzjonijiet li għandhom jitwettqu;***

***(ii) l-isem u l-indirizz tal-operatur, tas-sid jew tad-detentur tal-liċenzja tal-bir inattiv, meta applikabbli;***

***(iii) id-data tat-tmiem ipproġettata tar-rimedjazzjoni, tar-reklamazzjoni jew tal-mili tal-bjar inattivi.***

## **Emenda 249**

### **Proposta għal regolament Anness VI – paragrafu 1 – punt iii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(iii) il-kawża tal-avveniment tal-vventjar u/jew l-ivvampjar;***

***(iii) il-kawża tal-avveniment tal-vventjar u/jew l-ivvampjar; il-ġustifikazzjoni għall-użu tal-ivventjar minflok l-ivvampjar, jekk applikabbli;***

## **Emenda 250**

### **Proposta għal regolament Anness VI – paragrafu 1 – punt iv**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(iv) it-tunnellaġġ ta' metan ivventjat u vvampjat (jew stima jekk il-***

***(iv) it-tunnellaġġ ta' metan ivventjat u vvampjat (jew stima jekk il-***

kwantifikazzjoni ma **tkunx** possibbli).

kwantifikazzjoni **jew il-kejl** ma **jkunux** possibbli).

#### Emenda 251

##### Proposta għal regolament

##### Anness VII – Parti 1 – paragrafu 1 – punt v – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(v) ir-riżultati tal-kejl **tal-konċentrazzjoni tal-metan fl-elementi** li ġejjin:

(v) ir-riżultati tal-kejl **jew il-kwantifikazzjoni diretti fil-livell tas-sors fis-sorsi lokalizzati tal-emissjonijiet** li ġejjin:

#### Emenda 252

##### Proposta għal regolament

##### Anness VII – Parti 1 – paragrafu 1 – punt v – punt 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2) il-pajpijiet tal-fetħiet mhux użati

2) il-pajpijiet tal-fetħiet mhux użati, **jekk ma jkunux parti mill-infrastruttura tas-sikurezza**

#### Emenda 253

##### Proposta għal regolament

##### Anness VII – Parti 1 – paragrafu 1 – punt v – punt 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4) **il-promontorji tal-blat;**

**imħassar**

#### Emenda 254

##### Proposta għal regolament

##### Anness VII – Parti 1 – paragrafu 1 – punt v – punt 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5) **il-fratturi tal-istrata identifikabbli fit-territorju tal-minjiera jew li huma**

**imħassar**

*marbuta mad-depożitu tal-faħam  
preċedenti tagħha;*

#### **Emenda 255**

**Proposta għal regolament  
Anness VII – parti 2 – paragrafu 1 – punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) il-kejl irid jitwettaq bl-użu ta' **apparat b'livell limitu** ta' **sensittività ta'** mill-inqas **10 000 ppm, fl-eqreb distanza disponibbli għall-emittent imkejjel.**

*Emenda*

(ii) il-kejl irid jitwettaq bl-użu ta' **tagħmir li jirriżulta f'akkuratezza tal-kejl tal-emissjonijiet tal-metan** ta' mill-inqas **0,5 tunnellati fis-sena.**

#### **Emenda 256**

**Proposta għal regolament  
Anness VII – Parti 3 – paragrafu 1 – punt iii – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(iii) l-emissjonijiet tal-metan **mill-elementi** kollha deskritti **fl-Artikolu 25(3)** inkluż:

*Emenda*

(iii) l-emissjonijiet tal-metan **mis-sorsi lokalizzati** kollha **tal-emissjonijiet** deskritti **fil-Parti 1** inkluż:

#### **Emenda 257**

**Proposta għal regolament  
Anness VII – parti 3 – paragrafu 1 – punt iii -punt 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1) it-tip ta' **element**

*Emenda*

1) it-tip ta' **sors lokalizzat tal-emissjonijiet**

#### **Emenda 258**

**Proposta għal regolament  
Anness VII – parti 3 – paragrafu 1 – punt iii – punt 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5) l-istimi tal-emissjonijiet tal-metan

*Emenda*

5) l-istimi tal-emissjonijiet tal-metan

*mill-element*

*mis-sors lokalizzat tal-emissjonijiet*

**Emenda 259**

**Proposta għal regolament  
Anness V – parti 4 – paragrafu 1 – punt i**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(i) lista *tal-elementi* kollha *koperti fl-Artikolu 25(3)*;

*Emenda*

(i) lista *tas-sorsi lokalizzati* kollha *tal-emissjonijiet deskritti fil-Parti 1*;

**Emenda 260**

**Proposta għal regolament  
Anness VII – parti 4 – paragrafu 1 – punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) il-fattibbiltà teknika tal-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan *mill-elementi deskritti fl-Artikolu 25(3)*;

*Emenda*

(ii) il-fattibbiltà teknika tal-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan; *kull sors lokalizzat tal-emissjonijiet*

**Emenda 261**

**Proposta għal regolament  
Anness VIII – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Skont *l-Artikolu 27*, l-importaturi jridu jipprovdu *l-informazzjoni* li ġejja:

*Emenda*

Skont *l-Artikolu 27*, l-importaturi jridu jipprovdu *rapport bl-informazzjoni* li ġejja *għal kull sit li minnu tkun saret l-importazzjoni lejn l-Unjoni, inkluża l-produzzjoni upstream taż-żejt u tal-gass fossili, il-ġbir, l-ipproċessar u t-trażmissjoni tal-gass fossili, u t-terminals tal-gass naturali likwifikat.*

**Emenda 262**

**Proposta għal regolament  
Anness VIII – paragrafu 2 – punt ii**

(ii) il-pajjiżi u r-reġjuni li jikkorrispondu għal-livell 1 tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) tal-Unjoni fejn ġiet prodotta l-enerġija u ***l-pajjiżi u*** li jikkorrispondu għal-livell 1 tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) tal-Unjoni li ***permezz taġġhom*** l-enerġija ġiet ***ittrasportata sakemm tqiegħdet*** fis-suq tal-Unjoni;

(ii) il-pajjiżi u r-reġjuni li jikkorrispondu għal-livell 1 tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) tal-Unjoni fejn ġiet prodotta l-enerġija, ***il-pajjiżi u r-reġjuni*** li jikkorrispondu għal-livell 1 tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) tal-Unjoni li ***minnhom għaddiet*** l-enerġija ***hi u tiġi ttrasportata sakemm*** ġiet ***introdotta*** fis-suq tal-Unjoni;

## **Emenda 263**

### **Proposta għal regolament Anness VIII – paragrafu 2 – punt iii**

(iii) fir-rigward taż-żejt u l-gass fossili, ***jekk l-esportatur ikunx qed iwettaq*** kejl u rapportar tal-emissjonijiet tal-metan tiegħu, jew b'mod indipendenti jew bħala parti mill-impenji ta' rapportar dwar l-inventarji nazzjonali tal-GHG f'konformità mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), u jekk huwiex f'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar tal-UNFCCC jew f'konformità mal-istandards tas-Sħubija dwar il-Metan miż-Żejt u mill-Gass 2.0. Dan irid jiġi akkumpanjat minn kopja tal-aħħar rapport dwar l-emissjonijiet tal-metan, inkluż, fejn disponibbli, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(6). Il-metodu tal-kwantifikazzjoni (bħall-gradi tal-UNFCCC jew il-livelli tal-OGMP) ***użati*** fir-rapportar ***iridu jkunu speċifikati*** għal kull tip ta' emissjoni;

(iii) fir-rigward taż-żejt u l-gass fossili, ***informazzjoni li tispeċifika l-kejl dirett tal-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sit tal-esportatur, jew fejn rilevanti, tal-produttur, imwettaq minn fornitur tas-servizzi indipendenti, fl-aħħar perjodu tas-sena kalendarja disponibbli inkluż data għal kull tip ta' sors tal-emissjonijiet dettaljat, individwali u informazzjoni dettaljata dwar il-metodoloġiji tal-kwantifikazzjoni użati biex jitkejlu l-emissjonijiet tal-metan;*** kejl u rapportar tal-emissjonijiet tal-metan tiegħu, jew b'mod indipendenti jew bħala parti mill-impenji ta' rapportar dwar l-inventarji nazzjonali tal-GHG f'konformità mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), u jekk huwiex f'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar tal-UNFCCC jew f'konformità mal-istandards tas-Sħubija dwar il-Metan miż-Żejt u mill-Gass 2.0. Dan irid jiġi akkumpanjat minn kopja tal-aħħar rapport dwar l-emissjonijiet tal-metan, inkluż, fejn disponibbli, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(6),

*meta tiġi pprovduta f'tali rapport.* Il-metodu tal-kwantifikazzjoni (bħall-grad tal-UNFCCC jew il-livelli tal-OGMP) *użat* fir-rapportar *għandu jkun speċifikat* għal kull tip ta' emissjoni;

## Emenda 264

### Proposta għal regolament Anness VIII – paragrafu 2 – punt iv

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(iv) fir-rigward taż-żejt u l-gass, ***jekk l-esportatur japplikax miżuri*** regolatorji jew volontarji biex jikkontrolla l-emissjonijiet tal-metan tiegħu, inkluż miżuri bħal stħarriġiet tad-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet jew miżuri biex jikkontrolla u jillimita l-ivventjar u l-ivvampjar tal-metan. Dan irid jiġi akkumpanjat minn deskrizzjoni ta' dawn il-miżuri, inkluż, fejn disponibbli, rapporti mill-istħarriġiet tad-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet mill-avvenimenti tal-ivventjar u l-ivvampjar fir-rigward tal-aħħar sena kalendarja disponibbli;

#### *Emenda*

(iv) fir-rigward taż-żejt u l-gass, ***informazzjoni li tispeċifika l-miżuri*** regolatorji jew volontarji ***tal-esportatur, jew fejn rileventi, tal-produttur,*** biex jikkontrolla l-emissjonijiet tal-metan tiegħu, inkluż miżuri bħal stħarriġiet tad-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet jew miżuri biex jikkontrolla u jillimita l-ivventjar u l-ivvampjar tal-metan; ***stħarriġiet u programmi tad-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet imwettqa fl-aħħar sentejn kalendarji; u informazzjoni dwar l-avvenimenti kollha ta' vventjar u ta' vvampjar fl-aħħar sentejn kalendarji.*** Dan irid jiġi akkumpanjat minn deskrizzjoni ta' dawn il-miżuri, inkluż, fejn disponibbli, rapporti mill-istħarriġiet tad-detezzjoni u t-tiswija tat-tnixxijiet mill-avvenimenti tal-ivventjar u l-ivvampjar fir-rigward tal-aħħar sena kalendarja disponibbli;

## Emenda 265

### Proposta għal regolament Anness VIII – paragrafu 2 – punt v

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(v) fir-rigward tal-faħam, ***jekk l-esportatur ikunx qed iwettaq*** kejl u rapportar tal-emissjonijiet tal-metan tiegħu, jew b' mod indipendenti jew bħala parti mill-impenji ta' rapportar dwar l-inventarji

#### *Emenda*

(v) fir-rigward tal-faħam, ***informazzjoni li tispeċifika d-data dwar l-emissjonijiet tal-metan fil-livell tas-sors tal-esportatur imkejla għall-emissjonijiet tal-metan fl-arja tal-ventilazzjoni,***



nazzjonali tal-GHG f'konformità mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), u jekk huwiex f'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar tal-UNFCCC jew f'konformità ma' standard internazzjonali jew Ewropew għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet tal-metan. Dan irid jiġi akkumpanjat minn kopja tal-aħħar rapport dwar l-emissjonijiet tal-metan, inkluż, fejn disponibbli, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(6). Il-metodu tal-kwantifikazzjoni (bħall-grad tal-UNFCCC jew il-livelli tal-OGMP) użati fir-rapportar iridu jkunu speċifikati għal kull tip ta' emissjoni;

***ikkalkulata u kkwantifikata f'konformità mal-metodoloġija deskritta fil-Parti 1 tal-Anness V***; kejl u rapportar tal-emissjonijiet tal-metan tiegħu, jew b' mod indipendenti jew bħala parti mill-impenji ta' rapportar dwar l-inventarji nazzjonali tal-GHG f'konformità mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), u jekk huwiex f'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar tal-UNFCCC jew f'konformità ma' standard internazzjonali jew Ewropew għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet tal-metan. Dan irid jiġi akkumpanjat minn kopja tal-aħħar rapport dwar l-emissjonijiet tal-metan, inkluż, fejn disponibbli, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(6). Il-metodu tal-kwantifikazzjoni (bħall-grad tal-UNFCCC jew il-livelli tal-OGMP) użati fir-rapportar iridu jkunu speċifikati għal kull tip ta' emissjoni;

## Emenda 266

### Proposta għal regolament Anness VIII – paragrafu 2 – punt vi

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(vi) fir-rigward tal-faħam, ***jekk l-esportatur japplikax miżuri*** regolatorji jew volontarji biex jikkontrolla l-emissjonijiet tal-metan tiegħu, inkluż miżuri biex jikkontrolla u jillimita l-ivventjar u l-ivvampjar tal-metan. Dan irid jiġi akkumpanjat minn deskrizzjoni ta' dawn il-miżuri, inkluż, fejn disponibbli, rapporti mill-avvenimenti tal-ivventjar u l-ivvampjar fir-rigward tal-aħħar sena kalendarja disponibbli;

#### *Emenda*

(vi) fir-rigward tal-faħam, ***informazzjoni li tispeċifika l-miżuri*** regolatorji jew volontarji ***tal-esportatur*** biex jikkontrolla l-emissjonijiet tal-metan tiegħu, inkluż miżuri biex jikkontrolla u jillimita l-ivventjar u l-ivvampjar tal-metan; ***il-volumi ta' metan ivventjat u vvampjat ikkalkulati f'kull sit tal-produzzjoni matul l-aħħar sentejn kalendarji; u pjanijiet għall-mitigazzjoni tal-ivventjar u tal-ivvampjar fis-seħħ fis-sit tal-produzzjoni***. Dan irid jiġi akkumpanjat minn deskrizzjoni ta' dawn il-miżuri, inkluż, fejn disponibbli, rapporti mill-avvenimenti tal-ivventjar u l-ivvampjar fir-rigward tal-aħħar sena kalendarja disponibbli;

**Emenda 267**

**Proposta għal regolament  
Anness VIII – paragrafu 2 – punt via (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(via) referenza għall-pjan ta' azzjoni  
tiegħu stess għat-tnaqqis tal-metan skont  
l-Artikolu 15 ta' [diliġenza dovuta tas-  
sostenibbiltà korporattiva]*

**ANNEX: LISTA TAL-ENTITAJIET JEW IL-PERSUNI  
LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR tal-KUMITAT ITRE, Jutta PAULUS,  
IRĊEVJET KONTRIBUT**

Il-lista li ġejja tfasslet fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tal-korapporteur Jutta PAULUS. Il-korapporteur irċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

<b>Entita u/jew persuna</b>
Agora-Agrar
Austrian Permanent Representation
Baker Hughes
CAN
CATF
Changing Markets
Danish Permanent Representation
DEUS
DG ENER
DUR
Environmental Action Germany (DUH)
EARSC
EEB
EDF
EIA
Equinor
Gas Infrastructure Europe
German Ministry for Energy and Climate
German Permanent Representation
Harvard University
HBS
Honeywell
industriAll
InfluenceMap
Institute for European Environmental Policy
IMEO
IOGP
Karryos
KREAB
NSZZ „Solidarność”
Özden Terli
Picarro
Polish Permanent Representation
Sensirion Connected Solutions AiSight
Smith Group
STEAG GmbH
Thüga

Uniper
VERAX Engineering

18.7.2022

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

Is-Sur Pascal Canfin  
President  
Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Is-Sur Cristian-Silviu Buşoi  
President  
Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

IPOL-COM-AGRI D(2022) 23270

Suġġett: Opinjoni dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942 (COM(2021)0805 - 2021/0423 (COD))

Sinjuri Presidenti,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) intalab iressaq opinjoni lill-kumitat tiegħek skont l-Artikolu 56 tar-Regoli ta' Proċedura.

Fil-15 ta' Ġunju, ir-Rapporteur tal-Kumitat AGRI Elsi Katainen ippresediet laqgħa tax-shadow rapporteurs tal-Kumitat AGRI biex tikkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni. Huma ħadu nota li dan ir-regolament ma jaffettwax direttament is-settur agrikolu u l-bijogass.

Il-metan mill-agrikoltura jiġi rilaxxat minn sorsi kompletament differenti u f' sitwazzjonijiet differenti meta mqabbel ma' dawk mis-settur tal-enerġija fossili, u jeħtieġ li dawn jitqiesu b' mod separat.

Barra minn hekk, l-impatt tal-metan bijoġeniku fuq it-temperatura globali, skont il-metodu tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet, jista' jiġi ddubitat. Għalhekk, l-applikazzjoni ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> hija mezz mhux xieraq biex jitkejlu l-emissjonijiet tal-metan fis-settur agrikolu. Barra minn hekk, hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn il-karbonju bijoġeniku ta' ċiklu qasir u l-karbonju b' ċiklu twil mill-estrazzjoni tar-riżorsi fossili.

Filwaqt li qiesu dawn is-sejbiet, il-Koordinaturi tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali fil-laqgħa tagħhom tat-12 ta' Lulju 2022, talbuni ngħaddi l-opinjoni tagħhom, li nagħmel fil-forma ta' din l-ittra lilek skont l-Artikolu 56 tar-Regoli ta' Proċedura.

Dejjem tiegħek,

A handwritten signature in black ink that reads "Norbert Lins". The script is cursive and fluid, with the first letter 'N' being particularly large and stylized.

Norbert Lins

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	<i>It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u l-emenda tar-Regolament (UE) 2019/942</i>	
<b>Referenzi</b>	<i>COM(2021)0805 – C9-0467/2021 – 2021/0423(COD)</i>	
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	15.12.2021	
<b>Kumitati responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 7.3.2022	ITRE 7.3.2022
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 7.3.2022	AGRI 7.3.2022
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	BUDG 3.3.2022	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Pascal Canfin 28.6.2022	Jutta Paulus 28.6.2022
<b>Rapporteurs preċedenti</b>	<i>Silvia Sardone, Jutta Paulus</i>	
<b>Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	9.6.2022	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	10.10.2022	29.11.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	26.4.2023	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 114 -: 15 0: 3	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	<i>Mathilde Androuët, Bartosz Arlukowicz, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélie Beigneux, François-Xavier Bellamy, Monika Beňová, Hildegard Bentele, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Alexander Bernhuber, Michael Bloss, Markus Buchheit, Delara Burkhardt, Martin Buschmann, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Ignazio Corrao, Beatrice Covassi, Ciarán Cuffe, Nicola Danti, Maria Angela Danzi, Marie Dauchy, Esther de Lange, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Valter Flego, Heléne Fritzon, Niels Fuglsang, Jens Geier, Andreas Glück, Nicolás González Casares, Catherine Griset, Christophe Grudler, Robert Hajšel, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Ivo Hristov, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Karin Karlsbro, Seán Kelly, Izabela-Helena Kloc, Łukasz Kohut, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Zdzisław Krasnodębski, Miapetra Kumpula-Natri, Peter Liese, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Marisa Matias, Georg Mayer, Liudas Mažylis, Marina Mesure, Marina Mesure, Tilly Metz, Iskra Mihaylova, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Dan Nica, Niklas Nienaf, Ville Niinistö, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Mauri Pekkarinen, Mikuláš Peksa, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Sara Skyttedal, Maria Spyraiki, Maria Spyraiki, Riho Terras, Grzegorz Tobiszowski, Nils</i>	

	<i>Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Achille Variati, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska</i>
<i>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</i>	<i>Stefan Berger, Ioan-Rareş Bogdan, Ivan David, Ivan David, Anna Deparnay-Grunenberg, Matteo Gazzini, Jens Gieseke, Sunčana Glavak, Klemen Grošelj, Alicia Homs Ginel, Ladislav Ilčić, Radan Kanev, Ska Keller, Ondřej Knotek, Dace Melbārde, Dace Melbārde, Marcos Ros Sempere, Marcos Ros Sempere, Jordi Solé, Nicolae Ştefănuţă, Grzegorz Tobiszowski, Sarah Wiener, Jadwiga Wiśniewska</i>
<i>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</i>	<i>Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Vasile Blaga, Susanna Ceccardi, Paola Ghidoni, Krzysztof Jurgiel, Zbigniew Kuźmiuk, Katrin Langensiepen, Aušra Maldeikienė, Jan Olbrycht, Elżbieta Rafalska, Bogdan Rzońca, Eleni Stavrou, Kosma Złotowski</i>
<i>Data tat-tressiq</i>	<i>28.4.2023</i>



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

114	+
<i>ECR</i>	<i>Ladislav Ilčić, Krzysztof Jurgiel, Izabela-Helena Kloc, Joanna Kopcińska, Zdzisław Krasnodębski, Zbigniew Kuźmiuk, Elżbieta Rafalska, Bogdan Rzońca, Grzegorz Tobiszowski, Alexandr Vondra, Jadwiga Wiśniewska, Anna Zalewska, Kosma Zlotowski</i>
<i>NI</i>	<i>Martin Buschmann, Maria Angela Danzi</i>
<i>PPE</i>	<i>Pablo Arias Echeverría, Bartosz Arłukowicz, Traian Băsescu, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Stefan Berger, Alexander Bernhuber, Vasile Blaga, Ioan-Rares Bogdan, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Jens Gieseke, Sunčana Glavak, Adam Jarubas, Radan Kanev, Seán Kelly, Ewa Kopacz, Esther de Lange, Peter Liese, Aušra Maldeikienė, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Dace Melbārde, Dolors Montserrat, Ljudmila Novak, Jan Olbrycht, Jessica Polfjård, Christine Schneider, Sara Skytvedal, Maria Spyraiki, Eleni Stavrou, Riho Terras, Pernille Weiss</i>
<i>Renew</i>	<i>Pascal Canfin, Nicola Danti, Valter Flego, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Martin Hojsik, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Iskra Mihaylova, Mauri Pekkarinen, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir, Emma Wiesner, Michal Wiezik</i>
<i>S&amp;D</i>	<i>Marek Paweł Balt, Monika Beňová, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Beatrice Covassi, Cyrus Engerer, Hélène Fritzon, Niels Fuglsang, Jens Geier, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Alicia Homs Ginel, Ivo Hristov, Łukasz Kohut, Miapetra Kumpula-Natri, César Luena, Alessandra Moretti, Dan Nica, Marcos Ros Sempere, Günther Sidl, Achille Variati, Petar Vitanov, Tiemo Wölken</i>
<i>The Left</i>	<i>Anja Hazekamp, Marisa Matias, Marina Mesure, Silvia Modig, Mick Wallace</i>
<i>Verts/ALE</i>	<i>Michael Bloss, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Anna Deparnay-Grunenberg, Bas Eickhout, Pär Holmgren, Yannick Jadot, Ska Keller, Katrin Langensiepen, Tilly Metz, Niklas Nienau, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Mikuláš Peksa, Jordi Solé, Nicolae Ştefănuţă, Sarah Wiener</i>

15	-
<i>ID</i>	<i>Mathilde Androuët, Alessandra Basso, Aurélie Beigneux, Markus Buchheit, Susanna Ceccardi, Marie Dauchy, Ivan David, Matteo Gazzini, Paola Ghidoni, Catherine Griset, Georg Mayer, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone</i>
<i>NI</i>	<i>Ivan Vilibor Sinčić, Edina Tóth</i>

3	0
<i>ECR</i>	<i>Teuvo Hakkarainen</i>
<i>Renew</i>	<i>Andreas Glück, Ondřej Knotek</i>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni